ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 173

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

8 ta’ Lulju 2010

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 595/2010 tat-2 ta’ Lulju 2010 li jemenda l-Annessi VIII, X u XI għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman** ([1]) ..... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 596/2010 tas-7 ta’ Lulju 2010 li jadatta r-Regolament (KE) Nru 1019/2002 dwar l-istandards ta’ marketing għaż-żejt taż-żebbuġa, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija** ..... 27

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 597/2010 tas-7 ta’ Lulju 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix ..... 28

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 598/2010 tas-7 ta’ Lulju 2010 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 576/2010 li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mill-1 ta’ Lulju 2010 ..... 30

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2010/47/UE tal-5 ta’ Lulju 2010 li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ispezzjoni teknika fil-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq** ..... 33

*(Ikompli fil-paġna ta’ wara)*

**Prezz: 7 EUR**

([1]) Test b’relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b’titoli b’tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta’ kuljum ta’ affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b’tipa skura u mmarkati b’asterisk quddiemhom.

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2010/48/UE tal-5 ta' Lulju 2010 li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq** (1) ........ 47

DEĊIŻJONIJIET

2010/377/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Lulju 2010 li teħles lill-Estonja minn ċerti obbligi biex tapplika d-Direttivi tal-Kunsill 66/402/KEE u 2002/57/KE fir-rigward ta' *Avena strigosa* Schreb., *Brassica nigra* (L.) Koch u *Helianthus annuus* L.** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4526)* (1) 73

RAKKOMANDAZZJONIJIET

2010/378/UE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2010 dwar il-valutazzjoni tad-difetti waqt l-ittestjar ta' vetturi għat-triq skont id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq** ........ 74

2010/379/UE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2010 il-valutazzjoni tar-riskju tan-nuqqasijiet li jinstabu waqt spezzjonijiet tekniċi (ta' vetturi kummerċjali) fit-triq skont id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ........ 97

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 595/2010

**tat-2 ta' Lulju 2010**

**li jemenda l-Annessi VIII, X u XI għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman [1], u b'mod partikolari l-ewwel u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jippreskrivi regoli li jirrigwardaw is-saħħa tal-annimali u s-saħħa pubblika li jikkonċernaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsubin għall-konsum uman. Jipprovdi li proteina pproċessata tal-annimali u prodotti oħrajn ipproċessati li jistgħu jintużaw bħala materjal ta' għalf għandhom jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikunu ġew ipproċessati skont l-Anness VII għal dak ir-Regolament. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jipprovdi li ikel għal annimali domestiċi, ikel ta' mastikazzjoni għall-klieb u prodotti tekniċi u dawk il-prodotti sekondarji tal-annimali msemmijin fl-Anness VIII għandhom jitqiegħdu fis-suq biss jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti f'dak l-Anness.

(2) Il-Kapitolu V tal-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 attwalment jistabbilixxi rekwiżiti armonizzati għat-tqegħid fis-suq u għall-importazzjoni tas-serum taż-żwiemel. Iżda ċerti Stati Membri, sieħba fil-kummerċ u operaturi ekonomiċi wrew l-interess tagħhom fl-użu tad-demm u f'firxa usa' ta' prodotti tad-demm taż-żwiemel, ta' oriġini kemm mill-Unjoni kif ukoll minn pajjiżi terzi, għal għanijiet tekniċi fl-Unjoni. Biex ikun iffaċilitat l-użu ta' demm bħal dan u ta' prodotti ta' demm bħal dawn, huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-użu tagħhom għal għanijiet tekniċi. Rekwiżiti bħal dawn għandhom itaffu r-riskji li jista' jkun hemm ta' trażmissjoni ta' ċertu mard li bilfors irid jiġi nnotifikat, liema mard jidher fil-Lista tad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni ta' żwiemel [2] minn pajjiżi abbażi ta' evidenza xjentifika disponibbli. B'mod partikolari, id-demm għandu jiġi minn biċċeriji li jkunu ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għal ikel li jkun ġej mill-annimali [3], jew minn faċilitajiet approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, u taħt is-superviżjoni tiegħu, għal ġbir ta' demm, bħal azjendi fejn l-annimali jinżammu f'kundizzjonijiet speċjali ta' saħħa.

(3) Il-Kapitolu X tal-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jistabbilixxi rekwiżiti għall-importazzjoni ta' qrejjen u prodotti tal-qrejjen (eskluż biċċiet tal-qrejjen) u dwiefer u prodotti ta' dwiefer (eskluż biċċiet ta' dwiefer), maħsubin għal użu li mhuwiex dak ta' materjal ta' għalf, fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbu l-ħamrija.

(4) Operaturi ekonomiċi wrew l-interess tagħhom fl-użu ta' prodotti sekondarji tal-annimali bħal dawn għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew ta' materjali li jtejbu l-ħamrija. Iżda t-tqegħid fis-suq, inkluż l-importazzjoni ta' prodotti sekondarji bħal dawn tal-annimali, għandu jitħalla jsir biss jekk dawn il-prodotti joriġinaw minn annimali li jkunu tajbin għall-qatla għall-konsum uman jew li ma jkunux urew sinjali kliniċi ta' mard li jittieħed u jekk għalihom ikun ġie applikat trattament li jtaffi r-riskji li jista' jkun hemm għas-saħħa.

[1] ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

[2] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42.

[3] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

(5) Fil-każ tal-qrejjen, għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex tkun impeduta t-trażmissjoni tal-enċefalopatija sponġiforma li tittieħed (transmissible spongiform encephalopathy - TSE) meta l-qrejjen jitneħħew mill-irjus. Il-Kumitat Xjentifiku ta' Tmexxija ħareġ opinjoni dwar it-tixrid infettiv tat-TSE f'tessuti ta' annimali li jixtarru [1]. Skont dik l-opinjoni, il-qrejjen għandhom jitneħħew mingħajr il-ftuħ tal-kavità kranjali, biex kontaminazzjoni reċiproka ma' aġenti tat-TSE tkun impeduta.

(6) Għaldaqstant għandu jiżdied Kapitolu XV ġdid tal-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 li jispeċifika l-kundizzjonijiet ta' saħħa għat-tqegħid fis-suq, inkluża l-importazzjoni, ta' qrejjen u prodotti ta' qrejjen, eskluż biċċiet ta' qrejjen, u dwiefer u prodotti tad-dwiefer, eskluż biċċiet tad-dwiefer, li jkunu maħsubin għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew ta' materjali li jtejbu l-ħamrija.

(7) L-Anness X għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 437/2008 [2], jistabbilixxi mudell wieħed ta' ċertifikat tas-saħħa għal ħalib u prodotti tal-ħalib mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem li joriġinaw f'pajjiżi terzi biex jintbagħtu lejn l-Unjoni jew biex jgħaddu minnha. Il-Kapitolu V tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għat-tqegħid fis-suq u għall-importazzjoni ta' ħalib, prodotti tal-ħalib u kolostrum. Il-punt 3 tas-Sezzjoni A u l-punt 1.5 tas-Sezzjoni B ta' dak il-Kapitolu jistabbilixxu r-rekwiżiti għax-xorrox li għandu jintama' lil annimali ta' speċi suxxettibbli għall-marda tal-ilsien u dwiefer. Iċ-ċertifikat mudell ta' saħħa għall-importazzjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem jinsab fil-Kapitolu 2 tal-Anness X għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002. Ir-rekwiżiti għax-xorrox stabbiliti f'dak iċ-ċertifikat mudell huma aktar stretti mir-rekwiżiti li japplikaw għax-xorrox fil-kummerċ fl-Unjoni stabbiliti fil-Kapitolu V tal-Anness VII għal dak ir-Regolament. Għaldaqstant dak iċ-ċertifikat mudell għandu jiġi emendat biex ir-rekwiżiti għall-importazzjoni tax-xorrox ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li japplikaw għall-produzzjoni u t-tqegħid għall-bejgħ tax-xorrox fil-kummerċ fl-Unjoni. Iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa fil-Kapitolu 2 tal-Anness X għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 għandu, għaldaqstant, jiġi emendat.

(8) L-Anness XI għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi li minnhom, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem b'referenza għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE [3], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/296/KE [4], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/85/KEE [5], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/984/KE [6], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/585/KE [7], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/609/KE [8], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE [9], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/438/KE [10] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/696/KE [11]. Dawn l-atti legali ġew emendati jew sostitwiti b'mod konsiderevoli. L-Anness XI għandu jiġi emendat biex iqis emendi magħmulin għal dawk l-atti tal-Unjoni.

(9) Għandu jingħata perjodu ta' tranżizzjoni wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, biex jingħata żmien biżżejjed lill-partijiet interessati kollha biex jikkonformaw mar-regoli l-ġodda u biex jitħalla l-issoktar tal-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti sekondarji tal-annimali, kif hemm ipprovdut fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002, qabel l-emendi introdotti b'dan ir-Regolament.

(10) Il-miżuri msemmijin f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi VIII, X u XI għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 huma emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Għal perjodu ta' tranżizzjoni sal-31 ta' Awwissu 2010, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw kunsinni ta' ħalib u ta' prodotti tal-ħalib, serum taż-żwiemel u prodotti ta' demm ittrattat, esklużi dawk ta' żwiemel għall-manifattura ta' prodotti tekniċi li jkollhom magħhom ċertifikat tas-saħħa mimli u ffirmat skont iċ-ċertifikati mudelli rilevanti, kif stabbilit fil-Kapitolu 2, il-Kapitolu 4(A) u l-Kapitolu 4(D) rispettivament tal-Anness X għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 qabel id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Sat-30 ta' Ottubru 2010, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw kunsinni bħal dawn jekk iċ-ċertifikati ta' saħħa li jkollhom magħhom ikunu mtlew u ġew iffirmati qabel l-1 ta' Settembru 2010.

[1] Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku ta' Tmexxija adottata fil-laqgħa tiegħu tal-10 u l-11 ta' Jannar 2002 u emendata fil-laqgħa tiegħu tas-7 u t-8 ta' Novembru 2002.
[2] ĠU L 132, 22.5.2008, p. 7.
[3] ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15.
[4] ĠU L 122, 14.5.1997, p. 21.
[5] ĠU L 44, 17.2.1994, p. 31.
[6] ĠU L 378, 31.12.1994, p. 11.
[7] ĠU L 251, 6.10.2000, p. 1.
[8] ĠU L 258, 12.10.2000, p. 49.
[9] ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1.
[10] ĠU L 154, 30.4.2004, p. 72.
[11] ĠU L 295, 25.10.2006, p. 1.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ u għandu japplika fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-Annessi VIII, X u XI għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Kapitolu V huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU V

**Rekwiżiti għal demm u prodotti tad-demm taż-żwiemel għal għanijiet tekniċi**

A. *Tqegħid fis-suq*

It-tqegħid fis-suq għal għanijiet tekniċi ta' demm u prodotti tad-demm minn żwiemel għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Id-demm jista' jitqiegħed fis-suq bil-kundizzjoni li:

(a) ikun inġabar minn żwiemel li:

(i) waqt l-ispezzjoni fid-data tal-ġbir tad-demm ma jurux sinjali kliniċi ta' xi marda li bilfors trid tiġi nnotifikata elenkata fl-Anness A għad-Direttiva 90/426/KEE, u tal-influwenza tal-ekwini, il-piroplażmożi tal-ekwini, ir-rinopnewmonite tal-ekwini u l-artrite virali tal-ekwini, elenkati fil-punt 4 tal-Artikolu 1.2.3. tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), Edizzjoni tal-2009;

(ii) jkunu nżammu għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tad-demm u matul dan il-ġbir, f'azjendi taħt superviżjoni veterinarja, li ma kinux soġġetti għal ordni ta' projbizzjoni skont l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 90/426/KEE jew għal restrizzjonijiet skont l-Artikolu 5 tagħha;

(iii) għall-perjodi stabbiliti fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 90/426/KEE ma kellhomx kuntatt ma' żwiemel ta' azjendi li ma kinux soġġetti għal ordni ta' projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali skont dak l-Artikolu, u li għal mill-inqas 40 jum qabel id-data tal-ġbir tad-demm u matul dan il-ġbir ma kellhomx kuntatt ma' żwiemel minn Stat Membru jew pajjiż terz li ma kinux jitqiesu ħielsa minn marda Afrikana taż-żwiemel skont l-Artikolu 5(2)(a) ta' dik id-Direttiva;

(b) ikun inġabar taħt superviżjoni veterinarja:

(i) f'biċċeriji approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004; jew

(ii) f'faċilitajiet approvati u li jkollhom numru ta' approvazzjoni veterinarja u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti bil-għan li jinġabar demm taż-żwiemel għall-produzzjoni ta' prodotti tad-demm għal għanijiet tekniċi.

2. Prodotti tad-demm jistgħu jitqiegħdu fis-suq bil-kundizzjoni li:

(a) ikunu ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata l-kontaminazzjoni tal-prodotti tad-demm ma' aġenti patoġeniċi matul il-produzzjoni, l-immaniġġar u l-ippakkjar;

(b) il-prodotti tad-demm ikunu ġew prodotti minn demm li:

(i) jew jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(a); jew

(ii) kienu soġġetti għal mill-inqas wieħed mit-trattamenti li ġejjin, segwiti minn kontroll tal-effikaċja, għall-inattivar ta' patoġeni kawżattivi għall-marda Afrikana taż-żwiemel, l-enċefalomajlite tal-ekwini ta' kull xorta, inkluża l-enċefalomajlite tal-ekwini tal-Venezwela, l-anemija infettiva ekwina, l-istomatite vesikulari u glanders (*Burkholderia mallei*) li seta' kien hemm:

— trattament bis-sħana f'temperatura ta' 65 °C għal mill-inqas tliet sigħat;

— irradjazzjoni f'25 kGy b'raġġi gamma;

— bidla fil-pH għal pH 5 għal sagħtejn;

— trattament bis-sħana ta' mill-inqas 80 °C fis-sustanza kollha tagħhom.

3. Demm u prodotti tad-demm minn żwiemel għandhom ikunu ppakkjati f'reċipjenti impermeabbli u ssiġillati li:

   (a) jkollhom tikketta li tinqara faċilment bil-kliem 'DEMM U PRODOTTI TAD-DEMM MINN ŻWIEMEL, MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM JEW MILL-ANNIMALI';

   (b) ikollhom in-numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment tal-ġbir li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1(b).

B. *Importazzjoni*

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' demm u ta' prodotti tad-demm taż-żwiemel għal għanijiet tekniċi, soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Id-demm għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(a) tas-Sezzjoni A u għandu jinġabar taħt superviżjoni veterinarja jew:

   (a) f'biċċeriji

      (i) approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004; jew

      (ii) approvati u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz; jew

   (b) f'faċilitajiet approvati u li jkollhom numru ta' approvazzjoni veterinarja u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz bil-għan li jinġabar demm taż-żwiemel għall-produzzjoni ta' prodotti tad-demm għal għanijiet tekniċi.

2. Il-prodotti tad-demm għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 tas-Sezzjoni A.

   Barra minn hekk, il-prodotti tad-demm imsemmijin fil-paragrafu 2(b)(i) tas-Sezzjoni A għandhom ikunu ġew prodotti minn demm miġbur minn żwiemel li jkunu nżammu għal perjodu ta' mill-inqas tliet xhur, jew mit-twelid tagħhom jekk kellhom inqas minn tliet xhur qabel id-data tal-ġbir f'azjendi taħt superviżjoni veterinarja fil-pajjiż terz tal-ġbir, li matul dak il-perjodu u matul il-perjodu tal-ġbir tad-demm kienu ħielsa minn:

   (a) marda Afrikana taż-żwiemel skont l-Artikolu 5(2)(a) tad-Direttiva 90/426/KEE;

   (b) l-enċefalomajlite tal-ekwini tal-Venezwela għal perjodu ta' mill-inqas sentejn;

   (c) glanders:

      (i) għal perjodu ta' tliet snin; jew

      (ii) għal perjodu ta' sitt xhur li matulu l-annimali ma jkunu wrew ebda sinjali kliniċi ta' glanders (*Burkholderia mallei*) matul l-ispezzjoni *post-mortem* fil-biċċerija li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1(a), inkluż eżami bir-reqqa tal-membrani mukużi mit-trakea, il-larinġi, il-kavitajiet nażali u s-sinus u r-ramifikazzjonijiet tagħhom, wara l-qsim tar-ras fil-pjan medjan u l-qtugħ barra tas-septum nażali;

   (d) l-istomatite vesikulari, għal sitt xhur.

3. Il-prodotti tad-demm għandhom jiġu minn impjant tekniku approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz li jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

4. Id-demm u l-prodotti tad-demm għandhom jiġu minn pajjiż terz li jidher fil-lista li hemm referenza għaliha fil-Partijiet li ġejjin tal-Anness XI:

   (a) Parti XIII(A) fejn id-demm ikun inġabar skont il-paragrafu 1 tas-Sezzjoni A jew fejn prodotti tad-demm ikunu ġew prodotti skont il-paragrafu 2(b)(i) tas-Sezzjoni A; jew

   (b) Parti XIII(B) fejn huma jkunu ġew ittrattati skont il-paragrafu 2(b)(ii) tas-Sezzjoni A.

5. Id-demm u prodotti tad-demm għandhom ikunu ppakkjati u ttikkettjati skont il-paragrafu 3(a) tas-Sezzjoni A u għandu jkollhom magħhom ċertifikat tas- saħħa li jkun konformi mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 4(A) tal-Anness X, mimli u ffirmat kif dovut mill-veterinarju uffiċjali."

(b) ġie miżjud il-Kapitolu XV li ġej:

"KAPITOLU XV

**Rekwiżiti għal qrejjen u prodotti ta' qrejjen, eskluż biċċiet ta' qrejjen, u dwiefer u prodotti ta' dwiefer, eskluż biċċiet ta' dwiefer, maħsubin għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija**

A. *Tqegħid fis-suq*

It-tqegħid fis-suq ta' qrejjen u prodotti ta' qrejjen, eskluż biċċiet ta' qrejjen, u dwiefer u prodotti ta' dwiefer, eskluż biċċiet ta' dwiefer, maħsubin għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija, għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. huma għandhom joriġinaw minn annimali li:

(a) jew ikunu nqatlu f'biċċerija, wara li jkunu għaddew minn spezzjoni *ante-mortem*, u nstabu li kienu, b'riżultat ta' din l-ispezzjoni, tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

(b) jew ma wrewx sinjali kliniċi ta' xi marda ta' dak il-prodott li tittieħed mill-bniedem jew mill-annimali.

2. ikunu għaddew minn trattament bis-sħana għal siegħa f'temperatura ta' mill-inqas 80°C fil-qalba tagħha;

3. il-qrejjen ikunu tneħħew mingħajr il-ftuħ tal-kavità kranjali;

4. f'kull stadju tal-proċessar, ħżin jew trasport, tkun ittieħdet kull prekawzjoni biex tkun evitata l-kontaminazzjoni reċiproka;

5. għandhom jiġu ppakkjati f'pakki jew f'reċipjenti ġodda; jew għandhom jiġu ttrasportati f'vetturi jew f'kontejners li jġorru bil-kwantità li kienu ġew diżinfettati qabel it-tagħbija bl-użu ta' prodott approvat mill-awtorità kompetenti;

6. Il-pakki jew ir-reċipjenti għandhom:

(a) jindikaw it-tip ta' prodott (qrejjen, prodotti ta' qrejjen, dwiefer jew prodotti ta' dwiefer);

(b) ikunu ttikkettjati b'mod ċar 'MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM JEW MILL-ANNIMALI';

(c) ikunu mmarkati bl-isem u bl-indirizz tal-impjant tekniku jew ta' ħażna approvat ta' destinazzjoni.

B. *Importazzjoni*

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' qrejjen u prodotti ta' qrejjen, eskluż biċċiet ta' qrejjen, u dwiefer u prodotti ta' dwiefer, eskluż biċċiet ta' dwiefer, maħsubin għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija bil-kundizzjoni li dawn:

1. jiġu minn pajjiż terz li jidher fil-lista li hemm referenza għaliha fil-Parti XVIII tal-Anness XI;

2. ikunu ġew prodotti skont il-punt A ta' dan il-Kapitolu;

3. ikollhom magħhom ċertifikat tas-saħħa li jikkonforma mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 18 tal-Anness X, mimli u ffirmat kif dovut mill-veterinarju uffiċjali;

4. jitwasslu, wara li jkunu saru l-eżamijiet veterinarji fil-post ta' spezzjoni tal-fruntiera *fil-punt ta' dħul fl-Unjoni* kif hemm provdut fid-Direttiva 97/78/KE, u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(4) ta' dik id-Direttiva, direttament għal impjant tekniku approvat jew impjant ta' ħażna approvat."

(2) L-Anness X huwa emendat kif ġej:

(a) il-Kapitolu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 2

**Ċertifikat tas-saħħa**

*Għal ħalib u prodotti tal-ħalib mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem biex jintbagħtu lejn l-Unjoni Ewropea jew biex jgħaddu minnha* (2)

**PAJJIŻ** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-Kunsinja mibgħuta**

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Tel. | I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza / I.2.a<br>I.3. Awtorità ċentrali kompetenti<br>I.4. Awtorità lokali kompetenti |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. | I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO<br>I.8. Reġjun ta' oriġini — Kodiċi | I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni — Kodiċi ISO<br>I.10. Reġjun ta' destinazzjoni — Kodiċi |
| I.11. Pajjiż ta' oriġini<br>Isem — Numru ta ' approvazzjoni<br>Indirizz | I.12. Post ta' destinazzjoni<br>Maħżen tad-dwana ☐<br>Isem — Numru ta ' approvazzjoni<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali |
| I.13. Post ta' tgħabija | I.14. Data ta' tluq |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐<br>Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni:<br>Referenzi Dokumentarji: | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. Numru/i tas-CITES |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)<br>I.20. Kwantità |
| I.21. Temperatura ta' prodotti<br>Ambjent ☐ Imkessaħ ☐ Friżat ☐ | I.22. Numru ta' pakketti |
| I.23. Numru tas-sigill/tal-kontenitur | I.24. Tip ta' ippakkettar |
| I.25. Prodotti ċċertifikati<br>Ikel tal-annimali ☐ Aktar ipproċessar ☐ Użu tekniku ☐ Oħrajn ☐ | |
| I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO | I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐ |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti<br>Speċi (isem xjentifiku) — Numru ta ' approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura — Piż nett — Numru tal-baċċ | |

**PAJJIŻ** **Ħalib u prodotti tal-ħalib mhux għall-konsum mill-bniedem**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

Parti II: Ċertifikazzjoni

Jiena, l-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 u l-Kapitolu V tal-Anness VII għalih, u niċċertifika li l-ħalib ([2]) jew il-prodotti tal-ħalib ([2]) li hemm referenza għalihom fil-kaxxa I.28 jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

II.1. ġew prodotti u oriġinaw fi ............................................. *(niżżel l-isem tal-pajjiż esportatur)* ([3]), .................................... *(niżżel l-isem tar-reġjun)* ([3]), li huwa elenkat fl-Anness għad-Deċiżjoni 2004/438/KE, li kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer (MLD) u mill-pesta tal-ifrat għal 12-il xahar immedjatament qabel l-esportazzjoni u ma pprattikax tilqim kontra l-pesta tal-ifrat matul dak il-perjodu;

II.2. saru minn ħalib mhux maħdum li oriġina minn annimali li fiż-żmien tal-ħlib ma wrewx sinjali kliniċi ta' xi marda li tiġi trasmessa mill-ħalib għall-bniedem jew għall-annimali, u li nżammu għal mill-inqas 30 jum qabel il-produzzjoni f'azjendi li ma kinux soġġetti għal restrizzjonijiet uffiċjali minħabba l-marda tal-ilsien u d-dwiefer (MLD) jew il-pesta tal-ifrat;

II.3. huma ħalib jew prodotti tal-ħalib li:

([2]) *jew* [għaddew minn wieħed mit-trattamenti jew kombinazzjonijiet tagħhom kif deskritt fil-punt II. 4]

([2]) *jew* [fejn ikunu magħmulin mix-xorrox biex jingħata bħala għalf lil annimali ta' speċi suxxettibbli għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer (MLD), dak ix-xorrox inġabar minn ħalib li ġie soġġett għal wieħed mit-trattamenti deskritti fil-punt II. 4 u

([2]) *jew* [ix-xorrox inġabar mill-inqas 16-il siegħa wara li għaqad u għandu pH taħt 6;]

([2]) *jew* [ix-xorrox ġie prodott mill-inqas 21 jum qabel il-ġarr bil-baħar u li f'dan il-perjodu ma nstab ebda każ tal-MLD fil-pajjiż esportatur;]

([2]) *jew* [ix-xorrox ġie prodott nhar ../../.., din id-data, minħabba li ġie kkunsidrat it-tul imbassar tal-vjaġġ, li huwa mill-inqas 21 jum qabel mal-kunsinna tkun ippreżentata f'Post ta' Spezzjoni tal-Fruntiera tal-Unjoni Ewropea;] ([4])]

II.4. kienu soġġetti għal wieħed mit-trattamenti li ġejjin:

([2]) *jew* [Pastorizzazzjoni f'Temperatura Għolja u Għal Qasir Żmien ta' 72 °C għal mill-inqas 15-il sekonda, jew pastorizzazzjoni ekwivalenti li ġġib reazzjoni negattiva għal test tal-phosphatase, flimkien ma':

([2]) *jew* [tieni pastorizzazzjoni sussegwenti f'Temperatura Għolja u Għal Qasir Żmien ta' 72 °C għal mill-inqas 15-il sekonda jew pastorizzazzjoni ekwivalenti li hija stess iġġib reazzjoni negattiva għal test tal-phosphatase;]

([2]) *jew* [proċess ta' nxif sussegwenti li fil-każ ta' ħalib maħsub għall-ikel isir flimkien ma' tisħin addizzjonali sa 72 °C jew ogħla;]

([2]) *jew* [proċess sussegwenti li bih, il-pH jitnaqqas u jinżamm għal mill-inqas siegħa f'livell taħt 6;]

([2])([4]) *jew* [il-kundizzjoni li l-ħalib/prodott tal-ħalib ġew prodotti mill-inqas 21 jum qabel il-ġarr bil-baħar u li f'dan il-perjodu ma jkun instab ebda każ tal-MLD fil-pajjiż esportatur;]

([2])([4]) *jew* [il-ħalib/prodott tal-ħalib ġew prodotti fi .../../...., din id-data, minħabba li ġie kkunsidrat it-tul imbassar tal-vjaġġ, li huwa mill-inqas 21 jum qabel mal-kunsinna tkun ippreżentata f'Post ta' Spezzjoni tal-Fruntiera tal-Unjoni Ewropea;]

([2]) *jew* [sterilizzazzjoni f'livell ta' mill-inqas $F_0$3;]

([2]) *jew* [Trattament f'Temperatura Għolja Ħafna ta' 132 °C għal mill-inqas sekonda waħda flimkien ma':

([2]) *jew* [proċess ta' nxif sussegwenti li fil-każ ta' ħalib maħsub għall-ikel isir flimkien ma' tisħin addizzjonali għal 72 °C jew iktar,]

([2]) *jew* [proċess sussegwenti li bih il-pH jitnaqqas u jinżamm għal mill-inqas siegħa f'livell taħt 6.]

([2])([4]) *jew* [il-kundizzjoni li l-ħalib/prodott tal-ħalib ġew prodotti mill-inqas 21 jum qabel il-ġarr bil-baħar u li f'dan il-perjodu ma jkun instab ebda każ tal-MLD fil-pajjiż esportatur;]

([2])([4]) *jew* [il-ħalib/prodott tal-ħalib ġew prodotti fi .../../...., minħabba li ġie kkunsidrat it-tul imbassar tal-vjaġġ, li huwa mill-inqas 21 jum qabel mal-kunsinna tkun ippreżentata f'Post ta' Spezzjoni tal-Fruntiera tal-Unjoni Ewropea]

**PAJJIŻ** **Ħalib u prodotti tal-ħalib mhux għall-konsum mill-bniedem**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

II.5. tkun ittieħdet kull prekawzjoni biex tkun evitata l-kontaminazzjoni tal-ħalib/prodott tal-ħalib wara l-ipproċessar;

II.6. il-ħalib/prodott tal-ħalib ġie ppakkjat:

(2) *jew* [f'reċipjenti ġodda,]

(2) *jew* [f'vetturi jew f'kontejners li jġorru bil-kwantità, diżinfettati qabel it-tagħbija bl-użu ta' prodott approvat mill-awtorità kompetenti,]

*u* the containers are marked so as to indicate the nature of the milk/milk product and bear labels indicating that the product is Category 3 material and not intended for human consumption.

**Noti**

**Parti I:**

— Referenza għall-kaxxa I.6: Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu.

— Referenza għall-kaxxa I.12: Post ta' destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu.

— Referenza għall-kaxxa I.15: Għandhom jingħataw in-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontejners jew trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur). F'każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid, min jibgħat għandu jgħarraf lill-Post ta' Spezzjoni tal-Fruntiera tal-Unjoni Ewropea.

— Referenza għall-kaxxa I.19: uża l-kodiċi x-xieraq tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana: 23.09.10, 23.09.90, 35.01, 35.02 jew 35.04.

— Referenza għall-kaxxa I.23: għal kontejners li jġorru bil-kwantità, għandu jkun hemm inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk applikabbli).

— Referenza għall-kaxxa I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat huwiex wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

— Referenza għall-kaxxa I.28: "Impjant ta' manifattura": agħti n-numru ta' reġistrazzjoni tat-trattament jew tal-istabbiliment tal-ipproċessar.

**Parti II:**

(1) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

(2) Ħassar kif meħtieġ.

(3) Għandha timtela jekk l-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea hija ristretta għal ċerti reġjuni tal-pajjiż terz konċernat.

(4) din il-kundizzjoni tapplika biss għal pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna "A" tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/438/KE

— Il-firma u s-siġill għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak tal-istampar.

— Nota għall-importatur: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jinżamm mal-kunsinna sakemm din tasal fil-Post ta' Spezzjoni tal-Fruntiera tal-Unjoni Ewropea.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:"

Timbru:

(b) Il-Kapitolu 4(A) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 4 (A)

**Ċertifikat tas-saħħa**

*Għal importazzjoni ta' demm u prodotti tad-demm taż-żwiemel għal għanijiet tekniċi, maħsubin biex jintbagħtu lejn l-Unjoni Ewropea jew biex jgħaddu minnha* (2)

**PAJJIŻ** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-Kunsinja mibgħuta

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>☐ Isem<br>Indirizz<br>Tel. | I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza / I.2.a<br>I.3. Awtorità ċentrali kompetenti<br>I.4. Awtorità lokali kompetenti |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. | I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO<br>I.8. Reġjun ta' oriġini — Kodiċi | I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni — Kodiċi ISO<br>I.10. |
| I.11. Pajjiż ta' oriġini<br>Isem — Numru ta ' approvazzjoni<br>Indirizz | I.12. Post ta' destinazzjoni<br>Maħżen tad-dwana ☐<br>Isem — Numru ta ' approvazzjoni<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali |
| I.13. Post ta' tgħabija | I.14. Date of departure |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐<br>Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni:<br>Referenzi Dokumentarji: | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)<br>**30.02**<br>I.20. Kwantità |
| I.21. Temperatura ta' prodotti<br>Ambjent ☐ Imkessaħ ☐ Friżat ☐ | I.22. Numru ta' pakketti |
| I.23. Numru tas-sigill/tal-kontenitur | I.24. Tip ta' ippakkettar |
| I.25. Prodotti ċċertifikati<br>Użu tekniku ☐ | |
| I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO | I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐ |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti<br>Speċi (isem xjentifiku) | Numru ta ' approvazzjoni tal-istabbilimenti<br>Impjant tal-manifattura |

**PAJJIŻ** **Demm u prodotti tad-demm taż-żwiemel għal għanijiet tekniċi**

| II. Informazzjoni dwar saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

Parti II: Ċertifikazzjoni

Jiena, l-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002(1), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(c), l-Artikolu 6 u l-Kapitolu V tal-Anness VII għalih, u niċċertifika li d-demm jew il-prodotti tad-demm taż-żwiemal deskritti hawn fuq:

II.1. jikkonsistu minn demm jew prodotti tad-demm taż-żwiemel li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa li jidhru hawn taħt;

II.2. jikkonsistu esklussivament minn demm jew prodotti tad-demm taż-żwiemel mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali;

II.3. jiġu minn pajjiż terz, territorju jew parti minnu elenkati fil-Parti XIII tal-Anness XI għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 fejn il-mardiet li ġejjin għandhom bilfors jiġu nnotifikati: marda Afrikana taż-żwiemel, id-durina, glanders (Burkholderia mallei), l-enċefalomajlite tal-ekwini (kull tip inkluż il-VEE), l-anemija infettiva tal-ekwini, l-istomatite vesikulari, l-idrofobija, l-antraċe;

II.4. oriġinaw minn demm li nġabar taħt is-superviżjoni ta' veterinarju, minn żwiemel, li waqt spezzjoni fiż-żmien tal-ġbir, kienu ħielsa minn sinjali kliniċi ta' mard li jittieħed:

(2) *jew* [f'biċċeriji approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 (3);]

(2) *jew* [f'biċċeriji approvati u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-esportazzjoni;]

(2) *jew* [f'faċilitajiet approvati u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-esportazzjoni bil-għan li jinġabar demm taż-żwiemel għall-produzzjoni ta' prodotti tad-demm għal għanijiet tekniċi;]

II.5. oriġinaw minn demm li nġabar minn żwiemel;

II.5.1. li waqt spezzjoni fid-data tal-ġbir tad-demm ma wrewx sinjali kliniċi ta' xi marda li bilfors trid tiġi nnotifikata elenkata fl-Anness A għad-Direttiva 90/426/KEE(4), u tal-influwenza ekwina, il-piroplażmożi tal-ekwini, ir-rinopnewmonite tal-ekwini u l-artrite virali tal-ekwini elenkati fil-punt 4 tal-Artikolu 1.2.3. tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), Edizzjoni tal-2009;

II.5.2. li nżammu għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tad-demm u matulu, f'azjendi taħt superviżjoni veterinarja u li ma kinux soġġetti għal ordni ta' projbizzjoni skont l-Artikolu 4(5) jew għal restrizzjonijiet għall-marda Afrikana taż-żwiemel skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 90/426/KEE;

II.5.3. li ma kellhomx kuntatt ma' żwiemel minn azjenda li kienet soġġetta għal ordni ta' projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali skont Artikolu 4(5) tad-Direttiva 90/426/KEE;

II.5.4. li nġabar minn żwiemel li għalihom il-perjodu għall-ordni ta' projbizzjoni msemmija fil-punti II.5.2.u II.5.3 kien stabbilit kif ġej:

(2) *jew* [fejn mhux l-annimali kollha ta' speċi suxxettibbli għall-mard u li kienu jinsabu fl-azjenda jkunu nqatlu u l-bini jkun ġie diżinfettat, il-perjodu ta' projbizzjoni jkun:

— ta' sitt xhur fil-każ ta' glanders *(Burkholderia mallei)*, li jibda mid-data li fiha ż-żwiemel infettati bil-marda jinqatlu;

— sitt xhur fil-każ tal-enċefalomajlite tal-ekwini ta' kull tip, inkluża l-enċefalomajlite tal-ekwini tal-Venezwela, li jibdew mid-data li fiha jinqatlu ż-żwiemel infettati bil-marda;

— fil-każ tal-anemija infettiva tal-ekwini, sad-data li fiha nqatlu l-annimali infettati, u l-bqija tal-annimali jkunu wrew reazzjoni negattiva għal żewġ testijiet ta' Coggins magħmulin fi żmien tliet xhur wieħed mill-ieħor;

— matul sitt xhur mid-data tal-aħħar każ reġistrat tal-istomatite vesikulari;

— matul xahar mid-data tal-aħħar każ reġistrat ta' idrofobija;

— matul 15-il jum mid-data tal-aħħar każ reġistrat tal-antraċe.]

(2) *jew* [jekk l-annimali kollha ta' speċi suxxettibbli għall-mard u li jkunu jinsabu fl-azjenda jkunu nqatlu u l-bini jkun ġie diżinfettat, il-perjodu ta' projbizzjoni għandu jkun ta' 30 jum, li jibda mid-data li fiha l-annimali jkunu nqatlu u l-bini jkun ġie diżinfettat, ħlief fil-każ tal-antraċe, fejn il-perjodu ta' projbizzjoni għandu jkun ta' 15-il jum]

**PAJJIŻ** **Demm u prodotti tad-demm taż-żwiemel għal għanijiet tekniċi**

| II. Informazzjoni dwar saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

II.6. prodotti tad-demm jiġu minn impjant approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz li jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 17 jew 18 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

II.7. prodotti tad-demm ikunu saru minn demm li jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmijin fi II.4. u II.5 u

(2) *jew* [saru minn demm miġbur minn żwiemel li nżammu għal perjodu ta' mill-inqas tliet xhur, jew mit-twelid jekk kellhom inqas minn tliet xhur qabel id-data tal-ġbir f'azjendi taħt superviżjoni veterinarja fil-pajjiż tal-ġbir, li matul dak il-perjodu u l-perjodu tal-ġbir tad-demm kienu ħielsa minn:

(a) il-marda Afrikana taż-żwiemel għal sentejn

(b) enċefalomajlite tal-ekwini tal-Venezwela għal perjodu ta' mill-inqas sentejn;

(c) glanders

(2) *jew* [għal perjodu ta' tliet snin;]

(2) *jew* [għal perjodu ta' sitt xhur fejn l-annimali jkunu għaddew mill-ispezzjoni post-mortem għall-glanders fil-biċċerija msemmija fil-paragrafu II.4, inkluż eżami bir-reqqa ta' membrani mukużi mit-trakea, il-larinġi, il-kavitajiet nażali u s-sinus u r-ramifikazzjonijiet tagħhom, wara l-qsim tar-ras fil-pjan medjan u l-qtugħ barra tas-septum nażali;]

(d) l-istomatite vesikulari, għal sitt xhur;]

(2) *jew* [kienu soġġetti għal mill-inqas wieħed minn dawn it-trattamenti, segwiti minn kontroll tal-effikaċja, għall-inattivar ta' patoġeni kawżattivi li seta' kien hemm għall-marda Afrikana taż-żwiemel, l-enċefalomajlite tal-ekwini ta' kull tip, inkluża l-enċefalomajlite tal-ekwini Venezwelana, l-anemija infettiva tal-ekwini, l-istomatite vesikulari u l-glanders (*Burkholderia mallei*):

(2) *jew* [trattament bis-sħana f'temperatura ta' 65 °C għal mill-inqas tliet sigħat,]

(2) *jew* [irradjazzjoni b'25 kGy bir-raġġi gamma,]

(2) *jew* [bidla fil-pH għal pH 5 għal sagħtejn,]

(2) *jew* [trattament bis-sħana ta' mill-inqas 80°C fis-sustanza kollha tagħhom]

II.8. ikunu ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata l-kontaminazzjoni tad-demm u tal-prodotti tad-demm ma' aġenti patoġeniċi matul il-produzzjoni, l-immaniġġar u l-ippakkjar;

II.9. ġew ippakkjati u ssiġillati f'reċipjenti impermeabbli u ttikkettjati b'mod ċar "MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM JEW MILL-ANNIMALI" u jkollhom in-numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment tal-ġbir;

II.10. inħażnu f'maħżen fil-magħluq.

**Noti**

**Parti I:**

— Referenza għall-kaxxa I.6: Persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu.; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal prodott bażiku impurtat.

— Referenza għall-kaxxa I.12: Post ta' destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni liberi, f'imħażen liberi u f'imħażen tad-dwana.

— Referenza għall-kaxxa I.15: Numru ta' reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontejners jew trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur); għandha tingħata informazzjoni f'każ ta' ħatt u ta' tagħbija mill-ġdid.

— Referenza għall-kaxxa I.23: għal kontejners li jġorru bil-kwantità, għandu jkun hemm inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk applikabbli).

— Referenza għall-kaxxa I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat hux wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

— Referenza għall-kaxxa I.28: Impjant ta' manifattura: ipprovdi n-numru ta' kontroll veterinarju tal-istabbiliment tal-ġbir reġistrat.

**PAJJIŻ** **Demm u prodotti tad-demm taż-żwiemel għal għanijiet tekniċi**

| II. Informazzjoni dwar saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**Parti II:**

(1) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

(2) Ħassar kif meħtieġ.

(3) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

(4) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42.

— Il-firma u t-timbru għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak tal-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jinżamm mal-kunsinna sakemm din tasal fil-post ta' spezzjoni tal-fruntiera.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:"

Timbru:

(c) Il-Kapitolu 4(D) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 4 (D)

**Ċertifikat tas-saħħa**

*Għal prodotti ta' demm ittrattat, esklużi dawk taż-żwiemel, għall-manifattura ta' prodotti tekniċi, maħsubin biex jintbagħtu lejn l-Unjoni Ewropea jew biex jgħaddu minnha (2)*

**PAJJIŻ** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-Kunsinja mibgħuta**

I.1. Kunsinnatur
☐ Isem
Indirizz
Tel.

I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza

I.2.a

I.3. Awtorità ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel.

I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel.

I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO

I.8. Reġjun ta' oriġini — Kodiċi

I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni — Kodiċi ISO

I.10.

I.11. Pajjiż ta' oriġini
Isem — Numru ta ' approvazzjoni
Indirizz

I.12. Post ta' destinazzjoni
Maħżen tad-dwana ☐
Isem — Numru ta ' approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' tgħabija

I.14. Data ta' tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni:
Referenzi Dokumentarji:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)
**30.02**

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura ta' prodotti
Ambjent ☐ Imkessaħ ☐ Friżat ☐

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Identification of container/Seal number

I.24. Tip ta' ippakkettar

I.25. Prodotti ċċertifikati
Użu tekniku ☐

I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐
Pajjiż terz — Kodiċi ISO

I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

| Speċi (isem xjentifiku) | Natura tal-oġġetti | Numru ta ' approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura | Numru tal-baċċ |
|---|---|---|---|

**PAJJIŻ** **Prodotti ta' demm ittrattat, esklużi dawk taż-żwiemel, għal prodotti tekniċi**

| II. Informazzjoni dwar saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

Parti II: Ċertifikazzjoni

Jiena, l-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(c), l-Artikolu 6 u l-Kapitolu IV tal-Anness VIII għalih u niċċertifika li:

II.1. il-prodotti tad-demm deskritti hawn fuq jikkonsistu minn prodotti tad-demm li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' hawn taħt;

II.2. jikkonsistu esklussivament minn prodotti tad-demm mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali;

II.3. tħejjew u nħażnu f'impjant approvat, validat u taħt superviżjoni tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 18 jew fl-istabbiliment tal-ġbir u, fejn xieraq, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002(2), esklussivament bil-prodotti sekondarji li ġejjin tal-annimali:

(2) *jew* [— demm tal-annimali maqtulin, li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda li mhuwiex maħsub għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali;]

(2) *u/jew* [— demm tal-annimali maqtulin, li jkun rifjutat bħala mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem iżda li ma jkunx affettwat minn sinjali ta' mard li jittieħed mill-bniedem u mill-annimali, li oriġina minn karkassi li jkunu tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;]

(2) *u/jew* [— demm miksub minn annimali, barra minn annimali li jixtarru, li jkunu nqatlu f'biċċerija, wara li jgħaddu minn spezzjoni ante-mortem, u jinstabu, b'riżultat ta' din l-ispezzjoni, bħala tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;]

(2) *u/jew* [— demm u prodotti tad-demm li joriġinaw minn annimali ħajjin li ma wrewx sinjali kliniċi ta' xi marda li tittieħed minn dawn il-prodotti mill-bniedem jew mill-annimali;]

II.4. id-demm li minnu jkunu nħadmu prodotti bħal dawn, inġabar:

(2) *jew* [in [f'biċċeriji approvati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni,]

(2) *jew* [f'biċċeriji approvati u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz,]

(2) *jew* [minn annimali ħajjin f'faċilitajiet approvati u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz;]

(2) [II.5. Fil-każ ta' prodotti tad-demm li joriġinaw minn *taxa Artiodactyla, Perissodactyla* u *Proboscidea*, inklużi dawk tar-razez imħalltin tagħhom, barra minn *Suidae* u *Tayassuidae*, il-prodotti jkunu għaddew minn wieħed minn dawn it-trattamenti, li jiggarantixxu li ma jkunx hemm patoġeni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer (MLD), l-istomatite vesikulari, il-pesta tal-ifrat, il-pesta ta' annimali żgħar li jixtarru, id-deni ta' Rift Valley u d-deni gastriku tan-nagħaġ:

(2) *jew* [trattament bis-sħana f'temperatura ta' 65 °C għal mill-inqas tliet sigħat, segwit b'kontroll tal-effikaċja,]

(2) *jew* [irradjazzjoni b'25 kGy bir-raġġi gamma, segwit b'kontroll tal-effikaċja,]

(2) *jew* [bidla fil-pH għal pH 5 għal sagħtejn, segwit b'kontroll tal-effikaċja,]

(2) *jew* [trattament bis-sħana ta' mill-inqas 80 °C fis-sustanza kollha tagħhom, segwit b'kontroll tal-effikaċja]]

(2) [II.6. Fil-każ ta' prodotti tad-demm li joriġinaw minn *Suidae, Tayassuidae*, tjur u speċi oħrajn ta' għasafar, il-prodotti għaddew minn wieħed mit-trattamenti li ġejjin li jiggarantixxu li ma hemmx patoġeni tal-mardiet li ġejjin: il-marda tal-ilsien u d-dwiefer (MLD), l-istomatite vesikulari, il-marda tal-ħnieżer vesikulari, id-deni klassiku tal-ħnieżer, id-deni Afrikan tal-ħnieżer, il-marda ta' Newcastle u l-influwenza tal-għasafar li hija patoġenika ħafna hekk kif applikabbli għall-ispeċi;

(2) *jew* [trattament bis-sħana f'temperatura ta' 65 °C għal mill-inqas tliet sigħat, segwit b'kontroll tal-effikaċja,]

(2) *jew* [irradjazzjoni b'25 kGy bir-raġġi gamma, segwit b'kontroll tal-effikaċja,]

(2) *jew* [trattament bis-sħana ta' mill-inqas 80°C għal Suidae/Tayassuidae (2) u ta' mill-inqas 70 °C għal tjur u speċi oħrajn ta' għasafar (2) fis-sustanza kollha tagħhom, segwit b'kontroll tal-effikaċja]]

(2) [II.7. Fil-każ ta' prodotti tad-demm li joriġinaw minn speċi barra minn dawk elenkati f'II.5. jew II.6., il-prodotti għaddew mit-trattament li ġej (jekk jogħġbok agħti dettalji: ..................................................;]

II.8. il-prodotti ġew:

(2) *jew* [ippakkjati f'boroż jew fi fliexken ġodda sterilizzati,]

**PAJJIŻ** **Prodotti ta' demm ittrattat, esklużi dawk taż-żwiemel, għal prodotti tekniċi**

| II. Informazzjoni dwar saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

(2) *jew* [inġarru fi kwantità f'kontejners jew b'mezzi oħra ta' trasport li tnaddfu sewwa ħafna u li ġew diżinfettati b'diżinfettant approvat mill-awtorità kompetenti qabel l-użu,]

il-pakketti jew ir-reċipjenti għandhom tikketti fuq barra li jindikaw 'MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM JEW MILL-ANNIMALI';

II.9. il-prodotti nħażnu f'imħażen fil-magħluq;

II.10. il-prodotti għaddew mill-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata l-kontaminazzjoni ma' aġenti patoġeniċi wara t-trattament.

**Noti**

**Parti I:**

— Referenza għall-kaxxa I.6: Persuna responsabbli għall-kunsinna fl-Unjoni Ewropea: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal prodott bażiku impurtat.

— Referenza għall-kaxxa I.12: Post ta' destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, f'imħażen ħielsa u f'imħażen tad-dwana approvati għal dak l-iskop.

— Referenza għall-kaxxa I.15: Numru ta' reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontejners jew trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur); għandha tingħata informazzjoni f'każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Referenza għall-kaxxa I.23: għal kontejners li jġorru bil-kwantità, għandu jkun hemm inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk applikabbli).

— Referenza għall-kaxxa I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

**Parti II:**

(1) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

(2) Ħassar kif meħtieġ.

— Il-firma u t-timbru għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak tal-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-Unjoni Ewropea: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jinżamm mal-kunsinna sakemm din tasal fil-post ta' spezzjoni tal-fruntiera.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:"

Timbru:

(d) il-Kapitolu 18 li ġej ġie miżjud:

"KAPITOLU 18

**Ċertifikat tas-saħħa**

*Għal qrejjen u prodotti ta' qrejjen, eskluż biċċiet ta' qrejjen, u dwiefer u prodotti ta' dwiefer, eskluż biċċiet ta' dwiefer, maħsubin għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija maħsubin biex jintbagħtu lejn l-Unjoni Ewropea jew biex jgħaddu minnha(2)*

**PAJJIŻ** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-Kunsinja mibgħuta**

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Tel. | I.2. Certificate reference number \| I.2.a<br>I.3. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza<br>I.4. Awtorità lokali kompetenti |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. | I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini \| Kodiċi ISO<br>I.8. Reġjun ta' oriġini \| Kodiċi | I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni \| IKodiċi ISO<br>I.10. RReġjun ta' destinazzjoni \| Kodiċi |
| I.11. Pajjiż ta' oriġini<br>Isem Numru ta ' approvazzjoni<br>Indirizz | I.12. Post ta' destinazzjoni<br>Maħżen tad-dwana ☐<br>Isem Numru ta ' approvazzjoni<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali |
| I.13. Post ta' tgħabija | I.14. Data ta' tluq |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐<br>Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni:<br>Referenzi Dokumentarji: | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. Numru/i tas-CITES |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)<br>I.20. Kwantità |
| I.21. Temperatura ta' prodotti<br>Ambjent ☐ Imkessaħ ☐ Friżat ☐ | I.22. Numru ta' pakketti |
| I.23. Numru tas-sigill/tal-kontenitur | I.24. Tip ta' ippakkettar |
| I.25. Prodotti ċċertifikati<br>Ikel tal-annimali ☐ Aktar ipproċessar ☐ Użu tekniku ☐ Oħrajn ☐ | |
| I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO | I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐ |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti<br>Speċi (isem xjentifiku) \| Numru ta ' approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura \| Piż nett \| Numru tal-baċċ | |

**PAJJIŻ** **qrejjen u prodotti ta' qrejjen u dwiefer u prodotti ta' dwiefer maħsubin għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija**

| II. Informazzjoni dwar saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

II.1. Jiena, l-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 [1], u b'mod partikolari l-Kapitolu XV tal-Anness VIII għalih, u niċċertifika li l-qrejjen u l-prodotti ta' qrejjen, eskluż biċċiet ta' qrejjen u dwiefer u prodotti ta' dwiefer, eskluż biċċiet ta' dwiefer [2] deskritti hawn fuq:

([2]) *jew* [joriġinaw minn annimali li nqatlu f'biċċerija, wara li jkunu għaddew minn spezzjoni ante-mortem, u nstabu, b'riżultat ta' spezzjoni bħal dik, tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem]

([2]) *jew* [joriġinaw minn annimali li ma wrewx sinjali kliniċi ta' xi marda li tista' tiġi trasmessa permezz ta' dak il-prodott lill-bnedmin jew lill-annimali]

II.2. il-qrejjen għandhom ikunu għaddew minn trattament bis-sħana għal siegħa f'temparatura ta' mill-inqas 80 °C fil-qalba;

II.3. il-qrejjen għandhom ikunu tneħħew mingħajr il-ftuħ tal-kavità kranjali;

II.4. f'kull stadju tal-ipproċessar, ħażna jew trasport għandha tittieħed kull prekawzjoni biex tkun evitata l-kontaminazzjoni reċiproka;

II.5. kienu ppakkjati:

([2]) *jew* [f'pakketti jew f'reċipjenti ġodda,]

([2]) *jew* [f'vetturi jew f'kontejners li jġorru bil-kwantità, diżinfettati qabel it-tagħbija bl-użu ta' prodott approvat mill-awtorità kompetenti,]

*u* [il-pakketti jew ir-reċipjenti jkunu mmarkati sabiex ikun indikat it-tip tal-prodott sekondarju tal-annimal [3] u għandu jkollhom tikketti li jindikaw 'MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM JEW MILL-ANNIMALI' u l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tal-UE ta' destinazzjoni].

**Noti**

**Parti I:**

— Referenza għall-kaxxa I.6: Persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal prodott bażiku impurtat.

— Referenza għall-kaxxa I.12: Post ta' destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu għandhom jinħażnu biss f'żoni ħielsa, f'imħażen ħielsa u f'imħażen tad-dwana.

— Referenza għall-kaxxa I.15: Numru ta' reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontejners jew trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur); għandha tingħata informazzjoni f'każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid.

— Referenza għall-kaxxa I.23: għal kontejners li jġorru bil-kwantità, għandhom jingħataw in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk applikabbli).

— Referenza għall-kaxxa I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

— Referenza għall-kaxxa I.28: In-natura tal-prodott bażi.

**Part II:**

([1]) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

([2]) Ħassar kif meħtieġ.

([3]) Tip ta' prodott: qrejjen, prodotti ta' qrejjen, dwiefer, prodotti ta' dwiefer.

— Il-firma u t-timbru għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak tal-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jinżamm mal-kunsinna sakemm din tasal fil-post ta' spezzjoni tal-fruntiera.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:"

Timbru:

(3) L-Anness XI huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS XI*

**Listi ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw importazzjoni mingħandhom ta' prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem**

L-inklużjoni ta' pajjiż terz f'waħda mil-listi li ġejjin hija kundizzjoni neċessarja, iżda mhux biżżejjed, għall-importazzjoni tal-prodotti rilevanti minn dak il-pajjiż terz. L-importazzjoni għandha wkoll tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika. Id-deskrizzjonijiet li ġejjin jirreferu għat-territorji jew partijiet minnhom minn fejn titħalla ssir importazzjoni ta' ċerti prodotti sekondarji tal-annimali, kif jingħad fiċ-ċertifikat jew dikjarazzjoni rilevanti tas-saħħa tal-annimali kif stabbilit fl-Anness X.

PARTI I

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' ħalib u prodotti tal-ħalib (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 2)**

Pajjiżi terzi awtorizzati elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/438/KE ([1]).

PARTI II

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' proteini proċessati tal-annimali (eskluż biċċiet ta' ħut) (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 1)**

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ([2])

PARTI III

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' biċċiet ta' ħut u ta' żejt tal-ħuta (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 1 u 9)**

Pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE ([3]).

PARTI IV

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' xaħmijiet imdewwba (eskluż iż-żejt tal-ħuta) (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 10(A) u 10(B))**

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

PARTI V

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' prodotti tad-demm għal materjal ta' ikel (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 4(B))**

A. *Prodotti tad-demm minn mammali bid-dwiefer (ungulati)*

Pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li mingħandhom hija awtorizzata l-importazzjoni tal-kategoriji kollha ta' laħam frisk tal-ispeċi rispettivi.

B. *Prodotti tad-demm minn speċijiet oħrajn*

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

PARTI VI

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti tad-demm (bl-eċċezzjoni ta' dawk taż-żwiemel) maħsubin għal għanijiet tekniċi, inklużi farmaċewtiċi (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 4(C) u 8)**

A. Prodotti tad-demm:

1. Prodotti ta' demm mhux ittrattat ta' ungulati:

Pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010 li mingħandhom hija awtorizzata l-importazzjoni ta' laħam frisk ta' kull speċi ta' ungulati domestiċi u għall-perjodu biss indikat fil-kolonni 7 u 8 ta' dik il-Parti,

— (JP) Il-Ġappun.

2. Prodotti ta' demm mhux ittrattat ta' tjur u speċi oħrajn ta' għasafar:

Pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 [4],

— (JP) Il-Ġappun.

3. Prodotti ta' demm mhux ittrattat ta' annimali oħrajn:

Pajjiżi terzi elenkati jew fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, jew fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009 [5],

— (JP) Il-Ġappun.

4. Prodotti ta' demm ittrattat ta' kull speċi:

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, jew fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 119/2009,

— (JP) Il-Ġappun.

B. Prodotti sekondarji tal-annimali għal użu farmaċewtiku:

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, jew fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 119/2009 u l-pajjiżi terzi li ġejjin:

— (JP) Il-Ġappun,

— (PH) Il-Filippini,

— (TW) It-Tajwan.

C. Prodotti sekondarji tal-annimali għal għanijiet tekniċi barra minn użijiet farmaċewtiċi: pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010 li minngħandhom hija awtorizzata l-importazzjoni ta' dik il-kategorija ta' laħam frisk tal-ispeċi rispettiva, fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, jew fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 119/2009.

PARTI VII(A)

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni minngħandhom ta' prodotti sekondarji tal-annimali għall-manifattura ta' ikel għal annimali domestiċi (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 3(F))**

A. Prodotti sekondarji tal-annimali minn żwiemel u annimali tal-ispeċi tal-ifrat, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tal-ħnieżer, inklużi annimali ta' rziezet u annimali selvaġġi:

Pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li minngħandhom hija awtorizzata l-importazzjoni ta' laħam frisk ta' dawk l-ispeċi ta' annimali għall-konsum mill-bniedem.

B. Materjal nej ta' tjur, inklużi ratiti u għasafar tal-kaċċa selvaġġi:

Pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jawtorizzaw importazzjoni minngħandhom ta' laħam frisk ta' tjur, li huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

C. Materjal nej ta' ħut:

Pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2006/766/KE.

D. Materjal nej ta' mammali oħra selvaġġi tal-art u Leparopidi.

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010 jew fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 119/2009, li l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni minngħandhom ta' laħam frisk mill-istess speċi.

PARTI VII(B)

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni minngħandhom ta' ikel nej għal annimali domestiċi maħsub biex jintbagħat lejn l-Unjoni Ewropea għal bejgħ dirett, jew prodotti sekondarji tal-annimali biex jingħata bħala ikel lil annimali tel-fer f'irziezet (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 3(D))**

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010 jew fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, li l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni minngħandhom ta' laħam frisk mill-istess speċi u fejn għadam fil-laħam biss huwa awtorizzat.

Fil-każ ta' materjal ta' ħut, pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2006/766/KE.

PARTI VII(C)

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' interjuri li jagħtu togħma għal użu fil-manifattura ta' ikel għal annimali domestiċi, maħsubin biex jintbagħtu lejn l-Unjoni Ewropea (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 3(E))**

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010 jew fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, li l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' laħam frisk mill-istess speċi u fejn għadam fil-laħam biss huwa awtorizzat.

Fil-każ ta' interjuri li jagħtu togħma minn materjal ta' ħut, pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2006/766/KE.

PARTI VIII

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' lanżit ta' ħnieżer (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 7(A) u 7(B))**

A. Għal lanżit ta' ħnieżer mhux ittrattat, pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li jkunu ħielsa mid-deni Afrikan tal-ħnieżer għat-tnax-il xahar qabel id-data tal-importazzjoni.

B. Għal lanżit ta' ħnieżer ittrattat, pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li jistgħu ma jkunux ħielsa mid-deni Afrikan tal-ħnieżer għat-tnax-il xahar qabel id-data tal-importazzjoni.

PARTI IX

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' demel ipproċessat u prodotti ta' demel ipproċessat għat-trattament tal-ħamrija (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 17)**

Għal demel ipproċessat u prodotti ta' demel ipproċessat, pajjiżi terzi elenkati fi:

(a) Il-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010;

(b) Fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE ([6]); jew

(c) Il-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

PARTI X

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' ikel għal annimali domestiċi u ikel ta' mastikazzjoni għall-klieb (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 3(A), 3(B) u 3(C))**

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, u l-pajjiżi terzi li ġejjin:

— (JP) Il-Ġappun

— (EC) L-Ekwador ([7])

— (LK) Is-Sri Lanka ([8])

— (TW) It-Tajwan ([9])

PARTI XI

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' ġelatina, proteina idrolizzata, kollaġenu, fosfat tad-dikalċju u fosfat tat-trikalċju (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 11 u 12).**

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, u l-pajjiżi terzi li ġejjin:

— (KR) Il-Korea t'Isfel ([10])

— (MY) Il-Malażja ([10])

— (PK) Il-Pakistan ([10])

— (TW) It-Tajwan ([10]).

PARTI XII

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' prodotti tal-apikoltura (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 13)**

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

PARTI XIII

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' demm u prodotti tad-demm taż-żwiemel (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 4(A))**

A. Demm u prodotti tad-demm mhux ittrattati: Pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/211/KE, li mingħandhom titħalla ssir l-importazzjoni ta' żwiemel għat-trobbija u l-produzzjoni.

B. Prodotti ta' demm ittrattat: pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' laħam frisk ta' żwiemel domestiċi.

PARTI XIV

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' ġlud ħoxnin (hides) u ġlud oħrajn (skins) ta' ungulati (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 5(A), 5(B) u 5(C))**

A. Għal ġlud ħoxnin u ġlud oħrajn friski u mkessħin ta' ungulati, pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' laħam frisk mill-istess speċi.

B. Għal ġlud ħoxnin u ġlud oħrajn ittrattati ta' ungulati, pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

C. Għal ġlud ħoxnin u ġlud oħrajn ittrattati ta' annimali li jixtarru li huma maħsubin biex jintbagħtu lejn l-Unjoni u li nżammu separati għal perjodu ta' 21 jum jew li jkollhom jinġarru għal perjodu ta' 21 jum bla waqfien qabel l-importazzjoni, għal kull pajjiż terz.

PARTI XV

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' trofej tal-kaċċa (ċertifikat tas-saħħa, Kapitoli 6(A) u 6(B))**

A. Għal trofej tal-kaċċa ttrattati ta' għasafar u ungulati, li jkunu biss għadam, qrejjen, dwiefer (hooves), dwiefer ippuntati (claws), qrejjen imsaġġrin (antlers), snien, ġlud ħoxnin jew ġlud oħrajn, għal kull pajjiż terz.

B. Għal trofej tal-kaċċa ta' għasafar li jikkonsistu minn partijiet sħaħ li ma jkunux ġew ittrattati, pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008, li l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam frisk ta' tjur mingħandhom, u għall-pajjiżi li ġejjin:

— (GL) Greenland

— (TN) It-Tuneżija.

C. Għal trofej tal-kaċċa ta' ungulati li jikkonsistu minn partijiet sħaħ li ma jkunux ġew ittrattati, pajjiżi terzi elenkati fil-kolonni rilevanti għal laħam frisk ta' ungulati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, inkluż kull restrizzjoni stabbilita fil-kolonna għal rimarki speċjali għal laħam frisk.

PARTI XVI

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' prodotti tal-bajd mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem li jistgħu jintużaw bħala materjal ta' ikel (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 15)**

Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 206/2010, u pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' laħam frisk ta' tjur, li huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

PARTI XVII

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' għadam u prodotti tal-għadam (eskluż biċċiet tal-għadam), qrejjen u prodotti ta' qrejjen (eskluż biċċiet ta' qrejjen) u dwiefer u prodotti ta' dwiefer (eskluż biċċiet ta' dwiefer) maħsubin għal użu li mhuwiex dak ta' materjal ta' għalf, fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija (dikjarazzjoni, Kapitolu 16)**

Kull pajjiż terz.

PARTI XVIII

**Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni mingħandhom ta' qrejjen u prodotti ta' qrejjen (eskluż biċċiet ta' qrejjen) u dwiefer u prodotti ta' dwiefer, (eskluż biċċiet ta' dwiefer) maħsubin għall-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 18)**

Kull pajjiż terz.

(1) ĠU L 154, 30.4.2004, p. 72.
(2) ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1.
(3) ĠU L 320, 18.11.2006, p. 53.
(4) ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1.
(5) ĠU L 39, 10.2.2009, p. 12.
(6) ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1.
(7) Ikel għal annimali domestiċi li joriġna minn ħut biss.
(8) Ikel ta' mastikazzjoni għall-klieb magħmul minn ġlud ħoxnin u ġlud oħrajn ta' ungulati biss.
(9) Ikel ipproċessat għal annimali domestiċi għal ħut ornamentali biss.
(10) Ġelatina biss."

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 596/2010

## tas-7 ta' Lulju 2010

## li jadatta r-Regolament (KE) Nru 1019/2002 dwar l-istandards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 56 tiegħu,

Billi:

(1) Jeħtieġ li jsir adattament tekniku lir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1019/2002 [1] minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea.

(2) It-tieni subparagrafu ta' Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1019/2002 jistipula li l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità ma' dak ir-Regolament, inkluż is-sistema tal-penalitajiet, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2002. Sabiex il-Bulgarija u r-Rumanija jingħataw il-possibbiltà li jissodisfaw dan ir-rekwiżit, għandha tiġi stabbilita data wara l-adeżjoni għal dawn l-Istati Membri.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1019/2002 għandu għalhekk ikun emendat skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1019/2002, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-Bulgarija u r-Rumanija jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, u l-emendi għal dawk il-miżuri qabel it-tmiem ta' kull xahar li jiġi wara dak li fih ikunu ġew addottati."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 155, 14.6.2002, p. 27.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 597/2010

## tas-7 ta' Lulju 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 56,2 |
| | MK | 65,6 |
| | TR | 50,2 |
| | ZZ | 57,3 |
| 0707 00 05 | MK | 41,0 |
| | TR | 121,6 |
| | ZZ | 81,3 |
| 0709 90 70 | TR | 104,4 |
| | ZZ | 104,4 |
| 0805 50 10 | AR | 86,0 |
| | TR | 111,6 |
| | UY | 91,0 |
| | ZA | 101,7 |
| | ZZ | 97,6 |
| 0808 10 80 | AR | 91,2 |
| | BR | 73,4 |
| | CA | 83,2 |
| | CL | 87,1 |
| | CN | 68,9 |
| | NZ | 116,0 |
| | US | 111,3 |
| | UY | 116,3 |
| | ZA | 96,8 |
| | ZZ | 93,8 |
| 0808 20 50 | AR | 88,4 |
| | CL | 132,0 |
| | CN | 98,4 |
| | NZ | 189,1 |
| | ZA | 106,8 |
| | ZZ | 122,9 |
| 0809 10 00 | TR | 222,5 |
| | ZZ | 222,5 |
| 0809 20 95 | TR | 302,3 |
| | US | 512,6 |
| | ZZ | 407,5 |
| 0809 30 | AR | 137,1 |
| | TR | 164,8 |
| | ZZ | 151,0 |
| 0809 40 05 | IL | 132,2 |
| | US | 110,3 |
| | ZZ | 121,3 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 598/2010

## tas-7 ta' Lulju 2010

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 576/2010 li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mill-1 ta' Lulju 2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali li huma applikabbli mill-1 ta' Lulju 2010 ġew iffissati bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 576/2010 ([3]).

(2) Ġaladarba l-medja kkalkulata tad-dazji tal-importazzjoni varjat b'EUR 5/t mid-dazju ffissat, jeħtieġ li jsir aġġustament korrispondenti tad-dazji tal-importazzjoni ffissati bir-Regolament (UE) Nru 576/2010.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2010 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II għar-Regolament (UE) Nru 576/2010 huma mibdula bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika fit-8 ta' Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.
([3]) ĠU L 166, 1.7.2010, p. 11.

*ANNESS I*

**Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mit-8 ta' Lulju 2010**

| Kodiċi NK | Isem tal-merkanzija | Dazju tal-importazzjoni (1) (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 10 00 | QAMĦ iebes ta' kwalità għolja | 0,00 |
| | ta' kwalità medja | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa | 0,00 |
| 1001 90 91 | QAMĦ għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 00 00 | SEGALA | 23,38 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu | 5,34 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ (2) | 5,34 |
| 1007 00 90 | SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ | 23,38 |

(1) Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt jinsab fil-Baħar Mediterran jew fil-Baħar l-Iswed,

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

(2) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I**

30.6.2010-6.7.2010

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

*(EUR/t)*

| | Qamħ [1] | Qamħirrum | Qamħ iebes kwalità għolja | Qamħ iebes, kwalità medja [2] | Qamħ iebes kwalità baxxa [3] | Xgħir |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minnéapolis | Chicago | — | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 170,70 | 111,08 | — | — | — | — |
| Prezz *FOB* USA | — | — | 139,88 | 129,88 | 109,88 | 78,42 |
| Tariffa fuq il-Golf | — | 14,26 | — | — | — | — |
| Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar | 40,50 | — | — | — | — | — |

[1] Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
[2] Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
[3] Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

| | |
|---|---|
| Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 26,36 EUR/t |
| Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: | 55,23 EUR/t |

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/47/UE

### tal-5 ta' Lulju 2010

### li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ispezzjoni teknika fil-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjoni teknika fil-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq [1], u partikolarment l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

(1) Fl-interess tas-sikurezza fuq it-toroq, tal-ħarsien tal-ambjent u tal-kompetizzjoni ġusta huwa importanti li jiġi żgurat li l-vetturi kummerċjali li jintużaw jiġu miżmuma kif xieraq u spezzjonati, sabiex il-prestazzjoni tagħhom fit-traffiku tibqa' sikura meta jkunu qed jintużaw fit-toroq tal-Unjoni Ewropea.

(2) Standards u metodi stipulati fid-Direttiva 2000/30/KE għandhom jiġu adattati għall-progress tekniku, u b'hekk jittejbu l-ispezzjonijiet tekniċi fil-ġenb tat-triq li jsiru fl-Unjoni Ewropea.

(3) L-ispezzjonijiet ma għandhomx jieħdu aktar minn tul ta' żmien raġonevoli, sabiex l-ispejjeż u d-dewmien li jiffaċċaw is-sewwieqa jitnaqqsu kemm jista' jkun.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-korrelazzjoni bejn ir-riżultati tat-test, id-difetti u l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull vettura li tiġi spezzjonata, għandu jinħareġ rapport tal-ispezzjoni standardizzat li jkun aktar dettaljat, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1).

(5) Ir-rekwiżiti tekniċi jvarjaw skont il-kategorija tal-vetturi, kif definit fil-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip [2]. Ir-rapport tal-ispezzjoni għandu jiġi emendat kif xieraq biex ikun jindika dawn il-kategoriji tal-vetturi.

(6) Ir-rapport tal-ispezzjoni, minbarra n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura għandu jindika wkoll in-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Vettura (VIN), sabiex l-identifikazzjoni tal-vettura tkun aktar affidabbli.

(7) Sabiex jiffaċilita r-reġistrazzjoni tan-nuqqasijiet identifikati mill-ispetturi, ir-rapport tal-ispezzjoni għandu jinkludi lista sħiħa ta' elementi fuq in-naħa ta' wara tiegħu.

(8) Sabiex ikomplu jittejbu l-ispezzjonijiet tekniċi fil-ġenb tat-triq, fir-rigward tal-progress tekniku, għandhom jiddaħħlu metodi ta' spezzjoni li jkunu relatati ma' kull wieħed mill-elementi elenkati fl-Anness II.

(9) Minbarra l-elementi relatati mas-sikurezza, is-sigurtà u l-protezzjoni ambjentali, l-ispezzjoni għandha tkopri wkoll l-identifikazzjoni tal-vettura sabiex tiżgura li jiġu applikati l-ispezzjonijiet u l-istandards xierqa, sabiex tippermetti li r-riżultati tal-ispezzjoni jiġu rreġistrati u sabiex tippermetti l-infurzar ta' rekwiżiti legali oħra.

(10) Il-miżuri pprovvduti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-kumitat għall-addattament għall-progress tekniku tad-Direttiva dwar it-testijiet għall-kwalità tajba fuq it-triq tal-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom istitwit bl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2009/40/KE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I u l-Anness II għad-Direttiva 2000/30/KE huma emendati skont l-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2012. Għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza mal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

[1] ĠU L 203, 10.8.2000, p. 1.

[2] L-Anness II għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 263, 9,10.2007, p. 1)

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-Annessi I u II għad-Direttiva 2000/30/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I jinbidel b'dan li ġej:

*"ANNESS I*

(in-naħa ta' quddiem)

**EŻEMPJU TA' RAPPORT TA' SPEZZJONI TEKNIKA FIL-ĠENB TAT-TRIQ LI JINKORPORA CHECK-LIST**

1. Il-post fejn issir l-ispezzjoni ..............................
2. Data ..............................
3. Ħin ..............................
4. Il-marka tan-nazzjonalità tal-vettura u n-numru tar-reġistrazzjoni ..............................
5. Numru VIN/ta' identifikazzjoni tal-vettura ..............................
6. Kategorija tal-vettura

(a) ☐ N2[(a)] (3,5 sa 12 t)
(b) ☐ N3[(a)] (aktar minn 12 t)
(c) ☐ O3[(a)] (3,5 sa 10 t)
(d) ☐ O4[(a)] (aktar minn 10 t)
(e) ☐ M2[(a)] (> 9 siġġijiet[(b)] u sa 5 t)
(f) ☐ M3[(a)] (> 9 siġġijiet[(b)] u aktar minn 5 t)
(g) ☐ Kategorija ta' vetturi oħra (Art.1(3))

7. L-impriża li qed tagħmel it-trasport
   (a) Isem u indirizz ..............................
   ..............................
   (b) Numru tal-liċenzja tal-Komunità[(c)] [Regolament (KE) 1072/2009] ..............................
8. Nazzjonalità (Sewwieq) ..............................
9. Isem tas-sewwieq ..............................
10. Lista ta' spezzjoni..............................

| | Iċċekkjata[(d)] | mhux iċċekkjata | M'għaddew-x[(e)] |
|---|---|---|---|
| (0) identifikazzjoni[(f)] | ☐ | ☐ | ☐ |
| (1) tagħmir tal-brejkijiet | ☐ | ☐ | ☐ |
| (2) stering[(f)] | ☐ | ☐ | ☐ |
| (3) viżibbiltà[(f)] | ☐ | ☐ | ☐ |
| (4) tagħmir tad-tidwil u sistema tal-elettriku[(f)] | ☐ | ☐ | ☐ |
| (5) fusien, roti, tajers, suspesion[(f)] | ☐ | ☐ | ☐ |
| (6) chassis u attachments tax-chassis[(f)] | ☐ | ☐ | ☐ |
| (7) tagħmir ieħor inkluż takografu[(f)] u apparat għal-limitazzjoni tal-veloċità | ☐ | ☐ | ☐ |
| (8) effetti negattivi inklużi emissjonijiet u tnixxija ta' fjuwil u/jew żejt | ☐ | ☐ | ☐ |

11. Riżultat tal-ispezzjoni:
    Projbizzjoni tal-użu tal-vettura, li għandha difetti perikoluzi ☐
12. Mixxellaneja/rimarki: ..............................
13. L-Awtorità/uffiċjal jew spettur li wettaq l-ispezzjoni
    Firma ta':
    Awtorità/uffiċjal jew spettur tat-test ..............................
    Sewwieq ..............................

*Noti:*

(a) Il-kategorija tal-vettura skont l-Anness II għad-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

(b) L-għadd ta' siġġijiet inkluz dak tas-sewwieq (l-element S.1 taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni).

(c) Jekk disponibbli.

(d) "iċċekkjata" tfisser li ġew iċċekkjati wieħed jew aktar mill-elementi ta' spezzjoni ta' dan il-grupp elenkati fl-Anness II għad-Direttiva 2009/40/KE kif emendata bid-Direttiva 2010/48/UE.

(e) Difetti indikati fuq in-naħa ta' wara.

(f) Il-metodi għall-ittestjar u l-linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti skont l-Anness II għad-Direttiva 2009/40/KE kif emendat l-aħħar bid-Direttiva 2010/48/UE.

(in-naħa ta' wara)

0. **IDENTIFIKAZZJONI TAL-VETTURA**
0.1. Pjanċi tan-numru ta' reġistrazzjoni
0.2. Numru ta' identifikazzjoni/tax-chassis/tas-serje
1. **TAGĦMIR TAL-BREJKIJIET**
1.1. Il-kondizzjoni mekkanika u l-funzjonament
1.1.1. Il-pern tal-pedala tas-service brake
1.1.2. Il-kondizzjoni tal-pedala u t-travel tal-mezz li jopera l-brejkijiet
1.1.3. Il-pompa tal-vakwu jew il-kompressur u l-akkumulaturi
1.1.4. Gauge jew indikatur li juri twissija ta' pressjoni baxxa
1.1.5. Il-valv manwali ta' kontroll tal-brejkijiet
1.1.6. Il-mezz li jattiva l-brejk tal-ipparkjar, il-kontroll tal-lieva, ir-ratchet tal-brejk tal-ipparkjar
1.1.7. Valvi tal-brejkijiet (foot valves, un-loaders, governors)
1.1.8. Couplings għall-brejkijiet tal-karrijiet (tal-elettriku u tal-arja)
1.1.9. Akkumulatur tal-pressjoni
1.1.10. Unitajiet servo tal-brejk, il-mastruċilindru (sistemi idrawliċi)
1.1.11. Pajpijiet riġidi tal-brejkijiet
1.1.12. Hoses flessibbli tal-brejkijiet
1.1.13. Linings u pads tal-brejkijiet
1.1.14. Drums tal-brejkijiet, diski tal-brejkijiet
1.1.15. Kejbils, vireg, livers u linkages tal-brejkijiet
1.1.16. Actuators tal-brejkijiet (inkluż brejkijiet bil-molla jew ċilindri idrawkiċi)
1.1.17. Valv li jhoss it-tagħbija
1.1.18. Indikaturi u mezzi għall-aġġustament tal-laxkezza
1.1.19. Sistema EBS (meta mgħammra jew meħtieġa)
1.1.20. Funzjonament awtomatiku tal-brejkijiet tal-karru
1.1.21. Sistema tal-brejkijiet kompleta
1.1.22. Konnessjonijiet tat-test
1.2. Prestazzjoni u effiċjenza tas-service brejk
1.2.1. Prestazzjoni
1.2.2. Effiċjenza
1.3. Prestazzjoni u effiċjenza tal-brejkijiet sekondarji (ta' emerġenza)
1.3.1. Prestazzjoni
1.3.2. Effiċjenza
1.4. Il-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-brejk tal-ipparkjar
1.4.1. Prestazzjoni
1.4.2. Effiċjenza
1.5. Prestazzjoni tal-EBS (Endurance Braking System)
1.6. Sistema ta' brejkijiet anti-lock
2. **L-ISTERING**
2.1. Il-kundizzjoni mekkanika
2.1.1. Il-kundizzjoni tal-apparat tal-istering
2.1.2. It-tqabbid tal-kejsing tar-rota tal-istering
2.1.3. Il-kundizzjoni tal-linkage tal-istering
2.1.4. Il-funzjonament tal-linkage tal-istering
2.1.5. Il-power steering
2.2. Ir-rota u l-kolonna tal-isteering
2.2.1. Il-kondizzjoni tar-rota tal-isteering
2.2.2. Il-kolonna tal-isteering
2.3. Il-laxkezza tal-isteering
2.4. L-allinjament tar-rota tal-isteering
2.5. Irmonk tal-karru kkontrollat bl-isteering
3. **IL-VIŻIBBILTÀ**
3.1. **L-ispazju tal-viżjoni**
3.2. Il-kundizzjoni tal-ħġieġ
3.3. Il-mirja li juru wara
3.4. Il-wajpers tal-windskrint
3.5. Il-washer tal-windscreen
3.6. Is-sistema li tneħħi ċ-ċpar minn fuq il-windscreen
4. **FANALI, RIFLETTURI, TAGĦMIR TAL-ELETTRIKU**
4.1. **Il-fanali ta' quddiem**
4.1.1. Il-kundizzjoni u l-funzjonament
4.1.2. L-allinjament
4.1.3. Is-swiċċijiet
4.1.4. Konformità mar-rekwiżiti
4.1.5. Tagħmir għall-invellar tal-fanali
4.1.6. Tagħmir ta' tindif tal-fanali ta' quddiem
4.2. Il-fanali ta' quddiem u ta' wara, il-fanali tal-ġenb u l-fanali li jimmarkaw il-linja ta' barra
4.2.1. Il-kundizzjoni u l-funzjonament
4.2.2. Is-swiċċijiet
4.2.3. Konformità mar-rekwiżiti
4.3. Il-fanali tal-waqfien
4.3.1. Il-kundizzjoni u l-funzjonament
4.3.2. Is-swiċċijiet
4.3.3. Konformità mar-rekwiżiti
4.4. Lampi li jindikaw id-direzzjoni u lampi ta' twissija ta' periklu
4.4.1. Il-kundizzjoni u l-funzjonament
4.4.2. Is-swiċċijiet
4.4.3. Konformità mar-rekwiżiti
4.4.4. Il-frekwenza li biha jixegħlu u jitfu
4.5. Il-fanali taċ-ċpar ta' quddiem u ta' wara
4.5.1. Il-kundizzjoni u l-funzjonament
4.5.2. L-allinjament
4.5.3. Is-swiċċijiet
4.5.4. Konformità mar-rekwiżiti
4.6. Il-fanali tas-sewqan b'lura
4.6.1. Il-kundizzjoni u l-funzjonament
4.6.2. Is-swiċċijiet
4.6.3. Konformità mar-rekwiżiti
4.7. Il-fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara
4.7.1. Il-kundizzjoni u l-funzjonament
4.7.2. Konformità mar-rekwiżiti
4.8. Retroriflletturi, immarkar biex jolqot l-għajn u pjanċi ta' wara mmarkati
4.8.1. Il-kundizzjoni
4.8.2. Konformità mar-rekwiżiti
4.9. Indikaturi obbligatorji għat-tagħmir tad-dawl
4.9.1. Il-kundizzjoni u l-funzjonament
4.9.2. Konformità mar-rekwiżiti
4.10. Il-konnessjonijiet elettriċi bejn il-vettura li tiġbed u l-karru jew is-semi-karru
4.11. Il-wajering elettriku
4.12. Fanali jew rifletturi mhux obbligatorji
4.13. Batterija
5. **IL-FUSIEN, IR-ROTI, IT-TAJERS U S-SUSPENSION**
5.1. **Il-fusien**
5.1.1. Il-fusien
5.1.2. Fusijiet tat-tip stub
5.1.3. Il-bearings tar-rota
5.2. Ir-roti u t-tajers
5.2.1. Il-buttun tar-roti tat-triq
5.2.2. Ir-roti
5.2.3. It-tajers
5.3. Is-sistema tas-suspension
5.3.1. Il-molol u l-istabbilizzatur
5.3.2. L-assorbituri
5.3.3. Tubi tat-torque, radius arms, wishbones & susp. arms
5.3.4. Joints tas-suspension
5.3.5. Is-suspension tal-arja
6. **IX-CHASSIS U L-AĊĊESSORJI TAX-CHASSIS**
6.1. **Ix-chassis jew il-frejm u l-aċċessorji**
6.1.1. Il-kundizzjoni ġenerali
6.1.2. Il-pajpijiet tal-egżost u s-silencers
6.1.3. It-tank u l-pajpijiet tal-fjuwil (inkluż it-tank u l-pajpijiet tal-fjuwil tat-tisħin)
6.1.4. Bampers, protezzjoni laterali u tagħmir taħt il-parti ta' wara
6.1.5. Il-kaxxa fejn tinżamm ir-rota ż-żejda
6.1.6. Il-mekkaniżmi ta' coupling u t-tagħmir tal-irmunkar
6.1.7. It-trażmissjoni
6.1.8. Il-mountings tal-magna
6.1.9. Il-prestazzjoni tal-magna
6.2. Il-kabina u x-xogħol fuq il-bodi
6.2.1. Il-kundizzjoni
6.2.2. L-immuntar
6.2.3. Il-bibien u l-molol tal-bibien
6.2.4. L-art
6.2.5. Is-siġġu tax-xufier
6.2.6. Siġġijiet oħra
6.2.7. Il-kontrolli tas-sewqan
6.2.8. It-turġien tal-kabina
6.2.9. Aċċessorji u tagħmir intern u estern
6.2.10. Mudguards (wings), mezzi li jnaqqsu t-titjir
7. **TAGĦMIR IEĦOR**
7.1. **Iċ-ċinturini/bokkli tas-sikurezza**
7.1.1. Is-sigurtà tal-mounting
7.1.2. Il-kundizzjoni
7.1.3. Load-limiter taċ-ċinturin tas-sikurezza
7.1.4. Il-pretensioners taċ-ċintorin tas-sikurezza
7.1.5. L-airbag
7.1.6. Is-Sistemi SRS
7.2. L-estintur tan-nar
7.3. Is-serraturi u t-tagħmir kontra s-serq
7.4. It-trianglu ta' twissija
7.5. Il-kit tal-ewwel għajnuna
7.6. Iċ-chocks tar-roti (wedges)
7.7. Strument ta' twissija li jinstema'
7.8. L-ispidometru
7.9. It-takografu
7.10. Tagħmir li jillimita l-veloċità
7.11. L-odometru
7.12. Electronic Stability Control (ESC)
8. **STORBJU**
8.1. **Is-sistema tat-trażżin tal-istorbju**
8.2. L-emissjonijiet tal-egżost
8.2.1. L-emissjonijiet minn magni petrol
8.2.1.1. Tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet tal-egżost
8.2.1.2. Emissjonijiet ta' gass
8.2.2. Emissjonijiet minn magni diżil
8.2.2.1. Tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet tal-egżost
8.2.2.2. L-opaċità
8.3. Trażżin tal-interferenza elettromanjetika
8.4. Elementi oħra relatati mal-ambjent
8.4.1. Duħħan viżibbli
8.4.2. Tnixxijiet ta' fluwidi"

(2) L-Anness II jinbidel b'dan:

"*ANNESS II*

WERREJ

1. INTRODUZZJONI

2. REKWIŻITI TAL-ISPEZZJONI

1. Tagħmir tal-brejkijiet

8. Effetti negattivi

1. INTRODUZZJONI

L-Anness jistipula r-regoli għall-ittestjar u/jew l-iċċekkjar tas-sistemi tal-brejkijiet u tal-emissjonijiet tal-egżost waqt spezzjoni teknika fil-ġenb tat-triq. L-użu ta' tagħmir mhuwiex obbligatorju waqt l-ispezzjonijiet fil-ġenb tat-triq. Madankollu, dan itejjeb il-kwalità tal-ispezzjonijiet u, meta jkun possibbli, huwa rrakkomandat li jsir.

L-elementi li jistgħu jiġu ttestjati biss bl-użu ta' tagħmir ġew immarkati b' **(E)**.

Meta metodu ta' spezzjoni jingħata bħala viżwali, dan ifisser illi minbarra milli jħares lejn l-elementi, l-ispettur għandu, jekk ikun meħtieġ, imisshom, jevalwa l-ħsejjes u juża kwalunkwe mezz ta' spezzjoni ieħor xieraq mingħajr l-użu ta' tagħmir.

2. REKWIŻITI TAL-ISPEZZJONI

L-ispezzjonijiet tekniċi fil-genb tat-triq jistgħu jkopru elementi u jużaw il-metodi elenkati hawn taħt. In-nuqqasijiet huma eżempji ta' difetti li jistgħu jiġu identifikati.

| **Element** | **Metodu** | **Nuqqasijiet** |
|---|---|---|
| | 1. **TAGĦMIR TAL-BREJKIJIET** | |
| 1.1. Il-kondizzjoni mekkanika u l-funzjonament | | |
| 1.1.1. Il-pern tal-pedala tas-service brake | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona.<br><br>Nota: Il-vetturi b'sistemi tal-brejkijiet power-assisted għandhom jiġu spezzjonati bil-magna mitfija. | (a) Pern issikat iżżejjed.<br>(b) Ittiekel jew laxk wisq. |
| 1.1.2. Il-kondizzjoni tal-pedala u t-travel tal-mezz li jopera l-brejkijiet | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona.<br><br>Nota: Il-vetturi b'sistemi tal-brejkijiet power-assisted għandhom jiġu spezzjonati bil-magna mitfija. | (a) Travel żejjed jew riserva ta' travel insuffiċjenti.<br>(b) Kontroll tal-brejkijiet li ma jirrilaxxax kif suppost<br>(c) Id-dispożizzjoni kontra ż-żliq ta' fuq il-pedala tal-brejkijiet mhix hemm, maħlula jew ittieklet bl-użu |
| 1.1.3. Il-pompa tal-vakwu jew il-kompressur u l-akkumulaturi | Spezzjoni viżwali tal-komponenti fi pressjoni operattiva normali. Ħin ta' ttestjar meħtieġ sakemm il-pressjoni tal-vakwu jew il-pressjoni tal-arja jilħqu livell sikur ta' tħaddim u jibdew jiffunzjonaw il-mezz ta' twissija, il-valv ta' protezzjoni ta' sistema multi-circuit u l-valv għar-rilaxx tal-pressjoni. | (a) Il-pressjoni tal-arja/vakwu hija insuffiċjenti biex tassisti għal mill-inqas żewġ applikazzjonijiet tal-brejkijiet wara li l-mezz ta' twissija jkun iffunzjona (jew il-gauge juri qari mhux ta' min joqgħod fuqu).<br>(b) Il-ħin meħtieġ biex il-pressjoni tal-arja/vakwu jilħqu l-livell sikur ta' tħaddim ma jissodisfax ir-rekwiżiti ([a]) |

| Element | Metodu | Nuqqasijiet |
|---|---|---|
| | | (c) Il-valv ta' protezzjoni ta' sistema multi-circuit jew il-valv għar-rilaxx tal-pressjoni ma jaħdimx<br>(d) Tnixxija tal-arja li tikkawża waqgħa notevoli fil-pressjoni jew tnixxijiet tal-arja li jinstemgħu.<br>(e) Ħsara esterna li x'aktarx taffettwa l-funzjonament tas-sistema tal-brejkijiet. |
| 1.1.4. Gauge jew indikatur li juri twissija ta' pressjoni baxxa | Kontroll tal-funzjonament. | Gauge jew indikatur difettuż jew jaħdem ħażin. |
| 1.1.5. Il-valv manwali ta' kontroll tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Il-kontroll imxaqqaq, bil-ħsara jew mittiekel wisq.<br>(b) Il-kontroll mhux imwaħħal sew mal-valv jew il-valv mhux imwaħħal sod.<br>(c) Konnessjonijiet laxki fis-sistema jew tnixxijiet fis-sistema.<br>(d) Funzjonament mhux sodisfaċenti. |
| 1.1.6. Il-mezz li jattiva l-brejk tal-ipparkjar, il-kontroll tal-lieva, ir-ratchet tal-brejk tal-ipparkjar | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Ir-ratchet mhux jorbot sew.<br>(b) Il-pern tal-lieva jew il-mekkaniżmu tar-ratchet ittiekel wisq.<br>(c) Moviment eċċessiv tal-lieva li jindika aġġustament inkorrett.<br>(d) L-attivatur nieqes, bil-ħsara jew ma jaħdimx.<br>(e) Funzjonament ħażin, l-indikatur ta' twissija jaħdem ħażin. |
| 1.1.7. Valvi tal-brejkijiet (foot valves, un-loaders, governors) | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Valv bil-ħsara jew tnixxija eċċessiva tal-arja.<br>(b) Skarika eċċessiva ta' żejt mill-kompressur.<br>(c) Valv jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin.<br>(d) Ħruġ jew tnixxija ta' fluwidu idrawliku. |
| 1.1.8. Couplings għall-brejkijiet tal-karrijiet (tal-elettriku u tal-arja) | Skonnettja u kkonnettja mill-ġdid il-couplings kollha tas-sistema tal-brejkijiet bejn il-vettura li tirmonka u l-karru. | (a) Difett fit-tapp jew fil-valvola li tissiġilla lilha nnifisha.<br>(b) Vit jew valv jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin.<br>(c) Tnixxijiet eċċessivi.<br>(d) Mhux imwaħħlin jew mhux imwaħħlin sew fejn meħtieġ.<br>(e) Ma jaħdmux sew. |
| 1.1.9. Akkumulatur tal-pressjoni | Spezzjoni viżwali. | (a) It-tank bil-ħsara, imsaddad jew inixxi.<br>(b) Il-mezz li bih jiġi mbattal ma jaħdimx.<br>(c) It-tank jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. |
| 1.1.10. Unitajiet servo tal-brejk, il-mastruċilindru (sistemi idrawliċi) | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Is-servo unit difettuż jew mhux effettiv.<br>(b) Il-mastruċilindru difettuż jew inixxi. |

| Element | Metodu | Nuqqasijiet |
|---|---|---|
| | | (c) Il-mastruċilindru mhux imwaħħal sod.<br>(d) Il-fluwidu tal-brejkijiet huwa insuffiċjenti.<br>(e) It-tapp tat-tank tal-mastruċilindru nieqes.<br>(f) Il-bozza ta' twissija tal-fluwidu tal-brejkijiet mixgħula jew difettuża<br>(g) Il-mezz li jwissi li l-livell tal-fluwidu tal-brejkijiet ma jaħdimx sew. |
| 1.1.11. Pajpijiet riġidi tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Riskju imminenti li jċedu jew jinqasmu.<br>(b) Pajpijiet jew konnessjonijiet li jnixxu.<br>(c) Il-pajpijiet bil-ħsara jew imsadda żżejjed.<br>(d) Il-pajpijiet mhux f'posthom. |
| 1.1.12. Hoses flessibbli tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Riskju imminenti li jċedu jew jinqasmu.<br>(b) Hoses bil-ħsara, mittiekla, mibrumin jew qosra wisq.<br>(c) Hoses jew konnessjonijiet li jnixxu.<br>(d) Hoses minfuħin bil-pressjoni.<br>(e) Hoses porużi. |
| 1.1.13. Linings u pads tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali. | (a) Il-lining jew il-pad mittiekla wisq.<br>(b) Il-lining jew il-pad ikkontaminati (żejt, griż, eċċ.).<br>(c) Lining jew pad neqsin. |
| 1.1.14. Drums tal-brejkijiet, diski tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali. | (a) Id-drum jew id-disk mittiekla wisq, imsaddin jew fihom taħfir jew qsim, mhux imwaħħlin sod jew maqsumin.<br>(b) Id-drum jew id-disk ikkontaminati (żejt, grease, eċċ.).<br>(c) Id-drum jew id-disk neqsin.<br>(d) Il-back plate mhix imwaħħla sod. |
| 1.1.15. Kejbils, vireg, livers u linkages tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Kejbil bil-ħsara jew mgħaqqad.<br>(b) Komponent mittiekel wisq jew imsaddad.<br>(c) Kejbil, virga jew ġonta mhux imwaħħlin sod.<br>(d) Il-gwida tal-kejbil difettuża.<br>(e) Restrizzjoni għall-moviment ħieles tas-sistema tal-brejkijiet.<br>(f) Ċaqliq mhux normali tal-livers/linkage li jindika twaħħil ħażin jew li ttieklu wisq. |
| 1.1.16. Actuators tal-brejkijiet (inkluż brejkijiet bil-molla jew ċilindri idrawliċi) | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) L-actuator maqsum jew bil-ħsara.<br>(b) L-actuator inixxi.<br>(c) L-actuator jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin.<br>(d) L-actuator imsaddad wisq. |

| Element | Metodu | Nuqqasijiet |
|---|---|---|
| | | (e) Travel eċċessiv jew insuffiċjenti tal-pistun operattiv jew tal-mekkaniżmu tad-dijaframma.<br>(f) L-għatu ta' protezzjoni mit-trab għandu ħsara kbira jew mhux hemm. |
| 1.1.17. Valv li jhoss it-tagħbija | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Linkage difettuż.<br>(b) Linkage aġġustat ħażin.<br>(c) Valv iġġammjat jew ma jaħdimx.<br>(d) Ma hemmx valv.<br>(e) Ma hemmx pjanċa tad-dejta.<br>(f) Id-dejta ma tinqarax jew mhix skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 1.1.18. Indikaturi u mezzi għall-aġġustament tal-laxkezza | Spezzjoni viżwali. | (a) Il-mezz għall-aġġustament tal-laxkezza bil-ħsara, iġġammjat jew jiċċaqlaq b'mod anormali, tekil eċċessiv jew aġġustament inkorrett.<br>(b) Il-mezz għall-aġġustament tal-laxkezza difettuż.<br>(c) Installati jew mibdula ħażin. |
| 1.1.19. Sistema EBS (meta mgħammra jew meħtieġa) | Spezzjoni viżwali. | (a) Konnetturi jew mountings mhux imwaħħlin sod.<br>(b) Is-sistema għandha difetti ċari jew ma hemmx sistema. |
| 1.1.20. Funzjonament awtomatiku tal-brejkijiet tal-karru | Skonnettja l-coupling tal-brejkijiet bejn il-vettura tal-irmunkar u l-karru | Il-brejk tal-karru ma jidħolx awtomatikament xhin jiġi skonnettjat il-coupling. |
| 1.1.21. Sistema tal-brejkijiet kompleta | Spezzjoni viżwali. | (a) Mezzi oħra tas-sistema (eż., il-pompa tal-anti-freeze, id-dryer tal-arja, eċċ) bi ħsara esterna jew imsaddin wisq tant li jaffettwaw ħażin lis-sistema tal-brejkijiet.<br>(b) Tnixxija eċċessiva ta' arja jew tal-anti-freeze.<br>(c) Kwalunkwe komponent li mhux imwaħħlal sod jew imwaħħal ħażin.<br>(d) Tiswija jew modifika ħażina ta' kwalunkwe komponent. |
| 1.1.22. Konnessjonijiet li jintużaw għall-ittestjar (meta mgħammra jew meħtieġa) | Spezzjoni viżwali. | (a) Nieqes.<br>(b) Bil-ħsara, ma jistgħux jintużaw jew inixxu. |
| 1.2. Prestazzjoni u effiċjenza tas-service brejk | | |
| 1.2.1 Performance **(E)** | Test fuq magna tal-ittestjar tal-brejkijiet abbażi ta' kejl statiku; applika l-brejkijiet b'mod gradwali sakemm tapplika l-ogħla sforz possibbli. | (a) Saħħa ta' bbrejkjar inadegwata fuq rota waħda jew aktar.<br>(b) Is-saħħa ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota tkun inqas minn 70 % tal-ogħla saħħa ta' bbrejkjar irreġistrata mir-rota l-oħra fuq l-istess fus.<br>(c) L-ebda varjazzjoni gradwali tas-saħħa tal-ibbrejkjar (qbid). |

| Element | Metodu | Nuqqasijiet |
|---|---|---|
| | | (d) Dewmien anormali fil-funzjonament tal-brejk ta' kwalunkwe rota.<br>(e) Is-saħħa tal-brejkijiet tvarja wisq fil-perjodu li fih ir-rota ddur dawra sħiħa. |
| 1.2.2 Efficiency<br>**(E)** | Test fuq magna tal-ittestjar tal-brejkijiet abbażi ta' kejl statiku, bil-piż ippreżentat. | (a) Ma jagħtix għall-inqas iċ-ċifra minima kif ġej:-<br>(b) Kategorija $M_1$, $M_2$ u $M_3$ – 50 % [1]<br>(c) Il-Kategorija $N_1$ – 45 %<br>(d) Kategorija $N_2$ u $N_3$ – 43 % [2]<br>(e) Kategorija $O_2$, $O_3$ u $O_4$ – 40 % [3] |

1.3. Il-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-brejkijiet sekondarji (ta' emerġenza) (jekk milħuqa minn sistema separata)

| Element | Metodu | Nuqqasijiet |
|---|---|---|
| 1.3.1. Prestazzjoni<br>**(E)** | Jekk is-sistema tal-brejkijiet sekondarja tkun separata mis-sistema tas-service brake, uża l-metodu speċifikat f'1.2.1. | (a) Saħħa ta' bbrejkjar inadegwata fuq rota waħda jew aktar.<br>(b) Is-saħħa ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota hija inqas minn 70 % tal-ogħla saħħa ta' bbrejkjar irreġistrata minn rota oħra li tkun fuq l-istess fus.<br>(c) L-ebda varjazzjoni gradwali tas-saħħa tal-ibbrejkjar (qbid). |
| 1.3.2. Effiċjenza<br>**(E)** | Jekk is-sistema tal-brejkijiet sekondarja tkun separata mis-sistema tas-service brake, uża l-metodu speċifikat f'1.2.2. | Saħħa ta' bbrejkjar inqas minn 50 % [4] tal-prestazzjoni tas-service brake definita fit-taqsima 1.2.2. fir-rigward tal-massa massima awtorizzata jew, fil-każ ta' semi-karrijiet, is-somma tat-tagħbijiet awtorizzati fuq il-fus. |

1.4. Il-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-brejk tal-ipparkjar

| Element | Metodu | Nuqqasijiet |
|---|---|---|
| 1.4.1. Prestazzjoni<br>**(E)** | Applika l-brejk fuq magna tal-ittestjar tal-brejkijiet abbażi ta' kejl statiku | Il-brejk ma jaħdimx fuq rota waħda jew iżjed |
| 1.4.2. Effiċjenza<br>**(E)** | Test fuq magna tal-ittestjar tal-brejkijiet abbażi ta' kejl statiku, bil-piż ippreżentat. | Għall-kategoriji kollha tal-vettura, ma jagħti lanqas 16 % bħala proporzjon tal-brejkijiet fir-rigward tal-massa massima awtorizzata, jew, għal vetturi bil-mutur, 12 % fir-rigward tal-massa massima awtorizzata tal-kombinazzjoni tal-vettura, skont liema tkun l-ikbar |
| 1.5. Prestazzjoni tal-EBS (Endurance Braking System) | Spezzjoni viżwali u, fejn ikun possibbli, ittestja jekk is-sistema taħdimx. | (a) L-effiċjenza ma tvarjax b'mod gradwali (mhux applikabbli għal sistemi tal-ibbrejkjar bl-egżost).<br>(b) Is-sistema ma taħdimx. |
| 1.6. Sistema ta' brejkijiet anti-lock | Spezzjoni viżwali tal-mezz ta' twissija. | (a) Il-mezz ta' twissija ma jaħdimx sewwa.<br>(b) Il-mezz ta' twissija juri funzjonament ħażin fis-sistema. |

| Element | Metodu | Nuqqasijiet |
|---|---|---|
| | 8. **EFFETTI NEGATTIVI** | |
| 8.2. L-emissjonijiet tal-egżost | | |
| 8.2.1 L-emissjonijiet minn magna tal-petrol | | |
| 8.2.1.1. Tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet tal-egżost | Spezzjoni viżwali. | (a) It-tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet imgħammar mill-manifattur ma ġiex installat jew jidher ċar li huwa difettuż.<br>(b) Tnixxijiet li jaffettwaw il-kejl tal-emissjonijiet b'mod sinifikanti. |
| 8.2.1.2. Emissjonijiet ta' gass **(E)** | Kejl li juża analizzatur tal-gass tal-egżost konformi mar-rekwiżiti ([a]). Jew, għal vetturi mgħammrin b'sistemi dijanjostiċi on-board (OBD) adegwati, il-funzjonament tajjeb tas-sistema tal-emissjonijiet jista' jiġi ċċekkjat permezz tal-qari tajjeb tal-mezz OBD u ċċekkjar tal-funzjonament tajjeb tas-sistema OBD installata tal-kejl ta' emissjonijiet bil-magna f'veloċità minima (idle) skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-kondizzjonament tal-manifattur u rekwiżiti oħra ([a]), fejn jitqiesu t-tolleranzi xierqa.<br>Jew, kejl permezz ta' tagħmir ta' remote sensing li jiġi kkonfermat permezz ta' metodi ta' ttestjar standard. | (a) Jew, l-emissjonijiet tal-gass huma ogħla mil-livelli speċifiċi indikati mill-manifattur;<br>(b) Jew, f'każ li din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, l-emissjonijiet ta' CO jkunu ogħla minn:<br>(1) għal vetturi mhux ikkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata:<br>— 4,5 %, or<br>— 3,5 %<br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti ([a])<br>(2) għal vetturi kkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata:<br>— bil-magna b'veloċità baxxa: 0,5 %<br>— bil-magna b'veloċità għolja: 0,3 %<br>jew<br>— bil-magna b'veloċità baxxa:0,3 % ([5])<br>— bil-magna b'veloċità għolja: 0,2 %<br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti ([a])<br>(c) Il-valur Lambda huwa barra mill-medda 1 ± 0,03 jew ma jaqbilx mal-ispeċifikazzjoni tal-manifattur.<br>(d) Il-valur moqri mill-OBD jindika funzjonament ħażin ħafna<br>(e) Il-kejl permezz ta' tagħmir ta' remote sensing jindika nuqqas ta' konformità kbir |
| 8.2.2 L-emissjonijiet minn magna tad-diżil | | |
| 8.2.2.1. Tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet tal-egżost | Spezzjoni viżwali. | (a) It-tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet imgħammar mill-manifattur ma ġiex installat jew jidher ċar li huwa difettuż. |

| Element | Metodu | Nuqqasijiet |
|---|---|---|
| | | (b) Tnixxijiet li jaffettwaw il-kejl tal-emissjonijiet b'mod sinifikanti. |
| 8.2.2.2. L-opaċità<br><br>**(E)** | (a) L-opaċità tal-gass tal-exhaust li trid tiġi mkejla matul l-aċċelerazzjoni ħielsa (mingħajr tagħbija mill-idle sal-veloċità tal-cut off) bil-gear newtrali u l-clutch magħfus.<br><br>(b) Il-prekondizzjonament tal-vettura:<br><br>1. Il-vetturi jistgħu jiġu ttestjati mingħajr prekondizzjonament għalkemm għal raġunijiet ta' sikurezza għandhom isiru kontrolli li l-magna tkun sħuna u f'kondizzjoni mekkanika sodisfaċenti.<br><br>2. Ir-rekwiżiti tal-prekondizzjoni:<br><br>(i) Il-magna trid tkun sħuna għal kollox, per eżempju t-temperatura taż-żejt tal-magna mkejla b'sonda fil-pajp tal-ħadida li timmarka l-livell taż-żejt trid tkun mill-anqas 80 °C, jew temperatura normali ta' tħaddim f'każ li din tkun aktar baxxa, jew it-temperatura tal-blokka tal-magna mkejla permezz tal-livell ta' radjazzjoni infrared għandha tkun mill-anqas daqs temperatura ekwivalenti. Jekk, minħabba l-konfigurazzjoni tal-vettura, dan il-kejl ma jkunx prattiku, il-mod kif tiġi stabilita t-temperatura normali ta' tħaddim tal-magna jista' jsir b'mezzi oħra, pereżempju bit-tħaddim tal-fan tat-tkessiħ tal-magna.<br><br>(ii) Is-sistema tal-exhaust għandha tiġi mnaddfa b'mill-inqas tliet ċikli ta' aċċelerazzjoni jew b'metodu ekwivalenti.<br><br>(c) Il-proċedura tat-test:<br><br>1. Il-magna u kull turbocharger imwaħħal, li jridu jkunu idle qabel il-bidu ta' kull ċiklu ta' aċċelerazzjoni ħielsa. Għall-vetturi diżil heavy-duty, dan ifisser stennija ta' mill-anqas 10 sekondi wara r-rilaxx tat-throttle (il-kontroll tal-karburant).<br><br>2. Sabiex jinbeda kull ċiklu ta' aċċelleraz-zjoni ħielsa, il-pedala tat-throttle trid tingħafas għal kollox, bil-ħeffa u b'mod kontinwu (f'inqas minn sekonda) iżda mhux bil-goff, sabiex tinkiseb il-kwantità massima ta' fjuwil mill-pompa tal-injezzjoni.<br><br>3. Matul kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-magna għandha tilħaq il-veloċità tal-cut-off jew, għall-vetturi bi trażmissjonijiet awtomatiċi, il-veloċità speċifikata mill-manifattur | (a) Għal vetturi rreġistrati jew użati għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti [a],<br><br>l-opaċità tkun aktar mil-livell reġistrat fuq il-pjanċa li l-manifattur iwaħħal mal-vettura.<br><br>(b) Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżiti [a] ma jippermettux l-użu ta' valuri ta' referenza,<br><br>— għal magni li jiddependu mill-pressjoni atmosferika biex jiġbdu l-arja għall-kompressjoni (naturally aspirated engines): 2,5 $m^{-1}$,<br><br>— għal magni turbo-charged: 3,0 $m^{-1}$,jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti [a] jew irreġistrati jew użati għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti [a],<br><br>— 1,5 $m^{-1}$ [6]<br><br>(c) Il-kejl permezz ta' tagħmir ta' remote sensing jindika nuqqas ta' konformità kbir |

| Element | Metodu | Nuqqasijiet |
|---|---|---|
| | jew, jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, allura il-veloċità ta' żewġ terzi tal-veloċità tal-cut-off, qabel ma jiġi rilaxxat it-throttle. Dan jista' jiġi ċċekkjat, pereżempju, billi tiġi mmonitorjata l-veloċità tal-magna jew billi jitħalla jgħaddi biżżejjed ħin bejn l-għafis inizjali tat-throttle u r-rilaxx tiegħu, li fil-każ tal-vetturi tal-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$ jew $N_3$ għandu jkun ta' mill-inqas żewġ sekondi.<br><br>4. Il-vetturi għandhom jiġu mwaħħla fit-testijiet fil-każ biss li l-medji aritmetiċi ta' mill-anqas l-aħħar tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jaqbżu l-valuri tal-limitu. Dan jista' jiġi kkalkulat billi jiġi injorat kull kejl li ma jaqbilx b'mod sinifikanti mill-medja mkejla, jew ir-riżultat ta' kwalunkwe kalkolu statistiku ieħor li jikkunsidra t-tifrix tal-kejlijiet. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw in-numru taċ-ċikli tat-testijiet.<br><br>5. Sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jwaħħlu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm ogħla mill-valuri ta' limitu wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċikli tat-tnaddif. Daqstant ieħor, sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jgħaddu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm aktar baxxi mil-limiti wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċikli tat-tnaddif, fejn jitqiesu t-tolleranzi xierqa.<br><br>Jew, kejl permezz ta' tagħmir ta' remote sensing li jiġi kkonfermat permezz ta' metodi ta' ttestjar standard. | |

(1) 48 % għal vetturi li mhumiex imgħammrin b'sistema ABS jew li jkunu ġew approvati għat-tip qabel l-1 ta' Ottubru 1991.

(2) 45 % għal vetturi reġistrati wara l-1988 jew id-data speċifikata fir-rekwiżiti (a), skont liema tkun l-aktar data reċenti.

(3) 43 % għal semi-karrijiet u karrijiet draw-bar irreġistrati wara l-1988 jew mid-data fir-rekwiżiti (a), liema waħda minnhom tkun l-aħħar.

(4) 2,2 $m/s^2$ għal vetturi $N_1$, $N_2$ u $N_3$.

(5) Approvazzjoni tat-tip skont il-limiti fir-ringiela A jew B sezzjoni 5.3.1.4. tal-Anness I għad-Direttiva 70/220/KEE kif emendata bid-Direttiva 98/69/KE jew aktar tard jew irreġistrata jew bdiet tintuża l-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2002.

(6) Approvazzjoni tat-tip skont il-limiti fir-ringiela B sezzjoni 5.3.1.4. tal-Anness I għad-Direttiva 70/220/KEE kif emendata bid-Direttiva 98/69/KE jew wara; ringiela B1, B2 jew Ċ sezzjoni 6.2.1 tal-Anness I għad-Direttiva 88/77/KEE kif emendata bid-Direttiva 1999/96/KE jew wara jew irreġistrata jew bdiet tintuża l-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2008.

*NOTI:*

(g) 'rekwiżiti' jiġu stipulati permezz ta' rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip fid-data meta ssir l-ewwel reġistrazzjoni jew meta jibdew jintużaw, kif ukoll ta' obbligi ta' installazzjoni jew tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż ta' reġistrazzjoni"

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/48/UE

## tal-5 ta' Lulju 2010

## li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Fl-interessi tas-sigurtà fit-toroq, il-ħarsien tal-ambjent u l-kompetizzjoni ġusta huwa importanti li jiġi assigurat li l-vetturi fl-użu jingħataw manutenzjoni u jkunu ttestjati sewwa, sabiex tinżamm il-prestazzjoni tagħhom kif iggarantita mill-approvazzjoni tat-tip, mingħajr degradazzjoni eċċessiva, tul il-perjodu kollu tal-użu tagħhom.

(2) L-istandards u l-metodi, kif imsemmija fl-Artikolu 6 (1) tad-Direttiva 2009/40/KE, għandhom jiġu ddefiniti u addattati aktar sabiex jirriflettu l-progress tekniku, sabiex l-ittestjar tal-kundizzjoni tal-vetturi għat-triq fl-Unjoni Ewropea jiġi mtejjeb b'mod kost-effettiv.

(3) Għandhom jiġu kkunsidrati s-sejbiet ta' żewġ proġetti, Autofore ([2]) u Idelsy ([3]), li dan l-aħħar ittrattaw l-alternattivi futuri għall-ittestjar tal-kundizzjoni tal-vetturi għat-triq u l-eżitu ta' djalogu miftuħ u fattwali mal-partijiet interessati.

(4) L-istat preżenti tat-teknoloġija tal-vetturi jeħtieġ li s-sistemi elettroniċi moderni jiġu inklużi fil-lista tal-affarijiet li għandhom jiġu ttestjati.

(5) Sabiex tinkiseb aktar armonizzazzjoni fl-ittestjar tal-vetturi dwar jekk humiex tajbin għat-triq, għandhom jiddaħħlu metodi ta' ttestjar għal kull wieħed mill-elementi tat-test.

(6) Sabiex tiġi ffaċilitata armonizzazzjoni ulterjuri u għal raġunijiet ta' konsistenza fl-istandards, issa għandha tiġi inkluża lista mhux eżawrjenti tar-raġunijiet prinċipali ta' falliment għall-elementi kollha tat-test, kif diġà teżisti għas-sistemi tal-brejkijiet.

(7) It-testijiet ta' jekk vettura hijiex tajba għat-triq għandhom ikopru l-elementi kollha rilevanti għad-diżinn, il-kostruzzjoni u t-tagħmir speċifiku tal-vettura ttestjata. Għalhekk, fejn ikun meħtieġ, għandhom jiżdiedu rekwiżiti speċifiċi għal kategoriji ta' vetturi partikolari.

(8) L-Istati Membri estendew ir-rekwiżit tat-testijiet perjodiċi skont l-Artikolu 5 (e) tad-Direttiva 2009/40/KE għal kategoriji oħra ta' vetturi. Għall-iskop ta' ttestjar aktar armonizzat, għandhom jiġu inklużi metodi u standards għal dawk il-kategoriji ta' vetturi. It-testijiet għandhom jitwettqu bl-użu ta' metodi u tagħmir attwalment disponibbli, u mingħajr l-użu ta' għodda sabiex tiġi żarmata jew titneħħa xi parti tal-vettura.

(9) Minbarra l-elementi relatati mas-sigurtà, is-sikurezza u l-ħarsien tal-ambjent, it-test irid ikopri wkoll l-identifikazzjoni tal-vettura sabiex ikun żgurat li jiġu applikati t-testijiet u l-istandards korretti, sabiex ikunu jistgħu jiġu rrekordjati r-riżultati tat-test u jkunu jistgħu jiġu infurzati rekwiżiti legali oħra.

(10) Sabiex jiġi ffaċilitat l-operat tas-suq intern, u sabiex jittejbu l-metodi ta' ttestjar dwar jekk vettura hijiex tajba għat-triq, ir-riżultati ta' test għandhom ikunu ppreżentati f'ċertifikat tal-kundizzjoni tajba għat-triq li jkun ikopri ċerti elementi ċentrali.

(11) Irid isir aktar xogħol fil-kamp tal-iżvilupp ta' proċeduri ta' ttestjar alternattivi biex tiġi ċċekkjata l-kundizzjoni ta' manutenzjoni tal-vetturi li jaħdmu bid-diżil, b'mod partikolari fir-rigward tan-$NO_x$ u l-partikulati billi jiġu kkunsidrati sistemi ġodda ta' post-trattament tal-emissjonijiet.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-kumitat dwar l-addattament għall-progress tekniku tad-Direttiva dwar testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq, li ġie stabbilit bl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2009/40/KE.

([1]) ĠU L 141, 6.6.2009, p. 12.

([2]) *Autofore study on the Future Options for Roadworthiness Enforcement in the European Union* (L-istudju Autofore dwar l-alternattivi futuri għall-Infurzar tal-Kundizzjoni Tajba tal-Vetturi għat-Triq fl-Unjoni Ewropea), http://ec.europa.eu/transport/roadsafety/publications/projectfiles/autofore_en.htm

([3]) Inizjattiva IDELSY għad-Dijanjożi tas-Sistemi Elettroniċi fil-Vetturi għall-PTI, http://ec.europa.eu/transport/roadsafety/publications/projectfiles/idelsy_en.htm

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness II għad-Direttiva 2009/40/KE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 tal-Anness II, li għandhom japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2013. Huma għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni dwarhom.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-Anness II għad-Direttiva 2009/40/KE huwa ssostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS II*

**ELEMENTI LI GĦANDHOM JIĠU TTESTJATI B'MOD OBBLIGATORJU**

WERREJ


1. Introduzzjoni
2. Ambitu tal-Ispezzjoni
3. Iċ-ċertifikat li l-vettura hija tajba għat-triq
4. Rekwiżiti minimi tal-ispezzjoni
   0. Identifikazzjoni tal-vettura
   1. Tagħmir tal-brejkijiet
   2. L-istering
   3. Il-viżibbiltà
   4. Fanali, rifletturi u tagħmir elettriku
   5. Il-fusijiet, ir-roti, it-tajers u s-suspenxin
   6. Ix-xażi u l-aċċessorji tax-xażi
   7. Tagħmir ieħor
   8. Effetti negattivi
   9. Testijiet supplimentari għall-vetturi li jġorru l-passiġġieri M2, M3


1. INTRODUZZJONI

Dan l-Anness jidentifika s-sistemi u l-komponenti tal-vettura li għandhom jiġu ttestjati; huwa jiddeskrivi l-metodu ta' kif għandhom jiġu ttestjati u l-kriterji li għandhom jintużaw meta jiġi stabbilit jekk il-kundizzjoni tal-vettura hijiex aċċettabbli.

Meta jinstab li l-vettura hija difettuża fir-rigward tal-elementi tat-test elenkati, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jadottaw proċedura sabiex jistabbilixxu l-kundizzjonijiet fejn il-vettura tista' tintuża qabel ma tgħaddi minn test ieħor dwar jekk hijiex tajba għat-triq.

It-test irid ikopri tal-inqas l-elementi elenkati hawn isfel, bil-kundizzjoni li dawn ikunu relatati mat-tagħmir tal-vettura li tkun qiegħda tiġi ttestjata fl-Istat Membru kkonċernat.

It-testijiet għandhom jitwettqu billi jintużaw metodi u tagħmir attwalment disponibbli mingħajr l-użu ta' għodod sabiex tiġi żarmata jew titneħħa xi parti tal-vettura.

L-elementi kollha elenkati għandhom jitqiesu bħala obbligatorji f'test perjodiku tal-vetturi, għajr dawk immarkati bl-indikazzjoni (X), li huma relatati mal-kundizzjoni tal-vettura u s-sostenibbiltà tagħha għall-użu fit-triq iżda li mhumiex ikkunsidrati bħala essenzjali f'test perjodiku.

Ir-"Raġunijiet għall-Falliment" ma japplikawx f'każijiet fejn dawn jirreferu għal rekwiżiti li ma kinux preskritti fil-leġislazzjoni rilevanti dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fiż-żmien tal-ewwel reġistrazzjoni, l-ewwel dħul fis-servizz u r-rekwiżiti dwar il-modifiki li jsiru wara.

Meta metodu ta' spezzjoni jingħata bħala viżwali, dan ifisser illi minbarra milli jħares lejn l-elementi, l-ispettur għandu, jekk ikun meħtieġ, imisshom, jevalwa l-ħsejjes u juża kwalunkwe mezz ta' spezzjoni ieħor xieraq mingħajr l-użu ta' tagħmir.

2. AMBITU TAL-ISPEZZJONI

L-ispezzjoni għandha tkopri tal-inqas l-elementi msemmija hawn isfel, bil-kundizzjoni li dawn ikunu relatati mat-tagħmir installat tal-vettura li tkun qiegħda tiġi ttestjata.

0) L-identifikazzjoni tal-vettura;

1) L-apparat tal-brejkijiet;

2) L-istering;

3) Il-viżibbiltà;

4) It-tagħmir tad-dawl u l-partijiet tas-sistema elettrika;

5) Il-fusijiet, ir-roti, it-tajers, is-suspenxin;

6) Ix-xażi u l-aċċessorji tax-xażi;

7) Tagħmir ieħor;

8) Effetti negattivi;

9) Testijiet supplimentari għal vetturi li jġorru l-passiġġieri M2 u M3

3. IĊ-ĊERTIFIKAT LI L-VETTURA HIJA TAJBA GĦAT-TRIQ

L-operatur jew is-sewwieq tal-vettura jrid jiġi nnotifikat bil-miktub dwar id-difetti, ir-riżultat tat-test u l-konsegwenzi legali.

Iċ-ċertifikati li l-vettura hija tajba għat-triq, maħruġa fil-każ tat-testijiet perjodiċi obbligatorji tal-vetturi, għandhom ikopru mill-anqas l-elementi li ġejjin:

1) in-numru tal-VIN

2) in-numru tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni u s-simbolu tal-pajjiż tal-istat tar-reġistrazzjoni

3) il-post u d-data tat-test

4) il-qari tal-odometru fil-ħin tat-test jekk ikun disponibbli

5) il-kategorija tal-vettura jekk disponibbli

6) id-difetti identifikati (huwa rakkomandat li tiġi segwita l-ordni numerika tal-Paragrafu 5 ta' dan l-Anness) u l-kategorija tagħha

7) l-evalwazzjoni ġenerali tal-vettura

8) id-data tat-test perjodiku li jmiss (jekk din l-informazzjoni ma tkunx ipprovduta b'mezzi oħra)

9) l-isem tal-organizzazzjoni li tagħmel l-ispezzjoni u l-firma u l-identifikazzjoni tal-ispettur responsabbli għat-test

4. REKWIŻITI MINIMI TAL-ISPEZZJONI

L-ispezzjoni għandha tkopri tal-inqas l-elementi u tuża l-istandards minimi u l-metodi elenkati hawn isfel. Ir-raġunijiet ta' falliment huma eżempji ta' difetti li jistgħu jinstabu.

| Element | | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|---|
| | | **0. IDENTIFIKAZZJONI TAL-VETTURA** | |
| 0.1 | Il-pjanċi bin-numru tar-reġistrazzjoni (jekk meħtieġ mir-rekwiżiti) ([a]) | Spezzjoni viżwali. | (a) Il-pjanċa(i) bin-numru hija/huma neqsin jew imwaħħlin tant laxki li x'aktarx li jaqgħu.<br>(b) Kitba nieqsa jew ma tinqarax.<br>(c) Mhux skont id-dokumenti jew ir-rekords tal-vettura |
| 0.2 | In-numru tax-xażi/serjali ta' identifikazzjoni tal-vettura | Spezzjoni viżwali | (a) Nieqes jew ma jistax jinstab.<br>(b) Inkomplet, ma jinqarax.<br>(c) Mhux skont id-dokumenti jew ir-rekords tal-vettura. |

| Element | | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|---|
| | | **1. TAGĦMIR TAL-BREJKIJIET** | |
| 1.1 | Il-kondizzjoni mekkanika u l-funzjonament | | |
| 1.1.1 | Il-pern tal-pedala tas-service brake/tal-hand lever | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona.<br><br>*Nota*: Il-vetturi b'sistemi ta' brejkijiet power-assisted għandhom jiġu spezzjonati bil-magna mitfija. | (a) Pern issikat iżżejjed.<br>(b) Ittiekel jew laxk wisq. |
| 1.1.2 | Il-kundizzjoni tal-pedali/hand lever u t-travel tal-mezz li jopera l-brejkijiet | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona.<br><br>*Nota*: Il-vetturi b'sistemi tal-brejkijiet power-assisted għandhom jiġu spezzjonati bil-magna mitfija. | (a) Travel żejjed jew riserva ta' travel insuffiċjenti.<br>(b) Kontroll tal-brejkijiet li ma jirrilaxxax kif suppost<br>(c) Id-dispożizzjoni kontra ż-żliq ta' fuq il-pedala tal-brejkijiet mhix hemm, maħlula jew ittieklet bl-użu |
| 1.1.3 | Il-pompa tal-vakwu jew il-kompressur u l-akkumulaturi | Spezzjoni viżwali tal-komponenti fi pressjoni operattiva normali. Ħin ta' ttestjar meħtieġ sakemm il-pressjoni tal-vakwu jew il-pressjoni tal-arja jilħqu livell sikur ta' tħaddim u jibdew jiffunzjonaw il-mezz ta' twissija, il-valv ta' protezzjoni ta' sistema multi-circuit u l-valv għar-rilaxx tal-pressjoni. | (a) Il-pressjoni tal-arja/vakwu hija insuffiċjenti biex tassisti għal mill-inqas żewġ applikazzjonijiet tal-brejkijiet wara li l-mezz ta' twissija jkun iffunzjona (jew il-gauge juri qari mhux ta' min joqgħod fuqu).<br>(b) Il-ħin meħtieġ biex il-pressjoni tal-arja/vakwu jilħqu l-livell sikur ta' tħaddim ma jissodisfax ir-rekwiżiti ([a])<br>(c) Il-valv ta' protezzjoni ta' sistema multi-circuit jew il-valv għar-rilaxx tal-pressjoni ma jaħdimx<br>(d) Tnixxija tal-arja li tikkawża waqgħa notevoli fil-pressjoni jew tnixxijiet tal-arja li jinstemgħu.<br>(e) Ħsara esterna li x'aktarx taffettwa l-funzjonament tas-sistema tal-brejkijiet. |
| 1.1.4 | Gauge jew indikatur li juri twissija ta' pressjoni baxxa | Kontroll tal-funzjonament. | Gauge jew indikatur difettuż jew jaħdem ħażin. |
| 1.1.5 | Il-valv manwali ta' kontroll tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Il-kontroll imxaqqaq, bil-ħsara jew mittiekel wisq.<br>(b) Il-kontroll mhux imwaħħal sew mal-valv jew il-valv mhux imwaħħal sod.<br>(c) Konnessjonijiet laxki fis-sistema jew tnixxijiet fis-sistema.<br>(d) Funzjonament mhux sodisfaċenti. |
| 1.1.6 | Il-mezz li jattiva l-brejk tal-ipparkjar, il-kontroll tal-lieva, ir-ratchet tal-brejk tal-ipparkjar, l-ipparkjar elettroniku | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Ir-ratchet mhux jorbot sew.<br>(b) Il-pern tal-lieva jew il-mekkaniżmu tar-ratchet ittiekel wisq.<br>(c) Moviment eċċessiv tal-lieva li jindika aġġustament inkorrett.<br>(d) L-attivatur nieqes, bil-ħsara jew ma jaħdimx.<br>(e) Funzjonament ħażin, l-indikatur ta' twissija jaħdem ħażin. |

| Element | | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|---|
| 1.1.7 | Il-valvi tal-brejkijiet (foot valves, unloaders, governors) | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona.. | (a) Valv bil-ħsara jew tnixxija eċċessiva tal-arja.<br>(b) Skarika eċċessiva ta' żejt mill-kompressur.<br>(c) Valv jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin.<br>(d) Ħruġ jew tnixxija ta' fluwidu idrawliku. |
| 1.1.8 | Couplings għall-brejkijiet tal-karrijiet (tal-elettriku u tal-arja) | Skonnettja u kkonnettja mill-ġdid il-couplings kollha tas-sistema tal-brejkijiet bejn il-vettura li tirmonka u l-karru. | (a) Difett fit-tapp jew fil-valvola li tissiġilla lilha nnifisha.<br>(b) Vit jew valv jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin.<br>(c) Tnixxijiet eċċessivi.<br>(d) Ma jaħdmux sew. |
| 1.1.9 | Akkumulatur tal-pressjoni | Spezzjoni viżwali | (a) It-tank bil-ħsara, imsaddad jew inixxi.<br>(b) Il-mezz li bih jiġi mbattal ma jaħdimx.<br>(c) It-tank jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. |
| 1.1.10 | Unitajiet servo tal-brejk, il-mastruċilindru (sistemi idrawliċi) | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Is-servo unit difettuż jew mhux effettiv.<br>(b) Il-mastruċilindru difettuż jew inixxi.<br>(c) Il-mastruċilindru mhux imwaħħal sod.<br>(d) Il-fluwidu tal-brejkijiet huwa insuffiċjenti.<br>(e) It-tapp tat-tank tal-mastruċilindru nieqes.<br>(f) Il-bozza ta' twissija tal-fluwidu tal-brejkijiet mixgħula jew difettuża<br>(g) Il-mezz li jwissi li l-livell tal-fluwidu tal-brejkijiet ma jaħdimx sew. |
| 1.1.11 | Pajpijiet riġidi tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Riskju imminenti li jċedu jew jinqasmu.<br>(b) Pajpijiet jew konnessjonijiet li jnixxu.<br>(c) Il-pajpijiet bil-ħsara jew imsadda żżejjed.<br>(d) Il-pajpijiet mhux f'posthom. |
| 1.1.12 | Hoses flessibbli tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Riskju imminenti li jċedu jew jinqasmu.<br>(b) Hoses bil-ħsara, mittiekla, mibrumin jew qosra wisq.<br>(c) Hoses jew konnessjonijiet li jnixxu.<br>(d) Hoses minfuħin bil-pressjoni.<br>(e) Hoses porużi. |
| 1.1.13 | Linings u pads tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali | (a) Il-lining jew il-pad mittiekla wisq.<br>(b) Il-lining jew il-pad ikkontaminati (żejt, griż, eċċ.).<br>(c) Lining jew pad neqsin. |
| 1.1.14 | Drums tal-brejkijiet, diski tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali | (a) Id-drum jew id-disk mittiekla wisq, fihom wisq taħfir, imxaqqin, mhux imwaħħlin sod jew maqsumin. |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| | | (b) Id-drum jew id-disk ikkontaminati (żejt, grease, eċċ.).<br>(c) Id-drum jew id-disk neqsin.<br>(d) Il-back plate mhix imwaħħla sod. |
| 1.1.15 Kejbils, vireg, livers u linkages tal-brejkijiet | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Kejbil bil-ħsara jew mgħaqqad.<br>(b) Komponent mittiekel wisq jew imsaddad.<br>(c) Kejbil, virga jew ġonta mhux imwaħħlin sod.<br>(d) Il-gwida tal-kejbil difettuża.<br>(e) Restrizzjoni għall-moviment ħieles tas-sistema tal-brejkijiet.<br>(f) Ċaqliq mhux normali tal-livers/linkage li jindika twaħħil ħażin jew li ttieklu wisq. |
| 1.1.16 Actuators tal-brejkijiet (inkluż brejkijiet bil-molla jew ċilindri idrawliċi) | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) L-actuator maqsum jew bil-ħsara.<br>(b) L-actuator inixxi.<br>(c) L-actuator jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin.<br>(d) L-actuator imsaddad wisq.<br>(e) Travel eċċessiv jew insuffiċjenti tal-pistun operattiv jew tal-mekkaniżmu tad-dijaframma.<br>(f) L-għatu ta' protezzjoni mit-trab għandu ħsara kbira jew mhux hemm. |
| 1.1.17 Valv li jħoss it-tagħbija | Spezzjoni viżwali tal-komponenti waqt li s-sistema tal-brejkijiet tkun qed tiffunzjona. | (a) Linkage difettuż.<br>(b) Linkage aġġustat ħażin.<br>(c) Valv iġġammjat jew ma jaħdimx.<br>(d) Ma hemmx valv.<br>(e) Ma hemmx pjanċa tad-dejta.<br>(f) Id-dejta ma tinqarax jew mhix skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 1.1.18 Indikaturi u mezzi għall-aġġustament tal-laxkezza | Spezzjoni viżwali | (a) Il-mezz għall-aġġustament tal-laxkezza bil-ħsara, iġġammjat jew jiċċaqlaq b'mod anormali, tekil eċċessiv jew aġġustament inkorrett.<br>(b) Il-mezz għall-aġġustament tal-laxkezza difettuż.<br>(c) Installati jew mibdula ħażin. |
| 1.1.19 Sistema EBS (meta mgħammra jew meħtieġa) | Spezzjoni viżwali | (a) Konnetturi jew mountings mhux imwaħħlin sod.<br>(b) Is-sistema għandha difetti ċari jew ma hemmx sistema. |
| 1.1.20 Funzjonament awtomatiku tal-brejkijiet tal-karru | Skonnettja l-coupling tal-brejkijiet bejn il-vettura tal-irmunkar u l-karru | Il-brejk tal-karru ma jidħolx awtomatikament xħin jiġi skonnettjat il-coupling. |
| 1.1.21 Sistema tal-brejkijiet kompleta | Spezzjoni viżwali. | (a) Mezzi oħra tas-sistema (eż., il-pompa tal-anti-freeze, id-dryer tal-arja, eċċ) bi ħsara esterna jew imsaddin wisq tant li jaffettwaw ħażin lis-sistema tal-brejkijiet.<br>(b) Tnixxija ta' arja jew tal-anti-freeze. |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| | | (c) Kwalunkwe komponent li mhux imwaħħlal sod jew imwaħħal ħażin.<br>(d) Tiswija jew modifika mhux xierqa għal kwalunkwe komponen (1) |
| 1.1.22 Konnessjonijiet li jintużaw għall-ittestjar (meta mgħammra jew meħtieġa) | Spezzjoni viżwali. | (a) Nieqsa.<br>(b) Bil-ħsara, ma jistgħux jintużaw jew inixxu. |
| 1.2 Prestazzjoni u effiċjenza tas-service brejk | | |
| 1.2.1 Prestazzjoni | waqt test fuq magna tal-ittestjar tal-brejkijiet abbażi ta' kejl statiku jew, jekk ma jkunx possibbli waqt test fit-triq applika l-brejkijiet b'mod gradwali sakemm tapplika l-ogħla sforz possibbli. | (a) M'hemmx biżżejjed saħħa ta' bbrejkjar fuq rota waħda jew iżjed.<br>(b) Is-saħħa ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota tkun inqas minn 70 % tal-ogħla saħħa ta' bbrejkjar irreġistrata mir-rota l-oħra fuq l-istess fus. Jew fil-każ ta' ttestjar fit-triq, il-vettura tiddevja b'mod eċċessiv minn linja dritta.<br>(c) Ebda varjazzjoni gradwali tas-saħħa tal-ibbrejkjar (qbid).<br>(d) Dewmien anormali fil-funzjonament tal-brejk ta' kwalunkwe rota.<br>(e) Is-saħħa tal-brejkijiet tvarja wisq fil-perjodu li fih ir-rota ddur dawra sħiħa. |
| 1.2.2 Effiċjenza | Test fuq magna tal-ittestjar tal-brejkijiet abbażi ta' kejl statiku jew, jekk ma tkunx tista' tintuża waħda għal raġunijiet tekniċi, test fit-triq bl-użu ta' deċelometru li jirrekordja. Il-vetturi jew karru b'piż massimu permissibbli ogħla minn 3 500 kg iridu jiġu spezzjonati skont l-istandards mogħtija mill-ISO 21069 jew metodi ekwivalenti.<br>It-testijiet fit-triq iridu jsiru f'kundizzjonijiet xotti fi triq dritta u ċatta. | Ma jagħtix għall-inqas iċ-ċifra minima kif ġej:-<br>Vetturi rreġistrati l-ewwel darba wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva:<br>— Kategorija N1: 50 %<br>— Kategorija M1: 58 %<br>— Kategorija M2 u M3: 50 %<br>— Kategorija N2 u N3: 50 %<br>— Kategorija O2 (XX) (c), O3 u O4<br>— għas-semi-karrijiet: 45 %<br>— għall-karrijiet draw-bar: 50 %<br><br>Vetturi rreġistrati qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva:<br>Kategorija N1: 45 %<br>Kategorija M1, M2 u M3: 50 % (2)<br>Kategorija N2 u N3: 43 % (3)<br>Kategorija O2 (XX) (c); O3 u O4 40 % (4)<br>Kategoriji oħra (XX) (c):<br>— Kategoriji L (iż-żewġ brejkijiet):<br>— Kategorija L1e: 42 %<br>— Kategorija L2e, L6e: 40 %<br>— Kategorija L3e: 50 %<br>— Kategorija L4e: 46 %<br>— Kategorija L5e, L7e: 44 %<br>— Kategoriji L (brejk tar-rota ta' wara):<br>— il-kategoriji kollha: 25 % |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| 1.3 Il-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-brejkijiet sekondarji (ta' emerġenza) (jekk milħuqa minn sistema separata) | | |
| 1.3.1 Prestazzjoni | Jekk is-sistema tal-brejkijiet sekondarja tkun separata mis-sistema tas-service brake, uża l-metodu speċifikat f'1.2.1. | (a) Saħħa ta' bbrejkjar inadegwata fuq rota waħda jew aktar.<br>(b) Is-saħħa ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota hija inqas minn 70 % tal-ogħla saħħa ta' bbrejkjar irreġistrata minn rota oħra li tkun fuq l-istess fus. Jew fil-każ tal-ittestjar fit-triq, il-vettura tiddevja iżżejjed minn linja dritta.<br>(c) L-ebda varjazzjoni gradwali tas-saħħa tal-ibbrejkjar (qbid). |
| 1.3.2 Effiċjenza | Jekk is-sistema tal-brejkijiet sekondarja tkun separata mis-sistema tas-service brake, uża l-metodu speċifikat f'1.2.2. | Sforz ta' bbrejkjar ta' inqas minn 50 % ([5]) tal-prestazzjoni tas-service brake definita fis-sezzjoni 1.2.2 fir-rigward tal-piż massimu awtorizzat jew, fil-każ tas-semi-karrijiet, is-somma tat-tagħbijiet awtorizzati fuq il-fus.<br>(ħlief L1e u L3e). |
| 1.4 Il-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-brejk tal-ipparkjar | | |
| 1.4.1 Prestazzjoni | Applika l-brejk fuq magna tal-ittestjar tal-brejkijiet abbażi ta' kejl statiku u/jew waqt test fit-triq b'deċelerometru. | Il-brejk ma jaħdimx fuq naħa waħda jew fil-każ ta' ttestjar fit-triq, il-vettura tiddevja żżejjed minn linja dritta. |
| 1.4.2 Effiċjenza | Test fuq magna tal-ittestjar tal-brejkijiet abbażi ta' kejl statiku jew test fit-triq bl-użu ta' deċelometru li jindika jew jirrekordja jew bil-vettura f'niżla ta' gradjent magħruf. Il-vetturi għall-ġarr ta' oġġetti għandhom, jekk ikun possibbli, jiġu ttestjati mgħobbija. | Għall-kategoriji kollha tal-vettura, ma jagħtix għall-inqas 16 % bħala proporzjon tal-brejkijiet fir-rigward tal-piż massimu awtorizzat, jew, għal vetturi bil-mutur, 12 % fir-rigward tal-massa massima awtorizzata tal-kombinazzjoni tal-vettura, skont liema tkun l-ikbar<br>(ħlief L1e u L3e). |
| 1.5. Prestazzjoni tal-EBS (Endurance Braking System) | Spezzjoni viżwali u, fejn ikun possibbli, ittestja jekk is-sistema taħdimx. | (a) L-effiċjenza ma tvarjax b'mod gradwali (mhux applikabbli għal sistemi tal-ibbrejkjar bl-egżost).<br>(b) Is-sistema ma taħdimx. |
| 1.6 Sistema ta' brejkijiet anti-lock (ABS) | Spezzjoni viżwali u spezzjoni tal-mezz ta' twissija. | (a) Il-mezz ta' twissija ma jaħdimx sewwa.<br>(b) Il-mezz ta' twissija juri funzjonament ħażin fis-sistema.<br>(c) Is-sensers tal-veloċità tar-roti nieqsa jew bil-ħsara.<br>(d) Il-wajers bil-ħsara.<br>(e) Komponenti oħra neqsin jew bil-ħsara. |
| 1.7 Sistema ta' brejkijiet elettroniċi (EBS) | Spezzjoni viżwali tal-mezz ta' twissija. | (a) Il-mezz ta' twissija ma jaħdimx sewwa.<br>(b) Il-mezz ta' twissija juri funzjonament ħażin fis-sistema. |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| | **2. L-ISTERING** | |
| 2.1 Il-kundizzjoni mekkanika | | |
| 2.1.1 Il-kundizzjoni tal-apparat tal-istering | Bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank u bir-roti tat-triq maqtugħin mill-art jew fuq turn tables, dawwar ir-rota tal-istering minn naħa għall-oħra. Spezzjoni viżwali tal-ħidma tal-apparat tal-istering. | (a) Guffaġni fil-funzjonament tal-apparat.<br>(b) Ix-xaft tas-settur mgħawweġ jew biċ-ċwievet mikula.<br>(c) Ix-xaft tas-settur ittiekel wisq.<br>(d) Moviment eċċessiv tax-xaft tas-settur.<br>(e) Tnixxija. |
| 2.1.2 It-tqabbid tal-kejsing tar-rota tal-istering | Bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank u l-piż tar-roti tat-triq tal-vettura fuq l-art, dawwar ir-rota tal-istering/il-handle bar favur l-arloġġ u kontra l-arloġġ jew billi tuża detector adattat apposta għal-laxkezza tar-rota. Spezzjoni viżwali tat-tqabbid tal-kejsing tal-apparat max-xażi. | (a) Il-kejsing tal-apparat tal-istering mhux imqabbad sewwa.<br>(b) Toqob ta' tqabbid imtawlin fix-xażi.<br>(c) Boltijiet tat-tqabbid neqsin jew miksura.<br>(d) Il-kejsing tal-apparat tal-istering miksur. |
| 2.1.3 Il-kundizzjoni tal-linkage tal-istering | Bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank u bir-rota tat-triq fuq l-art, dawwar ir-rota tal-istering favur l-arloġġ u kontra l-arloġġ jew billi tuża detector adattat apposta għal-laxkezza tar-rota. Spezzjoni viżwali tal-komponenti tal-istering għal użu eċċessiv, ksur u sigurtà. | (a) Moviment relattiv bejn komponenti li għandhom ikunu fissi.<br>(b) Il-ġonot ittieklu wisq.<br>(c) Ksur jew deformazzjoni ta' xi komponent.<br>(d) Nuqqas ta' mezzi li jorbtu.<br>(e) Allinjament ħażin tal-komponenti (eż. it-track rod jew id-drag link).<br>(f) Tiswija jew modifika mhux xierqa.<br>(g) L-għatu ta' kontra t-trab nieqes, bil-ħsara jew iddeterjora ħafna. |
| 2.1.4 Il-funzjonament tal-linkage tal-istering | Bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank u bir-roti tat-triq fl-art u bil-magna taħdem (power steering), dawwar ir-rota tal-istering minn naħa għall-oħra. Spezzjoni viżwali tal-moviment tal-linkages. | (a) Iċ-ċaqliq tal-linkage tal-istering jaħbat ma' xi parti fissa tax-xażi.<br>(b) Waqfiet tal-istering li ma jaħdmux jew li huma nieqsa. |
| 2.1.5 Il-power steering | Iċċekkja s-sistema tal-istering għal tnixxijiet u l-livell tal-fluwidu idrawliku (jekk jidher). Bir-roti tat-triq mal-art u bil-magna taħdem, iċċekkja li s-sistema tal-power steering qiegħda taħdem. | (a) Tnixxija ta' fluwidu.<br>(b) Fluwidu insuffiċjenti.<br>(c) Il-mekkaniżmu ma jaħdimx.<br>(d) Il-mekkaniżmu miksur jew mhux marbut sewwa.<br>(e) Komponenti allinjati ħażin jew jaħbtu ma' xulxin.<br>(f) Tiswija jew modifika mhux xierqa.<br>(g) Kejbils/pajpijiet bil-ħsara, imsadda żżejjed. |
| 2.2 L-istering, il-kolonna u l-handle bar | | |
| 2.2.1 Il-kundizzjoni tal-istering/handle bar | Bir-roti tat-triq mal-art, dawwar l-istering minn naħa għall-oħra f'angoli ta' disgħin grad mal-kolonna u applika pressjoni ħafifa 'l isfel u 'l fuq. Spezzjoni viżwali tal-laxkezza. | (a) Moviment relattiv bejn l-istering u l-kolonna li jindika laxkezza.<br>(b) Nuqqas ta' mezz li jżomm fuq il-buttun tal-istering. |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| | | (c) Ksur jew laxkezza fil-buttun tal-istering, ir-rim jew l-imgħażel. |
| 2.2.2 Il-kolonna/yokes u l-frieket tal-istering | Bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank u bil-piż tal-vettura mal-art, imbotta u iġbed l-istering f'linja mal-kolonna, imbotta l-istering/handle bar f'diversi direzzjonijiet f'angoli retti mal-kolonna/frieket. Spezzjoni viżwali tal-laxkezza, u tal-kundizzjoni tal-couplings flessibli jew tal-ġonot universali. | (a) Moviment eċċessiv taċ-ċentru tal-istering 'il fuq u 'l isfel.<br>(b) Moviment eċċessiv tal-parti ta' fuq tal-kolonna b'mod radjali mill-fus tal-kolonna.<br>(c) Coupling flessibbli deterjorat.<br>(d) Aċċessorju difettuż.<br>(e) Tiswija jew modifika mhux xierqa. |
| 2.3 Il-laxkezza tal-istering | Bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank, il-piż tal-vettura fuq ir-roti tat-triq, il-magna taħdem għal vetturi b'power steering u bir-roti tat-triq fil-pożizzjoni dritta, dawwar bil-mod l-istering favur l-arloġġ u kontra l-arloġġ kemm jista' jkun mingħajr ma ċċaqlaq ir-roti tat-triq. Spezzjoni viżwali tal-moviment liberu. | Laxkezza eċċessiva fl-istering (pereżempju moviment ta' punt fuq ir-rim li huwa aktar minn għoxrin fil-mija tad-dijametru tal-istering jew mhux skont ir-rekwiżiti) ([a]). |
| 2.4 L-allinjament tar-roti (X) ([b]) | Iċċekkja l-allinjament tar-roti misjuqa b'tagħmir xieraq. | L-allinjament mhuwiex skont id-dejta jew ir-rekwiżiti tal-manifattur. ([a]). |
| 2.5 Turntable tal-fus immexxija minn karru | Spezzjoni viżwali jew billi tuża detector adattat apposta tal-laxkezza tar-roti. | (a) Komponent bil-ħsara jew imxaqqaq.<br>(b) Laxkezza eċċessiva.<br>(c) Aċċessorju difettuż. |
| 2.6 Power Steering Elettroniku (EPS) | Spezzjoni viżwali u kontroll tal-konsistenza bejn l-angolu tal-istering u l-angolu tar-roti meta l-magna tinxtegħel/tintefa. | (a) Il-Bozza li Tindika Funzjonament Ħażin (MIL) tal-EPS tindika xi tip ta' falliment tas-sistema.<br>(b) Inkonsistenza bejn l-angolu tal-istering u l-angolu tar-roti.<br>(c) L-assistenza tal-magna ma taħdimx. |

3. **IL-VIŻIBBILTÀ**

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| 3.1 L-ispazju tal-viżjoni | Spezzjoni viżwali mis-siġġu tas-sewwieq. | Ostruzzjoni fl-ispazju tal-viżjoni tas-sewwieq li taffettwa materjalment il-veduta tiegħu fuq quddiem u fil-ġnub. |
| 3.2 Il-kundizzjoni tal-ħġieġ | Spezzjoni viżwali. | (a) Ħġieġ jew panew trasparenti (jekk permess) imxaqqaq jew li tilef il-lewn.<br>(b) Ħġieġ jew panew trasparenti (fosthom tertuqa li tirrifletti jew mlewna) li ma jikkonformax mal-ispeċifikazzjonijiet fir-rekwiżiti ([a]) (XX) ([c]).<br>(c) Ħġieġ jew panew trasparenti f'kundizzjoni mhux aċċettabbli. |
| 3.3 Mirja jew mezzi li juru wara | Spezzjoni viżwali. | (a) Il-mera jew il-mezz huwa nieqes jew mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(b) Il-mera jew il-mezz ma jaħdimx, bil-ħsara, laxk jew mhux imwaħħal sod. |

| Element | | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|---|
| 3.4 | Il-wajpers tal-windskrint | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Il-wajpers ma jaħdmux jew huma neqsin.<br>(b) Il-lastku tal-wajper huwa nieqes jew ċar li difettuż. |
| 3.5 | Tagħmir li jaħsel il-windskrin | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | It-tagħmir li jaħsel il-windskrin ma jaħdimx sew. |
| 3.6 | Is-sistema li tneħħi ċ-ċpar (X) ([b]) | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimha. | Is-sistema ma taħdimx jew hija ċara li difettuża. |

4. **FANALI, RIFLETTURI U TAGĦMIR ELETTRIKU**

4.1 Il-fanali ta' quddiem

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4.1.1 | Il-kundizzjoni u l-funzjonament | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Dawl/sors ta' dawl difettuż jew nieqes.<br>(b) Sistema ta' projezzjoni difettuża jew nieqsa (riflettur jew lenti).<br>(c) Il-bozza mhix imqabbda sewwa. |
| 4.1.2 | L-allinjament | Stabbilixxi l-mira orizzontali ta' kull fanal ta' quddiem fuq dawl baxx billi tuża strument jew skrin biex timmira l-fanal ta' quddiem. | Il-mira ta' fanal ta' quddiem mhijiex fil-limiti stipulati fir-rekwiżiti ([a]). |
| 4.1.3 | Is-swiċċijiet | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]) (Għadd ta' fanali jixegħlu fl-istess ħin)<br>(b) Funzjoni indebolita tal-mezz ta' kontroll.. |
| 4.1.4 | Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]). | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Il-fanal, il-kulur emess, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(b) Prodotti fuq il-lenti jew fuq is-sors tad-dawl li jidher ċar li jnaqqsu l-intensità tad-dawl jew ibiddlu l-kulur emess<br>(c) Is-sors tad-dawl u l-fanal mhumiex kompatibbli. |
| 4.1.5 | L-istrument ta' livellar (fejn obbligatorju) | Spezzjoni viżwali u jekk possibbli, bi tħaddim. | (a) L-istrument ma jaħdimx.<br>(b) L-istrument manwali ma jistax jitħaddem mis-siġġu tax-xufier. |
| 4.1.6 | Il-mezz li jnaddaf il-fanali ta' quddiem (fejn obbligatorju) | Spezzjoni viżwali u jekk possibbli, bi tħaddim. | Il-mezz ma jaħdimx. |

4.2 Il-fanali ta' quddiem u ta' wara, il-fanali tal-ġenb u l-fanali li jimmarkaw il-linja ta' barra

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4.2.1 | Il-kundizzjoni u l-funzjonament | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-sors tad-dawl difettuż.<br>(b) Il-lenti difettuża.<br>(c) Il-fanal mhux imqabbad sewwa. |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| 4.2.2 Is-swiċċijiet | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(b) Funzjoni indebolita tal-mezz ta' kontroll. |
| 4.2.3 Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]). | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Il-fanal, il-kulur li joħroġ, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(b) Prodotti fuq il-lenti jew fuq is-sors tad-dawl li jnaqqsu l-intensità tad-dawl jew ibiddlu l-kulur li joħroġ. |
| 4.3 Il-fanali tal-waqfien | | |
| 4.3.1 Il-kundizzjoni u l-funzjonament | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-sors tad-dawl difettuż.<br>(b) Il-lenti hija difettuża.<br>(c) Il-fanal mhux imqabbad sewwa. |
| 4.3.2 Is-swiċċijiet | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(b) Funzjoni indebolita tal-mezz ta' kontroll. |
| 4.3.3 Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]). | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Il-fanal, il-kulur li joħroġ, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 4.4 Lampi li jindikaw id-direzzjoni u lampi ta' twissija ta' periklu | | |
| 4.4.1 Il-kundizzjoni u l-funzjonament | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-sors tad-dawl difettuż.<br>(b) Il-lenti difettuża.<br>(c) Il-fanal mhuwiex imqabbad sewwa. |
| 4.4.2 Is-swiċċijiet | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 4.4.3 Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]). | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Il-fanal, il-kulur li joħroġ, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 4.4.4 Il-frekwenza li biha jixegħlu u jitfu | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Ir-rata li biha jixegħlu u jitfu mhix skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 4.5 Il-fanali taċ-ċpar ta' quddiem u ta' wara | | |
| 4.5.1 Il-kundizzjoni u l-funzjonament | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-sors tad-dawl difettuż<br>(b) Il-lenti difettuża.<br>(c) Il-fanal mhux imqabbad sewwa. |
| 4.5.2 L-allinjament (X) ([b]) | bit-tħaddim u billi tuża strument għall-immirar tal-fanal ta' quddiem. | Il-fanal taċ-ċpar ta' quddiem barra mhux allinjat orizzontalment meta fid-disinn tad-dawl ikun hemm linja ta' qtugħ. |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| 4.5.3 Is-swiċċijiet | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 4.5.4 Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]). | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Il-fanal, il-kulur li joħroġ, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a])<br>(b) Is-sistema ma taħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]) |
| **4.6 Il-fanali tas-sewqan b'lura** | | |
| 4.6.1 Il-kundizzjoni u l-funzjonament | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Is-sors tad-dawl difettuż.<br>(b) Il-lenti difettuża.<br>(c) Il-fanal mhux imqabbad sewwa. |
| 4.6.2 Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]) | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Il-fanal, il-kulur li joħroġ, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(b) Is-sistema ma taħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 4.6.3 Is-swiċċijiet | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| **4.7 Il-fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara** | | |
| 4.7.1 Il-kundizzjoni u l-funzjonament | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Il-fanal jixħet dawl dirett lura.<br>(b) Is-sors tad-dawl difettuż.<br>(c) Il-fanal mhux imqabbad sewwa. |
| 4.7.2 Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]) | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Is-sistema ma taħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| **4.8 Ir-rifletturi ta' wara, l-immarkar tal-konspikwità (jirrifletti wara) u l-pjanċi li jimmarkaw wara** | | |
| 4.8.1 Il-kundizzjoni | Spezzjoni viżwali. | (a) It-tagħmir li jirrifletti huwa difettuż jew bil-ħsara.<br>(b) Ir-riflettur mhux imqabbad sewwa. |
| 4.8.2 Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]) | Spezzjoni viżwali. | L-istrument, il-kulur rifless jew il-pożizzjoni mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| **4.9 Indikaturi obbligatorji għat-tagħmir tad-dawl** | | |
| 4.9.1 Il-kundizzjoni u l-funzjonament | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Ma jaħdmux. |
| 4.9.2 Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]) | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |

| Element | | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|---|
| 4.10 | Il-konnessjonijiet elettriċi bejn il-vettura li tiġbed u l-karru jew is-semi-karru | Spezzjoni viżwali: jekk ikun possibbli, eżamina l-kontinwità elettrika tal-konnessjoni. | (a) Il-komponenti fissi mhumiex imqabbda sewwa.<br>(b) Iżolazzjoni bil-ħsara jew iddeterjorata.<br>(c) Il-konnessjonijiet elettriċi tal-karru jew tal-vettura li tiġbed mhux jaħdmu sewwa. |
| 4.11 | Il-wajering elettriku | Spezzjoni viżwali tal-vettura fuq ħofra jew fuq parank, inkluż ġewwa l-kompartiment tal-magna f'xi każijiet. | (a) Il-wajering maħlul jew mhux marbut sewwa.<br>(b) Il-wajering iddeterjora.<br>(c) Insulazzjoni bil-ħsara iddeterjorata. |
| 4.12 | Fanali u rifletturi ta' wara mhux obbligatorji (X) ([b]) | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Fanal/riflettur ta' wara mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(b) Tħaddim tal-fanal mhux skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(c) Il-fanal/retroriflettur mhux imwaħħal sewwa. |
| 4.13 | Batterija(i) | Spezzjoni viżwali. | (a) Mhux marbuta.<br>(b) Tnixxi.<br>(c) Swiċċ difettuż (jekk meħtieġ).<br>(d) Fjusijiet difettużi (jekk meħtieġa).<br>(e) Ventilazzjoni inadegwata (jekk meħtieġa). |

5. **IL-FUSIJIET, IR-ROTI, IT-TAJERS U S-SUSPENXIN**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5.1 | Il-fusijiet | | |
| 5.1.1 | Il-fusijiet | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank. Jistgħu jintużaw detectors tal-laxkezza tar-roti u huma rakkomandati għal vetturi b'piż gross tal-vettura (GVM) ta' iżjed minn 3,5 tunnellati. | (a) Fus imxaqqaq jew sfurmat.<br>(b) Mhux imwaħħal sew mal-vettura.<br>(c) Tiswija jew modifika mhux xierqa. |
| 5.1.2 | Stub axles | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank. Jistgħu jintużaw detectors tal-laxkezza tar-roti u huma rakkomandati għal vetturi b'GVM ta' iżjed minn 3,5 tunnellati. Applika forza vertikali jew laterali għal kull rota u nnota l-ammont ta' moviment bejn l-axle beam u l-istub axle. | (a) L-istub axle imxaqqaq.<br>(b) L-iswivel pin u/jew il-bushes ittieklu wisq.<br>(c) Moviment eċċessiv bejn l-istub axle u l-axle beam.<br>(d) Il-pin tal-istub axle laxk fil-fus. |
| 5.1.3 | Il-bearings tar-rota | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank. Jistgħu jintużaw detectors tal-laxkezza tar-roti u huma rakkomandati għal vetturi b'GVM ta' iżjed minn 3,5 tunnellati. Heżheż ir-rota jew applika forza laterali għal kull rota u nnota l-ammont ta' moviment 'il fuq tar-rota meta mqabbel mal-istub axle. | (a) Laxkezza eċċessiva f'bearing tar-rota.<br>(b) Il-bearing tar-rota ssikkat iżżejjed, iġġammjat. |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| **5.2 Ir-roti u t-tajers** | | |
| 5.2.1 Il-buttun tar-roti tat-triq | Spezzjoni viżwali. | (a) Xi skorfini jew pernijiet nieqsa jew laxki.<br>(b) Il-buttun mittiekel jew bil-ħsara. |
| 5.2.2 Ir-roti | Spezzjoni viżwali taż-żewġ naħat ta' kull rota bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank. | (a) Kwalunkwe ksur jew difett fil-welding.<br>(b) Iċ-ċrieki li jżommu t-tajers mhux imwaħħla sewwa.<br>(c) Ir-rota mgħawġa ħafna jew mittiekla.<br>(d) Id-daqs jew it-tip tar-rota mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]) u jaffettwaw is-sigurtà fit-triq. |
| 5.2.3 It-tajers | Spezzjoni viżwali tat-tajer sħiħ jew billi ddawwar ir-rota tat-triq biha maqtugħa mill-art u l-vettura fuq ħofra jew fuq parank, jew billi tmexxi l-vettura lura u 'l quddiem fuq ħofra. | (a) Id-daqs tat-tajers, il-kapaċità ta' tagħbija, il-marka tal-approvazzjoni jew il-klassifikazzjoni tal-veloċità mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]) u jaffettwaw is-sigurtà fit-triq.<br>(b) It-tajers fuq l-istess fus jew fuq roti doppji ta' daqsijiet differenti.<br>(c) It-tajers fuq l-istess fus huma ta' kostruzzjoni differenti (radjali/cross-ply).<br>(d) Kwalunkwe ħsara jew qtugħ serju fit-tajer.<br>(e) Il-ħxuna tat-tajer mhix skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(f) It-tajer iħokk ma' komponenti oħra.<br>(g) Tajers re-grooved mhux skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(h) Is-sistema li timmonitorja l-pressjoni tal-arja taħdem ħażin jew jidher ċar li ma taħdimx. |
| **5.3 Is-sistema tas-suspenxin** | | |
| 5.3.1 Il-molol u l-istabbilizzatur | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank. Jistgħu jintużaw detectors tal-laxkezza tar-roti u huma rakkomandati għal vetturi b'GVM ta' iżjed minn 3,5 tunnellati. | (a) Il-molol mhumiex imqabbdin sod max-xażi jew mal-fus.<br>(b) Komponent tal-molol bil-ħsara jew miksur.<br>(c) Molla nieqsa.<br>(d) Tiswija jew modifika mhux xierqa. |
| 5.3.2 L-assorbituri tal-iskossi | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank jew billi tuża tagħmir speċjali, jekk ikun disponibbli. | (a) L-assorbituri tal-iskossi mhumiex imqabbdin sod max-xażi jew mal-fus.<br>(b) Assorbitur tal-iskossi bil-ħsara li juri sinjali ta' leakage jew funzjonament ħażin jew severi. |
| 5.3.2.1 L-ittestjar tal-effiċjenza tad-damping (X) ([b]) | Uża tagħmir speċjali u qabbel id-differenzi bejn ix-xellug u l-lemin u/jew il-valuri assoluti mogħtija mill-manifatturi. | (a) Differenza sinifikanti bejn ix-xellug u l-lemin.<br>(b) Il-valuri minimi mogħtija ma ntlaħqux. |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| 5.3.3 Torque tubes, radius arms, wishbones u suspension arms | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank. Jistgħu jintużaw detectors tal-laxkezza tar-roti u huma rakkomandati għal vetturi b'GVM ta' iżjed minn 3,5 tunnellati. | (a) Komponent mhux imqabbad sod max-xażi jew mal-fus.<br>(b) Komponent bil-ħsara, miksur jew imsaddad ħafna.<br>(c) Tiswija jew modifika mhux xierqa. |
| 5.3.4 Il-ġonot tas-suspenxin | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank. Jistgħu jintużaw detectors tal-laxkezza tar-roti u huma rakkomandati għal vetturi b'GVM ta' iżjed minn 3,5 tunnellati. | (a) L-iswivel pin u/jew il-bushes jew il-ġonot tas-suspenxin ittieklu wisq.<br>(b) L-għatu għal kontra t-trab nieqes jew deterjorat ħafna. |
| 5.3.5 Is-suspenxin tal-arja | Spezzjoni viżwali. | (a) Is-sistema ma tistax titħaddem.<br>(b) Xi komponent bil-ħsara, modifikat jew deterjorat b'mod li jaffettwa ħażin il-funzjonament tas-sistema.<br>(c) Leakage li jinstema' fis-sistema. |

## 6. IX-XAŻI U L-AĊĊESSORJI TAX-XAŻI

6.1 Ix-xażi jew il-frejm u l-aċċessorji

| | | |
|---|---|---|
| 6.1.1 Il-kundizzjoni ġenerali | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank. | (a) Ksur jew deformazzjoni ta' xi naħa jew tal-cross member.<br>(b) Il-pjanċi jew l-irbit tat-tisħiħ mhumiex sodi.<br>(c) Sadid eċċessiv li jaffettwa r-riġidità tal-assemblaġġ. |
| 6.1.2 Il-pajpijiet tal-egżost u s-silencers | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank. | (a) Sistema tal-egżost mhux sikura jew li tnixxi.<br>(b) Dħaħen li jidħlu fil-kabina jew fil-kompartiment tal-passiġġieri. |
| 6.1.3 It-tank tal-fjuwil u l-pajpijiet (inkluż it-tank tal-fjuwil u l-pajpijiet) | Spezzjoni viżwali bil-vettura fuq ħofra jew fuq parank, uża strumenti li jsibu t-tnixxijiet fil-każ ta' sistemi LPG/CNG. | (a) Tank jew pajpijiet mhux sikuri.<br>(b) Fjuwil inixxi jew tapp tal-filler nieqes jew mhux effettiv.<br>(c) Pajpijiet bil-ħsara jew irritati.<br>(d) L-istopcock tal-fjuwil (jekk meħtieġ) ma jaħdimx sewwa.<br>(e) Riskju ta' ħruq minħabba:<br>— tnixxija ta' fjuwil<br>— depożiti ta' fjuwil jew ta' egżost mhux protetti sewwa<br>— il-kundizzjoni tal-kompartiment tal-magna.<br>(f) Is-sistema tal-LPG/CNG jew tal-idroġenu mhix skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 6.1.4 Il-bumpers, mezzi ta' protezzjoni laterali u tal-qiegħ fuq wara | Spezzjoni viżwali. | (a) Il-laxkezza jew il-ħsara x'aktarx li tikkawża korriment meta xi ħadd iħokk magħha jew imissha.<br>(b) Jidher ċar li l-mezz mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| 6.1.5 Il-karru tar-rota żejda (jekk imwaħħal) | Spezzjoni viżwali. | (a) Il-karru mhux f'kundizzjoni tajba.<br>(b) Il-karru huwa miksur jew mhux sikur.<br>(c) Ir-rota żejda mhix imwaħħla sewwa u x'aktarx li taqa'. |
| 6.1.6 Il-mekkaniżmi ta' coupling u t-tagħmir tal-irmunkar | Spezzjoni viżwali għall-użu u l-funzjonament korrett b'attenzjoni speċjali għal kwlaunkwe strument tas-sigurtà li jkun imwaħħal u/jew l-użu ta' strument tal-kejl. | (a) Komponent bil-ħsara, difettuż jew imxaqqaq.<br>(b) Komponent mittiekel wisq.<br>(c) L-attachment difettuż.<br>(d) Xi strument tas-sigurtà nieqes jew mhux jaħdem sewwa.<br>(e) Xi indikatur mhux jaħdem.<br>(f) Pjanċa tar-reġistrazzjoni jew kwalunkwe lampa mgħottija (meta ma tkunx qiegħda tintuża).<br>(g) Tiswija jew modifika mhux xierqa. |
| 6.1.7 It-trażmissjoni | Spezzjoni viżwali. | (a) Boltijiet li torbot bihom laxki jew nieqsa.<br>(b) Il-bearings tax-xaft tat-trażmiss-joni ttieklu wisq.<br>(c) Il-ġonot universali ttieklu wisq.<br>(d) Igganċjar flessibbli.<br>(e) Xaft bil-ħsara jew mgħawweġ.<br>(f) Il-housing tal-bearings miksur jew mhux sikur.<br>(g) L-għatu ta' kontra t-trab nieqes jew deterjorat severament.<br>(h) Modifika illegali tal-power-train. |
| 6.1.8 Il-mountings tal-magna | Spezzjoni viżwali mhux neċessarjament fuq ħofra jew fuq parank. | Mountings deterjorati, bi ħsara li tidher ċar jew severa, laxki jew miksura. |
| 6.1.9 Il-prestazzjoni tal-magna | Spezzjoni viżwali. | (a) L-unità ta' kontroll modifikata b'mod illegali.<br>(b) Modifika illegali fil-magna. |
| 6.2 Il-kabina u x-xogħol fuq il-bodi | | |
| 6.2.1 Il-kundizzjoni | Spezzjoni viżwali. | (a) Panew jew parti laxka jew bil-ħsara li tista' tikkawża korri-ment.<br>(b) Il-pilastru tal-bodi mhux sikur.<br>(c) Tippermetti d-dħul ta' dħaħen tal-magna jew tal-egżost.<br>(d) Tiswija jew modifika mhux xierqa. |
| 6.2.2 L-immuntar | Spezzjoni viżwali fuq ħofra jew fuq parank. | (a) Il-bodi jew il-kabina mhux siguri.<br>(b) Jidher ċar li l-bodi/kabina mhux pożizzjonati b'mod kwadrat fuq ix-xażi.<br>(c) Twaħħil mhux sikur jew nieqes tal-bodi/kabina max-xażi jew il-cross members.<br>(d) Sadid eċċessiv f'punti ta' twaħħil fuq korpi integrali. |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| 6.2.3 Il-bibien u l-molol tal-bibien | Spezzjoni viżwali. | (a) Bieba ma tinfetaħx jew ma tingħalaqx sewwa.<br>(b) Bieba li aktarx tinfetaħ għal għarrieda jew li ma tibqax magħluqa.<br>(c) Il-bieba, iċ-ċappetti, il-molol, il-pilastru, neqsin, laxki jew iddeterjoraw. |
| 6.2.4 L-art | Spezzjoni viżwali fuq ħofra jew fuq parank. | L-art mhux sikura jew deterjorata b'mod eċċessiv. |
| 6.2.5 Is-siġġu tax-xufier | Spezzjoni viżwali. | (a) Siġġu jiċċaqlaq jew bi struttura difettuża.<br>(b) Il-mekkaniżmu ta' aġġustament ma jaħdimx sewwa. |
| 6.2.6 Siġġijiet oħra | Spezzjoni viżwali. | (a) Is-siġġijiet f'kundizzjoni difettuża jew mhux sikura.<br>(b) Is-siġġijiet mhux imwaħħla skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 6.2.7 Il-kontrolli tas-sewqan | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Xi kontroll neċessarju għat-tħaddim sikur tal-vettura li ma jkunx qed jaħdem kif suppost. |
| 6.2.8 It-turġien tal-kabina | Spezzjoni viżwali. | (a) It-tarġa jew iċ-ċirku tat-tarġa mhumiex marbuta sod.<br>(b) It-tarġa jew iċ-ċirku f'kundizzjoni li tista' tikkawża korriment lil min jużahom. |
| 6.2.9 Aċċessorji u tagħmir intern u estern | Spezzjoni viżwali. | (a) It-tqabbid ta' fitting jew tagħmir ieħor difettuż.<br>(b) Fitting jew tagħmir ieħor mhux skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(c) Tagħmir idrawliku jnixxi. |
| 6.2.10 Mudguards (wings), mezzi li jnaqqsu t-titjir | Spezzjoni viżwali. | (a) Neqsin, jiċċaqalqu jew imsaddin ħafna.<br>(b) Spazju insuffiċjenti għar-rota tat-triq.<br>(c) Mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 7. **TAGĦMIR IEĦOR** | | |
| 7.1 Iċ-ċinturini tas-sigurtà/bokkli u sistemi ta' rbit | | |
| 7.1.1 Is-sigurtà tal-immuntar taċ-ċinturini tas-sigurtà/tal-bokkli | Spezzjoni viżwali. | (a) Il-punt ta' ankoraġġ deterjorat ħafna.<br>(b) Ankoraġġ laxk. |
| 7.1.2 Il-kundizzjoni taċ-ċintorini tas-sigurtà/bokkli | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Iċ-ċintorin obbligatorju tas-sigurtà huwa nieqes jew mhux imwaħħal.<br>(b) Iċ-ċintorin tas-sigurtà huwa bil-ħsara.<br>(c) Iċ-ċintorin tas-sigurtà mhux skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(d) Il-bokkla taċ-ċintorin tas-sigurtà hija bil-ħsara jew ma taħdimx sew. |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| | | (e) Ir-retrattur taċ-ċintorin tas-sigurtà huwa bil-ħsara jew ma jaħdimx sewwa. |
| 7.1.3 Il-limitatur tat-tagħbija taċ-ċintorin tas-sigurtà | Spezzjoni viżwali. | Jidher ċar li l-limitatur tat-tagħbija huwa nieqes jew mhux adatt mal-vettura. |
| 7.1.4 Il-pretensioners taċ-ċintorin tas-sigurtà | Spezzjoni viżwali. | Jidher ċar li l-pretensioners huma neqsin jew mhux adatti mal-vettura. |
| 7.1.5 L-airbag | Spezzjoni viżwali. | (a) Jidher ċar li l-airbags huma neqsin jew mhux adatti mal-vettura<br>(b) Jidher ċar li l-airbag ma taħdimx |
| 7.1.6 Is-Sistemi SRS | Spezzjoni viżwali tal-MIL. | L-MIL tal-SRS jindika xi tip ta' falliment tas-sistema. |
| 7.2 L-apparat tat-tifi tan-nar (X) ([b]) | Spezzjoni viżwali. | (a) Nieqes.<br>(b) Mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 7.3 Is-serraturi u t-tagħmir kontra s-serq | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) It-tagħmir ma jiffunzjonax biex jimpedixxi l-vettura milli tiġi misjuqa.<br>(b) Għeluq jew imblukkar difettuż jew aċċidentali. |
| 7.4 It-trijangolu ta' twissija (jekk meħtieġ)(X) ([b]) | Spezzjoni viżwali. | (a) Nieqes jew mhux komplut.<br>(b) Mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 7.5 Il-kit tal-ewwel għajnuna (jekk meħtieġ)(X) ([b]) | Spezzjoni viżwali. | Nieqes, inkomplet jew mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 7.6 Iċ-chock(s) tar-roti (wedges) (jekk meħtieġa) (X) ([b]) | Spezzjoni viżwali. | Neqsin jew mhux f'kundizzjoni tajba. |
| 7.7 Strument ta' twissija li jinstema' | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimu. | (a) Ma jaħdimx.<br>(b) Kontroll mhux sikur.<br>(c) Mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 7.8 L-ispidometru | Spezzjoni viżwali jew billi jitħaddem waqt test fit-triq jew b'mezzi elettroniċi. | (a) Mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(b) Ma jaħdimx.<br>(c) Ma jistax ikun imdawwal. |
| 7.9 It-takografu (jekk imwaħħal/meħtieġ) | Spezzjoni viżwali. | (a) Mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(b) Ma jaħdimx.<br>(c) Siġilli difettużi jew neqsin.<br>(d) Il-plakka tal-kalibrazzjoni nieqsa, ma tinqarax sew jew skaduta. |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| | | (e) Tbagħbis jew manipulazzjoni ovvji.<br>(f) Id-daqs tat-tajers mhux kompatibbli mal-parametri tal-kalibrazzjoni. |
| 7.10 L-istrument li jillimita l-veloċità (jekk imwaħħal/meħtieġ) | Spezzjoni viżwali u billi jitħaddem jekk it-tagħmir ikun disponibbli. | (a) Mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(b) Jidher ċar li ma jaħdimx.<br>(c) Veloċità ssettjata ħażina (jekk iċċekkjata).<br>(d) Siġilli difettużi jew nieqsa.<br>(e) Il-plakka tal-kalibrazzjoni nieqsa, illeġibbli jew skaduta.<br>(f) Id-daqs tat-tajers mhux kompatibbli mal-parametri tal-kalibrazzjoni. |
| 7.11 L-odometru, jekk disponibbli (X) ([b]) | Spezzjoni viżwali. | (a) Jidher ċar li manipulat (frodi)<br>(b) Jidher ċar li ma jaħdimx. |
| 7.12 Il-Kontroll Elettroniku tal-Istabilità (ESC) jekk imwaħħal/meħtieġ | Spezzjoni viżwali. | (a) Is-sensors tal-veloċità tar-roti neqsin jew bil-ħsara.<br>(b) Ħsara fis-sistema tal-wajering.<br>(c) Komponenti oħra neqsin jew bil-ħsara.<br>(d) Is-swiċċ bil-ħsara jew mhux jaħdem sewwa.<br>(e) Il-MIL tal-ESC jindika xi tip ta' falliment tas-sistema. |

## 8. EFFETTI NEGATTIVI

8.1 Storbju

| | | |
|---|---|---|
| 8.1.1 Is-sistema tat-trażżin tal-istorbju | Evalwazzjoni suġġettiva (sakemm l-ispettur ma jikkunsidrax li l-livell tal-istorbju jista' jkun qrib il-limitu, f'liema każ jista' jsir test tal-istorbju billi jintuża miter tal-istorbju). | (a) Livelli ta' storbju li jaqbżu dawk permezzi fir-rekwiżiti ([a]).<br>(b) Kwalunkwe parti tas-sistema tat-trażżin tal-istorbju laxka, li x'aktarx li taqa', bil-ħsara, imwaħħla ħażin, nieqsa jew jidher ċar li ġiet modifikata b'mod li jaffettwa ħażin il-livelli tal-istorbju. |

8.2 L-emissjonijiet tal-egżost

8.2.1 L-emissjonijiet minn magni petrol

| | | |
|---|---|---|
| 8.2.1.1 Tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet tal-egżost | Spezzjoni viżwali. | (a) It-tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet imgħammar mill-manifattur ma ġiex installat, ġie mmodifikat jew jidher ċar li huwa difettuż.<br>(b) Tnixxijiet li jaffettwaw il-kejl tal-emissjonijiet. |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| 8.2.1.2 Emissjonijiet ta' gass | Kejl li juża analizzatur tal-gass tal-egżost konformi mar-rekwiżiti ([a]). Jew, għal vetturi mgħammrin b'sistemi dijanjostiċi on-board (OBD) adegwati, il-funzjonament tajjeb tas-sistema tal-emissjonijiet jista' jiġi ċċekkjat permezz tal-qari tajjeb tal-mezz OBD u ċċekkjar tal-funzjonament tajjeb tas-sistema OBD installata tal-kejl ta' emissjonijiet bil-magna f'veloċità minima (idle) skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-kondizzjona-ment tal-manifattur u rekwiżiti oħra ([a]). | (a) Jew, l-emissjonijiet tal-gass huma ogħla mil-livelli speċifiċi indikati mill-manifattur;<br>(b) Jew, f'każ li din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, l-emissjonijiet ta' CO jkunu ogħla minn:<br>i) għal vetturi mhux ikkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata:<br>— 4,5 %, jew<br>— 3,5 %<br><br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew l-użu speċifikat fir-rekwiżiti ([a]).<br>ii) għal vetturi kkontrollati minn sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet avvanzata:<br>— bil-magna b'veloċità baxxa: 0,5 %<br>— bil-magna b'veloċità għolja: 0,3 %<br>jew<br>— bil-magna b'veloċità baxxa: 0,3 % ([6])<br>— bil-magna b'veloċità għolja: 0,2 %<br><br>skont id-data tal-ewwel reġistrazzjoni jew użu speċifikat fir-rekwiżiti ([a]).<br>(c) Il-valur Lambda huwa barra mill-medda 1 ± 0,03 jew ma jaqbilx mal-ispeċifikazzjoni tal-manifattur.<br>(d) Il-valur moqri mill-OBD jindika funzjonament ħażin ħafna. |
| 8.2.2 Emissjonijiet minn magni diżil | | |
| 8.2.2.1 Tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet tal-egżost | Spezzjoni viżwali. | (a) It-tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet imgħammar mill-manifattur ma ġiex installat jew jidher ċar li huwa difettuż.<br>(b) Tnixxijiet li jaffettwaw il-kejl tal-emissjonijiet. |
| 8.2.2.2 L-opaċità<br>Il-vetturi rreġistrati jew li bdew jintużaw qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dan ir-rekwiżit. | (a) L-opaċità tal-gass tal-egżost għandha tiġi mkejla waqt aċċellerazzjoni ħielsa (mingħajr tagħbija mill-veloċità idle sal-veloċità tal-cut-off) bil-gear fil-pożizzjoni newtrali u l-klaċċ magħfus.<br>(b) Il-prekondizzjonament tal-vettura:<br>1. Il-vetturi jistgħu jiġu ttestjati mingħajr prekondizzjonament għalkemm għal raġunijiet ta' sigurtà, għandhom isiru kontrolli li l-magna tkun sħuna u f'kundizzjoni mekkanika sodisfaċenti.<br>2. Ir-rekwiżiti tal-prekondizzjoni:<br>i) Il-magna trid tkun sħuna għal kollox, per eżempju t-temperatura taż-żejt tal-magna mkejla b'sonda fil-pajp tal-ħadida li timmarka l-livell taż-żejt trid tkun mill-anqas 80 °C, jew temperatura normali ta' tħaddim f'każ li din tkun aktar baxxa, jew it-temperatura tal-blokka tal-magna mkejla permezz tal-livell ta' radjazzjoni infrared għandha tkun mill-anqas daqs temperatura ekwivalenti. Jekk, minħabba l-konfigurazzjoni tal-vettura, dan il-kejl ma jkunx prattiku, il-mod kif tiġi stabilita t-temperatura normali ta' tħaddim | (a) Għal vetturi rreġistrati jew użati għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti ([a]):<br>l-opaċità tkun aktar mil-livell reġistrat fuq il-pjanċa li l-manifattur iwaħħal mal-vettura.<br>(b) Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ir-rekwiżiti ([a]) ma jippermettux l-użu ta' valuri ta' referenza,<br>għal magni li jiddependu mill-pressjoni atmosferika biex jiġbdu l-arja għall-kompressjoni (naturally aspirated engines): 2,5 $m^{-1}$,<br>għal magni turbo-charged: 3,0 $m^{-1}$,<br>jew, għal vetturi identifikati fir-rekwiżiti ([a]) jew irreġistrati jew użati għall-ewwel darba wara d-data speċifikata fir-rekwiżiti ([a]):<br>1,5 $m^{-1}$ ([7]). |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| | tal-magna jista' jsir b'mezzi oħra, pereżempju bit-tħaddim tal-fan tat-tkessiħ tal-magna.<br>ii) Is-sistema tal-egżost għandha tiġi mnaddfa b'mill-anqas tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew b'metodu ekwivalenti.<br>(c) Il-proċedura tat-test:<br>1. Il-magna u kwalunkwe turboċarġer imwaħħal, iridu jkunu idle qabel il-bidu ta' kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa. Għall-vetturi diżil heavy-duty, dan ifisser stennija ta' mill-anqas 10 sekondi wara r-rilaxx tat-throttle (il-kontroll tal-karburant).<br>2. Sabiex jinbeda kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-pedala tat-throttle trid tingħafas għal kollox, bil-ħeffa u b'mod kontinwu (f'inqas minn sekonda) iżda mhux bil-goff, sabiex tinkiseb il-kwantità massima ta' fjuwil mill-pompa tal-injezzjoni.<br>3. Matul kull ċiklu ta' aċċellerazzjoni ħielsa, il-magna għandha tilħaq il-veloċità tal-cut-off jew, għall-vetturi bi trażmissjonijiet awtomatiċi, il-veloċità speċifikata mill-manifattur jew, jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, allura il-veloċità ta' żewġ terzi tal-veloċità tal-cut-off, qabel ma jiġi rilaxxat it-throttle. Dan jista' jiġi ċċekkjat, pereżempju, billi tiġi mmonitorjata l-veloċità tal-magna jew billi jitħalla jgħaddi biżżejjed ħin bejn l-għafis inizjali tat-throttle u r-rilaxx tiegħu, li fil-każ tal-vetturi tal-kategorija 1 u 2 tal-Anness 1, għandu jkun ta' mill-anqas żewġ sekondi.<br>4. Il-vetturi għandhom jiġu mwaħħla fit-testijiet fil-każ biss li l-medji aritmetiċi ta' mill-anqas l-aħħar tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jaqbżu l-valuri tal-limitu. Dan jista' jiġi kkalkulat billi jiġi injorat kull kejl li ma jaqbilx b'mod sinifikanti mill-medja mkejla, jew ir-riżultat ta' kwalunkwe kalkolu statistiku ieħor li jikkunsidra t-tifrix tal-kejlijiet. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw in-numru taċ-ċikli tat-testijiet.<br>5. Sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jwaħħlu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm ogħla mill-valuri ta' limitu wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċikli tat-tnaddif. Daqstant ieħor, sabiex jevitaw li jsiru testijiet bla bżonn, l-Istati Membri jistgħu jgħaddu l-vetturi li jkollhom valuri mkejla ferm aktar baxxi mil-limiti wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċellerazzjoni ħielsa jew wara ċikli tat-tnaddif. | |
| 8.3 Trażżin tal-interferenza elettromanjetika | | |
| Interferenza mir-radju (X) ([b]) | Spezzjoni viżwali. | Kwalunkwe ħtiġijiet tar-rekwiżiti ([a]) mhux issodisfati. |
| 8.4 Elementi oħra relatati mal-ambjent | | |
| 8.4.1 Tnixxijiet ta' fluwidi | Spezzjoni viżwali. | Kwalunkwe tnixxija ta' fluwidu eċċessiv li tista' tagħmel ħsara lill-ambjent jew toħloq riskju tas-sigurtà għal utenti oħra tat-triq. |
| 9. **TESTIJIET SUPPLIMENTARI GĦAL VETTURI LI JĠORRU L-PASSIĠĠIERI M2, M3** | | |
| 9.1 Il-bibien | | |
| 9.1.1 Il-bibien tad-dħul u tal-ħruġ | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Funzjonament difettuż.<br>(b) Kundizzjoni deterjorata. |

| Element | | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|---|
| | | | (c) Il-kontroll tal-emerġenza difettuż.<br>(d) Kontroll mill-bogħod difettuż tal-bibien u tal-istrumenti ta' twissija.<br>(e) Mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 9.1.2 | Il-ħruġ tal-emerġenza | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom (fejn ikun xieraq). | (a) Funzjonament difettuż.<br>(b) Nödutgångsskyltar saknas eller är oläsliga.<br>(c) Il-martell biex tkisser il-ħġieġ mhux qiegħed hemm.<br>(d) Mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 9.2 | Is-sistema tat-tneħħija taċ-ċpar u tas-silġ (X) ([b]) | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Mhux jaħdmu sewwa.<br>(b) Emissjoni ta' gassijiet tossiċi jew tal-egżost fil-kompartiment tax-xufier jew tal-passiġġieri.<br>(c) Sistema tat-tneħħija tas-silġ difettuża (jekk obbligatorja) |
| 9.3 | Is-sistema ta' ventilazzjoni u tat-tisħin (X) ([b]) | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Funzjonament difettuż.<br>(b) Emissjoni ta' gassijiet tossiċi jew tal-egżost fil-kompartiment tax-xufier jew tal-passiġġieri. |
| 9.4 | Is-siġġijiet | | |
| 9.4.1 | Is-siġġijiet tal-passiġġieri (inklużi s-siġġijiet għall-persunal ta' akkumpanjament) | Spezzjoni viżwali. | (a) Is-siġġijiet f'kundizzjoni difettuża jew mhux sikura.<br>(b) Is-siġġijiet li jintwew (jekk permessi) mhux jaħdmu b'mod awtomatiku.<br>(c) Mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 9.4.2 | Is-siġġu tax-xufier (rekwiżiti addizzjonali) | Spezzjoni viżwali. | (a) Tagħmir speċjali bħal protezzjoni kontra d-dawl qawwi jew skrin kontra t-tgħammix li huwa difettuż.<br>(b) Protezzjoni mhux sikura għax-xufier jew mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 9.5 | Mezzi tad-dawl intern u tad-destinazzjoni (X) ([b]) | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Mezz difettuż jew mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 9.6 | Passaġġi, żoni fejn toqgħod bilwieqfa | Spezzjoni viżwali. | (a) Art mhux sikura.<br>(b) Poġġamani jew imqabad difettużi.<br>(c) Mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 9.7 | It-turġien. | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom (fejn ikun xieraq). | (a) Kundizzjoni deterjorata jew bil-ħsara.<br>(b) It-turġien li jinġibdu 'l ġewwa mhux jaħdmu sewwa. |

| Element | | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|---|
| | | | (c) Mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 9.8 | Is-sistema ta' komunikazzjoni għall-passiġġieri (X) ([b]) | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | Sistema difettuża. |
| 9.9 | L-avviżi (X) ([b]) | Spezzjoni viżwali. | (a) Avviż nieqes, żbaljat jew ma jinqarax.<br>(b) Mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 9.10 | Rekwiżiti rigward it-trasport tat-tfal. (X) ([b]) | | |
| 9.10.1 | Il-bibien | Spezzjoni viżwali. | Il-protezzjoni tal-bibien mhix skont ir-rekwiżiti ([a]) fir-rigward ta' din il-forma ta' trasport. |
| 9.10.2 | Sinjalazzjoni u tagħmir speċjali | Spezzjoni viżwali. | Sinjalazzjoni jew tagħmir speċjali neqsin jew mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 9.11 | Rekwiżiti rigward it-trasport ta' persuni b'diżabilità (X) ([b]) | | |
| 9.11.1 | L-art, ir-rampi u l-liftijiet | Spezzjoni viżwali u billi tħaddimhom. | (a) Funzjonament difettuż.<br>(b) Kundizzjoni deterjorata.<br>(c) Kontroll(i) difettuż(i).<br>(d) Strument(i) ta' twissija difettuż(i).<br>(e) Mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 9.11.2 | Attrezzaturi għas-siġġijiet tar-roti | Spezzjoni viżwali u jekk ikun xieraq billi tħaddimhom. | (a) Funzjonament difettuż.<br>(b) Kundizzjoni deterjorata.<br>(c) Kontroll(i) difettuż(i).<br>(d) Mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 9.11.3 | Senjalar u tagħmir speċjali | Spezzjoni viżwali. | Senjalar jew tagħmir speċjali nieqes jew mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). |
| 9.12 | Tagħmir speċjali ieħor (X) ([b]) | | |
| 9.12.1 | Installazzjonijiet għall-preparazzjoni tal-ikel | Visuell kontroll. | (a) L-installazzjoni mhix skont ir-rekwiżiti ([a]).<br>(b) L-installazzjoni hija bil-ħsara tant li jkun perikoluż li tużaha. |
| 9.12.2 | Installazzjoni sanitarja | Spezzjoni viżwali. | L-installazzjoni mhix skont ir-rekwiżiti. ([a]). |

| Element | Metodu | raġuni għall-falliment |
|---|---|---|
| 9.12.3 Strumenti oħra (eż. sistemi awdjo-viżivi) | Spezzjoni viżwali. | Mhux skont ir-rekwiżiti. ([a]). |

([1]) Tiswija jew modifika mhux xierqa tfisser tiswija jew modifika li taffettwa ħażin is-sigurtà tal-vettura fit-triq jew li jkollha effett negattiv fuq l-ambjent.

([2]) 48 % għal vetturi mhux mgħammra bl-ABS jew tip approvat qabel l-1 ta' Ottubru 1991.

([3]) 45 % għal vetturi rreġistrati wara l-1988 jew mid-data speċifikata fir-rekwiżiti liema waħda minnhom tkun l-aħħar.

([4]) 43 % għal semi-karrijiet u karrijiet draw-bar irreġistrati wara l-1988 jew mid-data fir-rekwiżiti liema waħda minnhom tkun l-aħħar.

([5]) 2,2 m/s2 għal vetturi N1, N2 u N3.

([6]) Approvazzjoni tat-tip skont il-limiti fir-ringiela A jew B sezzjoni 5.3.1.4. tal-Anness I għad-Direttiva 70/220/KEE kif emendata bid-Direttiva 98/69/KE jew aktar tard jew irreġistrata jew bdiet tintuża l-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2002.

([7]) Approvazzjoni tat-tip skont il-limiti fir-ringiela B sezzjoni 5.3.1.4. tal-Anness I għad-Direttiva 70/220/KEE kif emendata bid-Direttiva 98/69/KE jew wara; ringiela B1, B2 jew Ċ sezzjoni 6.2.1 tal-Anness I għad-Direttiva 88/77/KEE kif emendata bid-Direttiva 1999/96/KE jew wara jew irreġistrata jew bdiet tintuża l-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2008.

*Noti:*

([a]) Ir-"rekwiżiti" huma stipulati skont ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip fid-data tal-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew l-ewwel dħul fis-servizz kif ukoll l-obbligi tal-modifiki wara jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni.

([b]) Tidentifika elementi li għandhom x'jaqsmu mal-kundizzjoni tal-vettura u s-sostenibbiltà tagħha għall-użu fit-triq iżda li mhumiex ikkunsidrati bħala essenzjali f'test perjodiku.

([c]) (XX) Din ir-raġuni għall-falliment tapplika biss jekk l-ittestjar ikun meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali."

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-7 ta' Lulju 2010**

**li teħles lill-Estonja minn ċerti obbligi biex tapplika d-Direttivi tal-Kunsill 66/402/KEE u 2002/57/KE fir-rigward ta' *Avena strigosa* Schreb., *Brassica nigra* (L.) Koch u *Helianthus annuus* L.**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4526)*

**(It-test bl-Estonjan biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/377/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tagħha,

Wara li kkunsidrat l-applikazzjoni mressqa mill-Estonja,

Billi:

(1) Id-Direttivi 66/402/KEE u 2002/57/KE stipulaw ċerti dispożizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa tal-ġwież u żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra. Dawk id-Direttivi jistipulaw ukoll li, skont ċerti kundizzjonijiet, xi Stati Membri jistgħu jinħelsu għal kollox jew parzjalment mill-obbligu li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dawk id-Direttivi fir-rigward ta' ċerti speċi.

(2) L-Estonja applikat għall-ħelsien mill-obbligi tagħha firrigward ta' *Avena strigosa* Schreb., *Brassica nigra* (L.) Koch u *Helianthus annuus* L.

(3) Iż-żerriegħa ta' *Avena strigosa* Schreb, *Brassica nigra* (L.) Koch and *Helianthus annuus L.* normalment ma tiġix riprodotta jew ikkumerċjalizzata fl-Estonja. Barra minn hekk, l-importanza ekonomika ta' din iż-żerriegħa mhijiex sinifikattiva f'dan l-Istat Membru.

(4) Għalhekk, sakemm jibqgħu fis-seħħ dawk il-kundizzjonijiet, dan l-Istat Membru għandu jinħeles mill-obbligu li japplika d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 66/402/KEE u 2002/57/KE għall-ispeċi kkonċernati.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għaż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikultura, l-Ortikultura u l-Foresterija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Estonja nħelset mill-obbligu li tapplika d-Direttiva 66/402/KEE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 14(1), għall-ispeċi *Avena strigosa* Schreb.

*Artikolu 2*

L-Estonja nħelset mill-obbligu li tapplika d-Direttiva 2002/57/KE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 17, għall-ispeċi *Brassica nigra* (L.) Koch u *Helianthus annus* L.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*

John DALLI

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66.
([2]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-5 ta' Lulju 2010**

**dwar il-valutazzjoni tad-difetti waqt l-ittestjar ta' vetturi għat-triq skont id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq**

(2010/378/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-interessi tas-sikurezza fit-toroq, il-ħarsien tal-ambjent u l-kompetizzjoni ġusta huwa importanti li jiġi żgurat li l-vetturi fl-użu jingħataw manutenzjoni u jkunu ttestjati kif xieraq, sabiex tinżamm il-prestazzjoni tagħhom kif iggarantita mill-approvazzjoni tat-tip, mingħajr degradazzjoni eċċessiva, matul il-perjodu kollu tal-użu tagħhom.

(2) Apparti mill-istandards u l-metodi msemmija fid-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq ([1]), l-ispetturi li jwettqu l-ittestjar ta' vetturi għandhom ikunu provvduti b'linji gwida sabiex tiġi żgurata valutazzjoni armonizzata tal-fallimenti elenkati fl-Anness II għal dik id-Direttiva.

(3) Ġew ikkunsidrati s-sejbiet ta' żewġ proġetti, Autofore ([2]) u IDELSY ([3]), li dan l-aħħar ittrattaw l-alternattivi futuri għall-ittestjar tal-kundizzjoni tal-vetturi għat-triq, kif ukoll l-eżitu ta' djalogu miftuħ u fattwali mal-partijiet interessati.

(4) Sabiex tiġi riflessa s-serjetà tal-fallimenti, għandhom jiġu introdotti tliet kategoriji ta' difetti

(5) Kull kategorija ta' difetti għandha tindika l-konsegwenzi għall-użu tal-vettura f'dik il-kundizzjoni.

(6) Din ir-Rakkomandazzjoni hija l-ewwel pass lejn valutazzjoni uniformi tan-nuqqasijiet identifikati matul it-testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi għat-triq fi ħdan l-Unjoni,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw id-difetti waqt it-test tal-kundizzjoni ta' vettura għat-triq skont il-linji gwidi stipulati fl-Anness għal din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*
Siim KALLAS
*Viċi President*

---

([1]) ĠU L 141, 6.6.2009, p. 12.
([2]) L-istudju Autofore dwar l-alternattivi futuri għall-Infurzar tal-Kundizzjoni Tajba tal-Vetturi għat-Triq fl-Unjoni Ewropea,http://ec.europa.eu/transport/roadsafety/publications/projectfiles/autofore_en.htm
([3]) Inizjattiva IDELSY għad-Dijanjożi tas-Sistemi Elettroniċi fil-Vetturi għall-PTI,http://ec.europa.eu/transport/roadsafety/publications/projectfiles/idelsy_en.htm

*"ANNESS*

## 1. Valutazzjoni tad-Difetti u definizzjonijiet

Fl-ambitu tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/40/KE, din ir-Rakkomandazzjoni telenka is-sistemi u l-komponenti tal-vettura li għandhom jiġu ttestjati u l-linji gwida li l-Istati Membri huma rrakkomandati li japplikaw waqt it-testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi sabiex jiġi ddeterminat jekk il-vetturi jkunux f'kundizzjoni aċċettabbli.

## 2. Linji gwida għall-valutazzjoni ta' difetti u definizzjonijiet

Skont il-linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti, inkluż difetti tekniċi u nuqqasijiet ta' konformità oħrajn, id-difetti li jinstabu waqt l-ittestjar perjodiku tal-vetturi jaqgħu taħt dawn it-tliet gruppi ta' kategorija:

DIFETTI MINURI(MiD)

DIFETTI MAĠĠURI(MaD)

DIFETTI PERIKOLUŻI(DD)

Kull kategorija ta' difetti għandha tiġi ddefinita b'referenza għall-kundizzjoni tal vettura, kif ġej:

DIFETTI MINURI

Difetti tekniċi li ma għandhom ebda effett sinifikanti fuq is-sikurezza tal-vettura u nuqqasijiet minuri ta' konformità oħrajn. Mhux neċessarju li l-vettura terġa' tiġi ttestjata mill-ġdid peress li d-difetti identifikati x'aktarx li jiġu msewwija bla dewmien.

DIFETTI MAĠĠURI

Difetti li jistgħu jippreġudikaw is-sikurezza tal-vettura jew iqiegħdu fil-periklu lil utenti oħra tat-triq, u nuqqasijiet ta' konformità sinifikanti oħrajn. Aktar użu tal-vettura fit-triq bla ma ssir it-tiswija tad-difetti identifikati huwa suġġett għal xi kundizzjonijiet. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jadottaw proċedura sabiex jistabbilixxu l-kundizzjonijiet fejn il-vettura tista' tintuża qabel ma tgħaddi minn test ieħor dwar jekk tkunx tajba għat-triq.

DIFETTI PERIKOLUŻI

Diffetti li jwasslu għal riskji diretti u immedjati għas-sikurezza fit-triq tant li l-vettura ma għandha tintuża fit-triq taħt ebda ċirkustanza.

Vettura li jkollha difetti li jaqgħu taħt aktar minn grupp ta' difetti wieħed għandha tiġi kklassifikata skont l-aktar difett serju tagħha. Meta vettura jkollha diversi difetti tal-istess grupp li l-effett tagħhom f'daqqa jagħmel il-vettura aktar perikoluża, din tista' tiġi kklassifikata fil-grupp ta' difetti aktar serji li jkun imiss.

Għal difetti li jistgħu jiġu kklassifikati f'aktar minn kategorija waħda, l-ispettur li jwettaq l-ispezzjoni għandu jkun responsabbi biex jikkategorizza d-difetti skont is-severità tagħhom.

Waqt il-valutazzjoni tad-difetti għandhom jitqiesu r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura, l-ewwel reġistrazzjoni tagħha jew meta bdiet tintuża. Madankollu, xi elementi se jkunu koperti permezz tar-rekwiżiti dwar il-modifiki li jsiru wara.

### LINJI GWIDA GĦALL-VALUTAZZJONI TAD-DIFETTI

| Oġġett | | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | MiD | MaD | DD |
| 0. IDENTIFIKAZZJONI TAL-VETTURA | | | | | |
| 0.1. | Il-pjanċi bin-numru tar-reġistrazzjoni (jekk meħtieġ mir-rekwiżiti) ([a]) | (a) Il-pjanċa/i bin-numru hija/huma neqsin jew imwaħħlin tant laxki li x'aktarx li jaqgħu. | | X | |
| | | (b) Kitba nieqsa jew ma tinqarax. | X | X | |
| | | (c) Mhux skont id-dokumenti jew ir-rekords tal-vettura. | | X | |

| Oġġett | | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | MiD | MaD | DD |
| 0.2. | In-numru tax-xażi/serjali ta' identifikazzjoni tal-vettura | (a) Nieqes jew ma jistax jinstab. | | X | |
| | | (b) Inkomplet, ma jinqarax. | | X | |
| | | (c) Mhux skont id-dokumenti jew ir-rekords tal-vettura. | | X | |
| 1. TAGĦMIR TAL-BREJKIJIET | | | | | |
| 1.1. | Il-kundizzjoni mekkanika u l-funzjonament | | | | |
| 1.1.1. | Il-pern tal-pedala/liver tal-brejk ta' servizz | (a) Pern issikat iżżejjed. | | X | |
| | | (b) Ittiekel jew laxk wisq. | | X | |
| 1.1.2. | Il-kundizzjoni tal-pedali/liver u l-kors tal-mezz li jħaddem l-brejkijiet | (a) Kors ta' riserva żejjed jew insuffiċjenti. | | X | |
| | | (b) Kontroll tal-brejkijiet li ma jirrilaxxax kif suppost | X | X | |
| | | (c) L-element kontra ż-żliq ta' fuq il-pedala tal-brejkijiet mhix hemm, maħlula jew ittieklet bl-użu | X | | |
| 1.1.3. | Il-pompa tal-vakwu jew il-kompressur u l-akkumulaturi | (a) Il-pressjoni tal-arja/vakwu hija insuffiċjenti biex tassisti għal mill-inqas żewġ għafsiet tal-brejkijiet wara li l-mezz ta' twissija jkun iffunzjona (jew il-gejġ juri qari mhux ta' min joqgħod fuqu). | | X | X |
| | | (b) Il-ħin meħtieġ biex il-pressjoni tal-arja/vakwu jilħqu l-livell sikur ta' tħaddim ma jissodisfax ir-rekwiżiti ([a]) | | X | |
| | | (c) Il-valv ta' protezzjoni ta' sistema ta' multi-ċirkwit jew il-valv għar-rilaxx tal-pressjoni ma jaħdimx | | X | |
| | | (d) Tnixxija tal-arja li tikkawża waqgħa notevoli fil-pressjoni jew tnixxijiet tal-arja li jinstemgħu. | | X | |
| | | (e) Ħsara esterna li x'aktarx taffettwa l-funzjonament tas-sistema tal-brejkijiet. | | X | X |
| 1.1.4. | Gejġ jew indikatur li juri twissija ta' pressjoni baxxa | Gejġ jew indikatur difettuż jew jaħdem ħażin. | X | X | |
| 1.1.5. | Il-valv manwali ta' kontroll tal-brejkijiet | (a) Il-kontroll imxaqqaq, bil-ħsara jew mittiekel wisq. | | X | |
| | | (b) Il-kontroll mhux imwaħħal sew mal-valv jew il-valv mhux imwaħħal sod. | | X | |
| | | (c) Konnessjonijiet laxki fis-sistema jew tnixxijiet fis-sistema. | | X | |
| | | (d) Funzjonament mhux sodisfaċenti. | | X | |
| 1.1.6. | Il-mezz li jattiva l-brejk tal-ipparkjar, il-kontroll tal-liver, il-krikk tal-brejk tal-ipparkjar, l-ipparkjar elettroniku | (a) Il-krikk (ratchet) mhux jorbot sew. | | X | |
| | | (b) Il-pern tal-liver jew il-mekkaniżmu tal-krikk ittiekel wisq. | X | X | |
| | | (c) Moviment eċċessiv tal-liver li jindika aġġustament inkorrett. | | X | |

| Oġġett | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|
| | | MiD | MaD | DD |
| | (d) L-attivatur nieqes, bil-ħsara jew ma jaħdimx. | | X | |
| | (e) Funzjonament ħażin, l-indikatur ta' twissija jaħdem ħażin. | | X | |
| 1.1.7. Il-valvi tal-brejkijiet (foot valves, unloaders, regolaturi) | (a) Valv bil-ħsara jew tnixxija eċċessiva tal-arja. | | X | X |
| | (b) Skarika eċċessiva ta' żejt mill-kompressur. | X | | |
| | (c) Valv jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. | | X | |
| | (d) Ħruġ jew tnixxija ta' fluwidu idrawliku. | | X | X |
| 1.1.8. Agganċi (couplings) għall-brejkijiet tal-karrijiet (tal-elettriku u tal-arja) | (a) Difett fit-tapp jew fil-valv li jissiġilla lilu nnifisu. | X | X | |
| | (b) Vit jew valv jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. | X | X | |
| | (c) Tnixxijiet eċċessivi. | | X | X |
| | (d) Ma jaħdmux sew. | | X | X |
| 1.1.9. Akkumulatur tal-pressjoni għall-enerġija | (a) It-tank bil-ħsara, imsaddad jew inixxi. | X | X | |
| | (b) Il-mezz li bih jiġi mbattal ma jaħdimx. | X | X | |
| | (c) It-tank jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. | | X | |
| 1.1.10. Unitajiet servo tal-brejk, il-mastruċilindru (sistemi idrawliċi) | (a) Is-servo unit difettuż jew mhux effettiv. | | X | |
| | (b) Il-mastruċilindru difettuż jew inixxi. | | X | X |
| | (c) Il-mastruċilindru mhux imwaħħal sod. | | X | X |
| | (d) Il-fluwidu tal-brejkijiet huwa insuffiċjenti. | X | X | |
| | (e) It-tapp tat-tank tal-mastruċilindru nieqes. | X | | |
| | (f) Il-bozza ta' twissija tal-fluwidu tal-brejkijiet mixgħula jew difettuża | X | | |
| | (g) Il-mezz li jwissi li l-livell tal-fluwidu tal-brejkijiet ma jaħdimx sew. | X | | |
| 1.1.11. Pajpijiet riġidi tal-brejkijiet | (a) Riskju imminenti li jċedu jew jinqasmu. | | X | X |
| | (b) Pajpijiet jew konnessjonijiet li jnixxu. | | X | X |
| | (c) Il-pajpijiet bil-ħsara jew imsadda żżejjed. | | X | X |
| | (d) Il-pajpijiet mhux f'posthom. | X | X | |
| 1.1.12. Manek (hoses) flessibbli tal-brejkijiet | (a) Riskju imminenti li jċedu jew jinqasmu. | | X | X |
| | (b) Manek bil-ħsara, mittiekla, mibrumin jew qosra wisq. | X | X | |
| | (c) Manek jew konnessjonijiet li jnixxu. | | X | X |

| Oġġett | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|
| | | MiD | MaD | DD |
| | (d) Manek minfuħin bil-pressjoni. | | X | X |
| | (e) Manek porużi. | | X | |
| 1.1.13. Firrodi u pedds tal-brejkijiet | (a) Il-firrodu jew il-pedd mittiekla wisq. | | X | X |
| | (b) Il-firrodu jew il-pedd ikkontaminati (żejt, griż, eċċ.). | | X | X |
| | (c) Il-firrodu jew il-pedd neqsin. | | | X |
| 1.1.14. Tambur tal-brejkijiet, diski tal-brejkijiet | (a) It-tambur jew id-diska mittiekla wisq, fihom wisq taħfir, imxaqqin, mhux imwaħħlin sod jew maqsumin. | | X | X |
| | (b) It-tambur jew id-diska ikkontaminati (żejt, grease, eċċ.). | | X | |
| | (c) It-tambur jew id-diska neqsin. | | | X |
| | (d) Il-back plate mhix imwaħħla sod. | | X | |
| 1.1.15. Kejbils, vireg, livers u l-konnessjonijiet tal-brejkijiet | (a) Kejbil bil-ħsara jew mgħaqqad. | | X | X |
| | (b) Komponent mittiekel wisq jew imsaddad. | | X | X |
| | (c) Kejbil, virga jew ġonta mhux imwaħħlin sod. | | X | |
| | (d) Il-gwida tal-kejbil difettuża. | | X | |
| | (e) Restrizzjoni għall-moviment ħieles tas-sistema tal-brejkijiet. | | X | |
| | (f) Ċaqliq mhux normali tal-livers/konnessjoni li jindika twaħħil ħażin jew li ttieklu wisq. | | X | |
| 1.1.16. Attwatur tal-brejkijiet (inkluż brejkijiet bil-molla jew ċilindri idrawliċi) | (a) L-attwatur maqsum jew bil-ħsara. | | X | X |
| | (b) L-attwatur inixxi. | | X | X |
| | (c) L-attwatur jiċċaqlaq jew imwaħħal ħażin. | | X | X |
| | (d) L-attwatur imsaddad wisq. | | X | X |
| | (e) Kors eċċessiv jew insuffiċjenti taċ-ċilindru operattiv jew tal-mekkaniżmu tad-dijaframma. | | X | X |
| | (f) L-għatu ta' protezzjoni mit-trab għandu ħsara kbira jew mhux hemm. | X | X | |
| 1.1.17. Valv li jħoss it-tagħbija | (a) Konnessjoni difettuża. | | X | |
| | (b) Konnessjoni aġġustata ħażin. | | X | |
| | (c) Valv iġġammjat jew ma jaħdimx. | | X | X |
| | (d) Ma hemmx valv. | | | X |
| | (e) Ma hemmx pjanċa tad-dejta. | X | | |
| | (f) Id-dejta ma tinqarax jew mhix skont ir-rekwiżiti ([a]) | X | | |

| Oġġett | | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | MiD | MaD | DD |
| 1.1.18. | Indikaturi u mezzi għall-aġġustament tal-laxkezza | (a) Il-mezz għall-aġġustament tal-laxkezza bil-ħsara, iġġammjat jew jiċċaqlaq b'mod anormali, tekil eċċessiv jew aġġustament inkorrett. | | X | |
| | | (b) Il-mezz għall-aġġustament tal-laxkezza difettuż. | | X | |
| | | (c) Installati jew mibdula ħażin. | | X | |
| 1.1.19. | Sistema EBS (meta mgħammra jew meħtieġa) | (a) Konnetturi jew muntaturi (mountings) mhux imwaħħlin sod. | X | X | |
| | | (b) Is-sistema għandha difetti ċari jew ma hemmx sistema. | | X | |
| 1.1.20. | Funzjonament awtomatiku tal-brejkijiet tal-karru | Il-brejk tal-karru ma jidħolx awtomatikament xħin jiġi skonnettjat l-agganċ. | | | X |
| 1.1.21. | Sistema tal-brejkijiet kompleta | (a) Mezzi oħra tas-sistema (eż., il-pompa tal-antifriża, id-diżidratur (dryer) tal-arja, eċċ) bi ħsara esterna jew imsaddin wisq tant li jaffettwaw ħażin lis-sistema tal-brejkijiet. | | X | X |
| | | (b) Tnixxija ta' arja jew tal-antifriża. | X | X | |
| | | (c) Kwalunkwe komponent li mhux imwaħħlal sod jew imwaħħal ħażin. | | X | |
| | | (d) Tiswija jew modifika mhux xierqa għal kwalunkwe komponent ([a]). | | X | X |
| 1.1.22. | Konnessjonijiet li jintużaw għall-ittestjar (meta mgħammra jew meħtieġa) | (a) Nieqes. | | X | |
| | | (b) Bil-ħsara, ma jistgħux jintużaw jew inixxu. | X | X | |
| 1.2. | Prestazzjoni u effiċjenza tal-brejk ta' servizz | | | | |
| 1.2.1. | Prestazzjoni | (a) Sforz tal-ibbrejkjar inadegwata fuq rota waħda jew aktar. | | X | X |
| | | (b) Is-sforz ta' bbrejkjar minn kwalunkwe rota tkun inqas minn 70 % tal-ogħla saħħa ta' bbrejkjar irreġistrata mir-rota l-oħra fuq l-istess fus. Jew fil-każ tal-ittestjar fit-triq, il-vettura tiddevja żżejjed minn linja dritta. | | X | X |
| | | (c) L-ebda varjazzjoni gradwali tas-sforz tal-ibbrejkjar (qbid). | | X | |
| | | (d) Dewmien anormali fil-funzjonament tal-brejk ta' kwalunkwe rota. | | X | |
| | | (e) Is-saħħa tal-brejkijiet tvarja wisq fil-perjodu li fih ir-rota ddur dawra sħiħa. | | X | |
| 1.2.2. | Effiċjenza | Ma jagħtix għall-inqas iċ-ċifra minima kif ġej:-<br><br>Vetturi rreġistrati l-ewwel darba wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva:<br>— Kategorija N1: 50 %<br>— Kategorija M1: 58 %<br>— Kategorija M2 u M3: 50 %<br>— Kategorija N2 u N3: 50 % | | X | X |

| Oġġett | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|
| | | MiD | MaD | DD |
| | — Kategorija $O_2$ (XX) (c), O3 u O4<br>— għas-semi-karrijiet: 45 %<br>— għall-karrijiet draw-bar: 50 %<br><br>Vetturi rreġistrati qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva:<br>Kategorija N1: 45 %<br>Kategorija M1, M2 u M3: 50 % (2)<br>Kategorija N2 u N3: 43 % (3)<br>Kategorija $O_2$ (XX) (c), O3 u O4 40 % (4)<br>Kategoriji oħra (XX) (c).<br>— Kategoriji L (iż-żewġ brejkijiet):<br>— Kategorija L1e: 42 %<br>— Kategorija L2e, L6e: 40 %<br>— Kategorija L3e: 50 %<br>— Kategorija L4e: 46 %<br>— Kategorija L5e, L7e: 44 %<br>— Kategoriji L (brejk tar-roti ta' wara):<br>— il-kategoriji kollha: 25 % | | | |
| 1.3. Il-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-brejkijiet sekondarji (ta' emerġenza) (jekk milħuqa minn sistema separata) | | | | |
| 1.3.1. Prestazzjoni | (a) Sforz tal-ibbrejkjar inadegwata fuq rota waħda jew aktar. | | X | X |
| | (b) Is-sforz tal-ibbrejkjar minn kwalunkwe rota hija inqas minn 70 % tal-ogħla saħħa ta' bbrejkjar irreġistrata minn rota oħra li tkun fuq l-istess fus. Jew fil-każ tal-ittestjar fit-triq, il-vettura tiddevja żżejjed minn linja dritta. | | X | X |
| | (c) L-ebda varjazzjoni gradwali tas-sforz tal-ibbrejkjar (qbid). | | X | X |
| 1.3.2. Effiċjenza | Sforz tal-ibbrejkjar inqas minn 50 % (5) tal-prestazzjoni tal-brejk ta' servizz definita fit-taqsima 1.2.2. fir-rigward tal-massa massima awtorizzata jew, fil-każ ta' semikarrijiet, is-somma tat-tagħbijiet awtorizzati fuq il-fus.<br><br>(ħlief L1e u L3e). | | X | X |
| 1.4. Il-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-brejk tal-ipparkjar | | | | |
| 1.4.1. Prestazzjoni | Il-brejk ma jaħdimx fuq naħa waħda jew fil-każ ta' ttestjar fit-triq, il-vettura tiddevja żżejjed minn linja dritta. | | X | X |
| 1.4.2. Effiċjenza | Għall-kategoriji kollha tal-vettura, ma jagħtix għall-inqas 16 % bħala proporzjon tal-brejkijiet fir-rigward tal-piż massimu awtorizzat, jew, għal vetturi bil-mutur, 12 % fir-rigward tal-massa massima awtorizzata tal-kombinazzjoni tal-vettura, skont liema tkun l-ikbar<br><br>(ħlief L1e u L3e). | | X | X |

| Oġġett | | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | MiD | MaD | DD |
| 1.5. | Prestazzjoni tas-sistema ta' bbrejkjar ta' reżistenza (Endurance Braking System) | (a) L-effiċjenza ma tvarjax b'mod gradwali (mhux applikabbli għal sistemi tal-ibbrejkjar bl-egżost). | | X | |
| | | (b) Is-sistema ma taħdimx. | | X | |
| 1.6. | Sistema ta' brejkijiet antilokk (ABS) | (a) Il-mezz ta' twissija ma jaħdimx sewwa. | | X | |
| | | (b) Il-mezz ta' twissija juri funzjonament ħażin fis-sistema. | | X | |
| | | (c) Is-sensors tal-ispid tar-roti neqsin jew bil-ħsara. | | X | |
| | | (d) Ħsara fis-sistema tal-wajering. | | X | |
| | | (e) Komponenti oħra neqsin jew bil-ħsara. | | X | |
| 1.7 | Sistema ta' bbrejkjar elettronika (EBS) | (a) Il-mezz ta' twissija ma jaħdimx sewwa. | | X | |
| | | (b) Il-mezz ta' twissija juri funzjonament ħażin fis-sistema. | | X | |
| | | 2. L-ISTERING | | | |
| 2.1. | Il-kundizzjoni mekkanika | | | | |
| 2.1.1. | Il-kundizzjoni tal-apparat tal-istering | (a) Guffaġni fil-funzjonament tal-apparat. | | X | |
| | | (b) Ix-xaft tas-settur mgħawweġ jew biċ-ċwievet mikula. | | X | X |
| | | (c) Ix-xaft tas-settur ittiekel wisq. | | X | X |
| | | (d) Moviment eċċessiv tax-xaft tas-settur. | | X | X |
| | | (e) Tnixxi. | X | X | |
| 2.1.2. | It-tqabbid tal-kejsing tar-rota tal-istering | (a) Il-kaxxa tal-apparat tal-istering mhux imqabbad sewwa. | | X | X |
| | | (b) Toqob ta' tqabbid fix-xażi mtawlin. | | X | X |
| | | (c) Boltijiet tat-tqabbid neqsin jew miksura. | | X | X |
| | | (d) Il-kejsing tal-apparat tal-istering miksur. | | X | X |
| 2.1.3. | Il-kundizzjoni tal-konnessjoni tal-istering | (a) Moviment relattiv bejn komponenti li għandhom ikunu fissi. | | X | X |
| | | (b) Il-ġonot ittieklu wisq. | | X | X |
| | | (c) Ksur jew deformazzjoni ta' xi komponent. | | X | X |
| | | (d) Nuqqas ta' mezzi li jorbtu. | | X | |
| | | (e) Allinjament ħażin tal-komponenti (eż. it-track rod jew id-drag link). | | X | |
| | | (f) Tiswija jew modifika mhux xierqa. | | X | X |
| | | (g) L-għatu kontra t-trab nieqes, bil-ħsara jew iddeterjora ħafna. | X | X | |

| Oġġett | | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | MiD | MaD | DD |
| 2.1.4. | Il-funzjonament tal-konnessjoni tal-istering | (a) Iċ-ċaqliq tal-konnessjoni tal-istering jaħbat ma' xi parti fissa tax-xażi. | | X | |
| | | (b) Waqfiet tal-istering li ma jaħdmux jew li huma nieqsa. | | X | |
| 2.1.5. | Il-power steering | (a) Tnixxija ta' fluwidu. | | X | X |
| | | (b) Fluwidu insuffiċjenti. | X | X | |
| | | (c) Il-mekkaniżmu ma jaħdimx. | | X | X |
| | | (d) Il-mekkaniżmu miksur jew mhux marbut sewwa. | | X | X |
| | | (e) Komponenti allinjati ħażin jew jaħbtu ma' xulxin. | | X | X |
| | | (f) Tiswija jew modifika mhux xierqa. | | X | X |
| | | (g) Kejbils/pajpijiet bil-ħsara, imsadda żżejjed. | | X | X |
| 2.2. | L-istering, il-kolonna u l-handle bar | | | | |
| 2.2.1. | Il-kundizzjoni tal-istering/tmun | (a) Moviment relattiv bejn l-istering u l-kolonna li jindika laxkezza. | | X | |
| | | (b) Nuqqas ta' mezz li jżomm fuq il-buttun tal-istering. | | X | X |
| | | (c) Ksur jew laxkezza fil-buttun tal-istering, ir-rim jew l-imgħażel. | | X | X |
| 2.2.2. | Il-kolonna/yokes u l-frieket tal-istering | (a) Moviment eċċessiv taċ-ċentru tal-istering 'il fuq u 'l isfel. | | X | |
| | | (b) Moviment eċċessiv tal-parti ta' fuq tal-kolonna b'mod radjali mill-fus tal-kolonna. | | X | |
| | | (c) Agganċ flessibbli deterjorat. | | X | |
| | | (d) L-attachment difettuż. | | X | X |
| | | (e) Tiswija jew modifika mhux xierqa. | | | X |
| 2.3. | Il-laxkezza tal-isteering | Laxkezza eċċessiva fl-istering (pereżempju moviment ta' punt fuq ir-rim li huwa aktar minn għoxrin fil-mija tad-dijametru tal-istering jew mhux skont ir-rekwiżiti) ([a]) | | X | X |
| 2.4. | L-allinjament tar-roti (X) ([b]) | L-allinjament mhux skont id-dejta tal-manifattur jew ir-rekwiżiti ([a]). | X | X | |
| 2.5. | Il-wiċċ tond idur (turntable) tal-fus tal-irmonk | (a) Komponent bil-ħsara jew imxaqqaq. | | X | X |
| | | (b) Laxkezza eċċessiva. | | X | X |
| | | (c) L-attakkament difettuż. | | X | X |

| Oġġett | | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | MiD | MaD | DD |
| 2.6. | Power Steering Elettroniku (EPS) | (a) Il-Bozza li Tindika Funzjonament Ħażin (MIL) tal-EPS tindika xi tip ta' falliment tas-sistema. | | X | |
| | | (b) Inkonsistenza bejn l-angolu tal-istering u l-angolu tar-roti. | | X | X |
| | | (c) L-assistenza tal-magna ma taħdimx. | | X | |
| | | 3. IL-VIŻIBBILTÀ | | | |
| 3.1. | L-ispazju tal-viżjoni | Ostruzzjoni fl-ispazju tal-viżjoni tas-sewwieq li taffettwa materjalment il-veduta tiegħu fuq quddiem u fil-ġnub. | X | X | |
| 3.2. | Il-kundizzjoni tal-ħġieġ | (a) Ħġieġ jew panew trasparenti (jekk permess) imxaqqaq jew li tilef il-lewn. | X | X | |
| | | (b) Ħġieġ jew panew trasparenti (fosthom tertuqa li tirrifletti jew mlewna) li ma jikkonformax mal-ispeċifikazzjonijiet fir-rekwiżiti ([a]) (XX) ([c]), | X | X | |
| | | (c) Ħġieġ jew panew trasparenti f'kundizzjoni mhux aċċettabbli. | | X | X |
| 3.3. | Mirja jew apparati li juru wara | (a) Il-mera jew l-apparat huwa nieqes jew mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti ([a]). | X | X | |
| | | (b) Il-mera jew l-apparat ma jaħdimx, bil-ħsara, laxk jew mhux imwaħħal sod. | X | X | |
| 3.4. | Il-wajpers tal-windskrin | (a) Il-wajpers ma jaħdmux jew huma neqsin. | | X | |
| | | (b) Il-lastku tal-wajper huwa nieqes jew ċar li difettuż. | X | X | |
| 3.5. | It-tagħmir li jaħsel il-windskrin | It-tagħmir li jaħsel il-windskrin ma jaħdimx sew. | X | X | |
| 3.6 | Is-sistema li tneħħi ċ-ċpar (X) ([b]) | Is-sistema ma taħdimx jew hija ċara li difettuża. | X | | |
| | | 4. FANALI, RIFLETTURI | | | |
| 4.1. | Il-fanali ta' quddiem | | | | |
| 4.1.1. | Il-kundizzjoni u l-funzjonament | (a) Dawl/sors ta' dawl difettuż jew nieqes. | X | X | |
| | | (b) Sistema ta' projezzjoni difettuża jew nieqsa (riflettur jew lenti). | X | X | |
| | | (c) Il-fanal mhux imqabbad sewwa. | | X | |
| 4.1.2. | L-allinjament | Il-mira ta' fanal ta' quddiem mhijiex fil-limiti stipulati fir-rekwiżiti ([a]). | | X | |
| 4.1.3. | Is-swiċċijiet | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]) (Għadd ta' fanali jixegħlu fl-istess ħin) | X | X | |
| | | (b) Funzjoni indebolita tal-mezz ta' kontroll. | | X | |

| Oġġett | | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | MiD | MaD | DD |
| 4.1.4. | Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]) | (a) Il-fanal, il-kulur li joħroġ, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]). | X | X | |
| | | (b) Prodotti fuq il-lenti jew fuq is-sors tad-dawl li jidher ċar li jnaqqsu l-intensità tad-dawl jew ibiddlu l-kulur emess | X | X | |
| | | (c) Is-sors tad-dawl u l-fanal mhumiex kompatibbli. | | X | |
| 4.1.5. | L-istrument ta' livellar (fejn obbligatorju) | (a) Il-mezz ma jaħdimx. | | X | |
| | | (b) L-istrument manwali ma jistax jitħaddem mis-siġġu tax-xufier. | | X | |
| 4.1.6. | Il-mezz li jnaddaf il-fanali ta' quddiem (fejn obbligatorju) | Il-mezz ma jaħdimx. | X | X | |
| 4.2. | Il-fanali ta' quddiem u ta' wara, il-fanali tal-ġenb u l-fanali li jimmarkaw il-linja ta' barra | | | | |
| 4.2.1. | Il-kundizzjoni u l-funzjonament | (a) Is-sors tad-dawl difettuż. | | X | |
| | | (b) Il-lenti difettuża. | | X | |
| | | (c) Il-fanal mhux imqabbad sewwa. | X | X | |
| 4.2.2 | Is-swiċċijiet | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]) | X | X | |
| | | (b) Funzjoni indebolita tal-mezz ta' kontroll. | | X | |
| 4.2.3. | Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]) | (a) Il-fanal, il-kulur li joħroġ, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]). | X | X | |
| | | (b) Prodotti fuq il-lenti jew fuq is-sors tad-dawl li jnaqqsu l-intensità tad-dawl jew ibiddlu l-kulur li joħroġ. | X | X | |
| 4.3. | Il-fanali tal-waqfien | | | | |
| 4.3.1. | Il-kundizzjoni u l-funzjonament | (a) Is-sors tad-dawl difettuż. | X | X | X |
| | | (b) Il-lenti difettuża. | X | X | |
| | | (c) Il-fanal mhux imqabbad sewwa. | X | X | |
| 4.3.2. | Is-swiċċijiet | (a) Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]) | X | X | X |
| | | (b) Funzjoni indebolita tal-mezz ta' kontroll. | | X | |
| 4.3.3. | Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]) | Il-fanal, il-kulur li joħroġ, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]). | X | X | |
| 4.4. | Lampi li jindikaw id-direzzjoni u lampi ta' twissija ta' periklu | | | | |
| 4.4.1. | Il-kundizzjoni u l-funzjonament | (a) Is-sors tad-dawl difettuż. | X | X | |
| | | (b) Il-lenti difettuża. | X | X | |

| Oġġett | | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | MiD | MaD | DD |
| | | (c) Il-fanal mhuwiex imqabbad sewwa. | X | X | |
| 4.4.2. | Is-swiċċijiet | Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]) | X | X | |
| 4.4.3. | Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]) | Il-fanal, il-kulur li joħroġ, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]). | X | X | |
| 4.4.4. | Il-frekwenza li biha jixegħlu u jitfu | Ir-rata li biha jixegħlu u jitfu mhix skont ir-rekwiżiti ([a]). | X | X | |
| 4.5. | Il-fanali taċ-ċpar ta' quddiem u ta' wara | | | | |
| 4.5.1. | Il-kundizzjoni u l-funzjonament | (a) Is-sors tad-dawl difettuż. | X | X | |
| | | (b) Il-lenti difettuża. | X | X | |
| | | (c) Il-fanal mhux imqabbad sewwa. | X | X | |
| 4.5.2 | L-allinjament (X) ([b]) | Il-fanal taċ-ċpar ta' quddiem barra mhux allinjat orizzontalment meta fid-disinn tad-dawl ikun hemm linja ta' qtugħ. | X | X | |
| 4.5.3. | Is-swiċċijiet | Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]) | X | X | |
| 4.5.4. | Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]) | (a) Il-fanal, il-kulur li joħroġ, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]) | | X | |
| | | (b) Is-sistema ma taħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]) | X | X | |
| 4.6. | Il-fanali tas-sewqan b'lura | | | | |
| 4.6.1. | Il-kundizzjoni u l-funzjonament | (a) Is-sors tad-dawl difettuż. | X | | |
| | | (b) Il-lenti difettuża. | X | | |
| | | (c) Il-fanal mhux imqabbad sewwa. | X | X | |
| 4.6.2. | Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]) | (a) Il-fanal, il-kulur li joħroġ, il-pożizzjoni jew l-intensità mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]). | X | X | |
| | | (b) Is-sistema ma taħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]). | X | X | |
| 4.6.3. | Is-swiċċijiet | Is-swiċċ ma jaħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]) | X | X | |
| 4.7. | Il-fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara | | | | |
| 4.7.1. | Il-kundizzjoni u l-funzjonament | (a) Il-fanal jixħet dawl dirett lura. | X | X | |
| | | (b) Is-sors tad-dawl difettuż. | X | X | |
| | | (c) Il-fanal mhux imqabbad sewwa. | X | X | |

| Oġġett | | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | MiD | MaD | DD |
| 4.7.2. | Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]) | Is-sistema ma taħdimx skont ir-rekwiżiti ([a]). | X | | |
| 4.8. | Ir-rifletturi ta' wara, l-immarkar tal-konspikwità (jirrifletti wara) u l-pjanċi li jimmarkaw wara | | | | |
| 4.8.1. | Il-kundizzjoni | (a) It-tagħmir li jirrifletti huwa difettuż jew bil-ħsara. | X | X | |
| | | (b) Ir-riflettur mhux imqabbad sewwa. | X | X | |
| 4.8.2. | Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]) | L-istrument, il-kulur rifless jew il-pożizzjoni mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]). | X | X | |
| 4.9. | Indikaturi obbligatorji għat-tagħmir tad-dawl | | | | |
| 4.9.1. | Il-kundizzjoni u l-funzjonament | Ma jaħdmux. | X | X | |
| 4.9.2. | Il-konformità mar-rekwiżiti ([a]) | Mhux skont ir-rekwiżiti. ([a]). | X | | |
| 4.10. | Il-konnessjonijiet elettriċi bejn il-vettura li tiġbed u l-karru jew is-semikarru | (a) Il-komponenti fissi mhumiex imqabbda sewwa. | X | X | |
| | | (b) Insulazzjoni bil-ħsara jew iddeterjorata. | X | X | |
| | | (c) Il-konnessjonijiet elettriċi tal-karru jew tal-vettura li tiġbed mhux jaħdmu sewwa. | | X | X |
| 4.11. | Il-wajering elettriku | (a) Il-wajering maħlul jew mhux marbut sewwa. | X | X | X |
| | | (b) Il-wajering iddeterjora. | X | X | X |
| | | (c) Insulazzjoni bil-ħsara jew iddeterjorata. | X | X | X |
| 4.12. | Fanali u retrorifletturi mhux obbligatorji (X) ([b]) | (a) Fanal/retroriflettur mhux imwaħħal skont ir-rekwiżiti ([a]). | X | X | |
| | | (b) Tħaddim tal-fanal mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). | X | X | |
| | | (c) Il-fanal/retroriflettur mhux imwaħħal sewwa. | X | X | |
| 4.13. | Batterija(i) | (a) Mhux marbuta. | X | X | |
| | | (b) Tnixxi. | X | X | |
| | | (c) Swiċċ difettuż (jekk meħtieġ). | | X | |
| | | (d) Fjusijiet difettużi (jekk meħtieġa). | | X | |
| | | (e) Ventilazzjoni inadegwata (jekk meħtieġa). | | X | |
| 5. IL-FUSIJIET, IR-ROTI, IT-TAJERS | | | | | |
| 5.1. | Il-fusijiet | | | | |
| 5.1.1. | Il-fusijiet | (a) Fus imxaqqaq jew sfurmat. | | | X |
| | | (b) Mhux imwaħħal sew mal-vettura. | | X | X |

| Oġġett | | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | MiD | MaD | DD |
| | | (c) Tiswija jew modifika mhux xierqa. | | X | X |
| 5.1.2. | Pern tal-fus (stub axle) | (a) Il-pern tal-fus imxaqqaq. | | | X |
| | | (b) Il-fus għat-tornikett u/jew il-buxxis ittieklu wisq. | | X | X |
| | | (c) Moviment eċċessiv bejn il-pern tal-fus u t-travu tal-fus (axle beam). | | X | X |
| | | (d) Il-pin tal-pern tal-fus laxk fil-fus. | | X | X |
| 5.1.3. | Il-bearings tar-rota | (a) Laxkezza eċċessiva f'bearing tar-rota. | | X | X |
| | | (b) Il-bearing tar-rota ssikkat iżżejjed, iġġammjat. | | X | X |
| 5.2. | Ir-roti u t-tajers | | | | |
| 5.2.1. | Il-buttun tar-roti tat-triq | (a) Xi skorfini jew pernijiet nieqsa jew laxki. | | X | X |
| | | (b) Il-buttun mittiekel jew bil-ħsara. | | X | X |
| 5.2.2. | Ir-roti | (a) Kwalunkwe ksur jew difett fil-welding. | | | X |
| | | (b) Iċ-ċrieki li jżommu t-tajers mhux imwaħħla sewwa. | | X | X |
| | | (c) Ir-rota mgħawġa ħafna jew mittiekla. | | X | X |
| | | (d) Id-daqs jew it-tip tar-rota mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]) u jaffettwaw is-sikurezza fit-triq. | | X | |
| 5.2.3. | It-tajers | (a) Id-daqs tat-tajers, il-kapaċità ta' tagħbija, il-marka tal-approvazzjoni jew il-klassifikazzjoni tal-veloċità mhumiex skont ir-rekwiżiti ([a]) u jaffettwaw is-sikurezza fit-triq. | | X | X |
| | | (b) It-tajers fuq l-istess fus jew fuq roti doppji ta' daqsijiet differenti. | | X | |
| | | (c) It-tajers fuq l-istess fus huma ta' kostruzzjoni differenti (radjali/cross-ply). | | X | |
| | | (d) Kwalunkwe ħsara jew qtugħ serju fit-tajer. | | X | X |
| | | (e) Il-ħxuna tat-tajer mhix skont ir-rekwiżiti ([a]). | | X | X |
| | | (f) It-tajer iħokk ma' komponenti oħra. | X | X | |
| | | (g) Tajers re-grooved mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). | | X | X |
| | | (h) Is-sistema li timmonitorja l-pressjoni tal-arja taħdem ħażin jew jidher ċar li ma taħdimx. | X | X | |
| 5.3. | Is-sistema tas-suspenxin | | | | |
| 5.3.1. | Il-molol u l-istabbilizzatur | (a) Il-molol mhumiex imqabbdin sod max-xażi jew mal-fus. | | X | X |

| Oġġett | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|
| | | MiD | MaD | DD |
| | (b) Komponent tal-molol bil-ħsara jew miksur. | | X | X |
| | (c) Molla nieqsa. | | X | X |
| | (d) Tiswija jew modifika mhux xierqa. | | X | X |
| 5.3.2. L-assorbituri | (a) L-assorbituri tal-iskossi mhumiex imqabbdin sod max-xażi jew mal-fus. | X | X | |
| | (b) Assorbitur tal-iskossi bil-ħsara li juri sinjali ta' leakage jew funzjonament ħażin jew severi. | | X | |
| 5.3.2.1. L-ittestjar tal-effiċjenza tad-damping (X) ([b]) | (a) Differenza sinifikanti bejn ix-xellug u l-lemin. | | X | |
| | (b) Il-valuri minimi mogħtija ma ntlaħqux. | | X | |
| 5.3.3. Torque tubes, radius arms, wishbones u suspension arms | (a) Komponent mhux imqabbad sod max-xażi jew mal-fus. | | X | X |
| | (b) Komponent bil-ħsara, miksur jew imsaddad ħafna. | | X | X |
| | (c) Tiswija jew modifika mhux xierqa. | | X | X |
| 5.3.4. Il-ġonot tas-suspenxin | (a) Il-fus għat-tornikett u/jew il-buxxis jew il-ġonot tas-suspenxin ittieklu wisq. | | X | X |
| | (b) L-għatu ta' kontra t-trab nieqes jew deterjorat severament. | X | X | |
| 5.3.5. Is-suspenxin tal-arja | (a) Is-sistema ma tistax titħaddem. | | | X |
| | (b) Xi komponent bil-ħsara, modifikat jew deterjorat b'mod li jaffettwa ħażin il-funzjonament tas-sistema. | | X | X |
| | (c) Tnixxija li tinstema' fis-sistema. | | X | |
| 6. IX-XAŻI | | | | |
| 6.1. Ix-xażi jew il-frejm u l-aċċessorji | | | | |
| 6.1.1. Il-kundizzjoni ġenerali | (a) Ksur jew deformazzjoni ta' xi naħa jew tal-cross member. | | X | X |
| | (b) Il-pjanċi jew l-irbit tat-tisħiħ mhumiex sodi. | | X | X |
| | (c) Sadid eċċessiv li jaffettwa r-riġidità tal-assemblaġġ. | | X | X |
| 6.1.2. Il-pajpijiet tal-egżost u s-silenzers | (a) Sistema tal-egżost mhux sikura jew li tnixxi. | | X | |
| | (b) Dħaħen li jidħlu fil-kabina jew fil-kompartiment tal-passiġġieri. | | X | X |
| 6.1.3. It-tank tal-fjuwil u l-pajpijiet (inkluż it-tank tal-fjuwil u l-pajpijiet) | (a) Tank jew pajpijiet mhux sikuri. | | X | X |
| | (b) Fjuwil inixxi jew tapp tal-filler nieqes jew mhux effettiv. | | X | X |

| Oġġett | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|
| | | MiD | MaD | DD |
| | (c) Pajpijiet bil-ħsara jew irritati. | X | X | |
| | (d) L-istopcock tal-fjuwil (jekk meħtieġ) ma jaħdimx sewwa. | | X | |
| | (e) Riskju ta' ħruq minħabba:<br>— tnixxija ta' fjuwil,<br>— depożiti ta' fjuwil jew ta' egżost mhux protetti sewwa,<br>— il-kundizzjoni tal-kompartiment tal-magna. | | X | X |
| | (f) Is-sistema tal-LPG/CNG jew tal-idroġenu mhix skont ir-rekwiżiti ([a]). | | X | X |
| 6.1.4. Il-bumpers, mezzi ta' protezzjoni laterali u tal-qiegħ fuq wara | (a) Il-laxkezza jew il-ħsara x'aktarx li tikkawża korriment meta xi ħadd iħokk magħha jew imissha. | | X | X |
| | (b) Jidher ċar li l-mezz mhux skont ir-rekwiżiti ([a]). | X | X | |
| 6.1.5. Il-karru tar-rota żejda (jekk imwaħħal) | (a) Il-karru mhux f'kundizzjoni tajba. | X | | |
| | (b) Il-karru huwa miksur jew mhux sikur. | | X | |
| | (c) Ir-rota żejda mhix imwaħħla sewwa u x'aktarx li taqa'. | | X | X |
| 6.1.6. Il-mekkaniżmi ta' agganċ u t-tagħmir tal-irmunkar | (a) Komponent bil-ħsara, difettuż jew imxaqqaq. | | X | X |
| | (b) Komponent mittiekel wisq. | | X | X |
| | (c) L-attachment difettuż. | | X | X |
| | (d) Xi strument tas-sikurezza nieqes jew mhux jaħdem sewwa. | | X | |
| | (e) Xi indikatur mhux jaħdem. | | X | |
| | (f) Pjanċa tar-reġistrazzjoni jew kwalunkwe lampa mgħottija (meta ma tkunx qiegħda tintuża). | X | X | |
| | (g) Tiswija jew modifika mhux xierqa. | | X | X |
| 6.1.7. It-trażmissjoni | (a) Boltijiet li torbot bihom laxki jew nieqsa. | | X | X |
| | (b) Il-bearings tax-xaft tat-trażmissjoni ttieklu wisq. | | X | X |
| | (c) Il-ġonot universali ttieklu wisq. | | X | X |
| | (d) Igganċjar flessibbli ddeterjorat. | | X | X |
| | (e) Xaft bil-ħsara jew mgħawweġ. | | X | |
| | (f) Il-housing tal-bearings miksur jew mhux sikur. | | X | X |
| | (g) L-għatu ta' kontra t-trab nieqes jew deterjorat severament. | X | X | |
| | (h) Modifika illegali tal-power-train. | | X | |

| Oġġett | raġuni għall-falliment | Linji gwida għall-valutazzjoni tad-difetti | | |
|---|---|---|---|---|
| | | MiD | MaD | DD |
| 6.1.8. Il-muntaturi tal-magna | Muntaturi deterjorati, bi ħsara li tidher ċar jew severa, laxki jew miksura. | | X | X |
| 6.1.9. Rendiment tal-magna | (a) L-unità ta' kontroll modifikata b'mod illegali. | | X | |
| | (b) Modifika illegali fil-magna. | | X | |
| 6.2. Il-kabina u x-xogħol fuq il-bodi | | | | |
| 6.2.1. Il-kundizzjoni | (a) Panew jew parti laxka jew bil-ħsara li tista' tikkawża korriment. | | X | X |
| | (b) Il-pilastru tal-bodi mhux sikur. | | X | X |
| | (c) Tippermetti d-dħul ta' dħaħen tal-magna jew tal-egżost. | | X | X |
| | (d) Tiswija jew modifika mhux xierqa. | | X | X |
| 6.2.2. L-immuntar | (a) Il-bodi jew il-kabina mhux sikuri. | | X | X |
| | (b) Jidher ċar li l-bodi/kabina mhux pożizzjonati b'mod kwadrat fuq ix-xażi. | | X | |
| | (c) Twaħħil mhux sikur jew nieqes tal-bodi/kabina max-xażi jew il-cross members. | | X | X |
| | (d) Sadid eċċessiv f'punti ta' twaħħil fuq korpi integrali. | | X | X |
| 6.2.3. Il-bibien u l-molol tal-bibien | (a) Bieba ma tinfetaħx jew ma tingħalaqx sewwa. | | X | |
